PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu*

**2013/0105(COD)**

10.12.2013

# EMENDI
# 49 - 365

**Abbozz ta' rapport**
**Jörg Leichtfried**
(PE521.689v01-00)

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996, li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali

Proposta għal direttiva
(COM(2013)0195 – C7-0102/2013 – 2013/0105(COD))



Magħquda fid-diversità

**Emenda 49**
**Eva Lichtenberger, Michael Cramer**
**Proposta għal direttiva**
**–**

| | |
|---|---|
| | *Proposta għal ċaħda* |
| | ***Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni.*** |

Or. en

**Emenda 50**
**Patricia van der Kammen**
**Proposta għal direttiva**
**Titolu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Proposta għal | Proposta għal |
| DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL | DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL |
| li temenda d-Direttiva ***96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996***, li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali | li temenda d-Direttiva ***2002/7/KE tat-18 ta' Frar 2002***, li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali |
| (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) |

Or. nl

**Emenda 51**
**Eva Lichtenberger, Michael Cramer**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Il-White Paper "Pjan Direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport - Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti" ppubblikata fl-2011[6], tenfasizza l-ħtieġa li sal-2050 jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, | (1) Il-White Paper "Pjan Direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport - Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti" ppubblikata fl-2011[6], tenfasizza l-ħtieġa li sal-2050 jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, |

| | |
|---|---|
| u b'mod partikolari dawk tad-diossidu tal-karbonju (CO2), b'60 % meta mqabbel mal-livell tal-1990. | u b'mod partikolari dawk tad-diossidu tal-karbonju (CO2), b'60 % meta mqabbel mal-livell tal-1990***, kif ukoll b'20 % sal-2020***. |
| [6] COM (2011) 0144: - | [6] COM (2011) 0144: - |

Or. en

**Emenda 52**
**Patricia van der Kammen**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(1) Il-White Paper "Pjan Direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport - Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti" ppubblikata fl-2011, tenfasizza l-ħtieġa li sal-2050 jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, u b'mod partikolari dawk tad-diossidu tal-karbonju (CO2), b'60 % meta mqabbel mal-livell tal-1990.*** | ***imħassra*** |
| ***[6] COM(2011) 144 finali.*** | |

Or. nl

**Emenda 53**
**Eva Lichtenberger, Michael Cramer**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Billi attwalment ma hemm l-ebda politika stabbilita li tittratta l-emissjonijiet li qed jiżdiedu tas-$CO_2$ mit-trakkijiet, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-introduzzjoni ta' standards ta' effiċjenza fl-użu tal-fjuwil għat-trakkijiet, billi tkompli testendi l-approċċ leġiżlattiv tagħha dwar il-karozzi u l-vannijiet.*** |

Or. en

**Emenda 54**
**Patricia van der Kammen**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) F'dan il-qafas, il-White Paper tipprevedi li tadatta d-Direttiva ***96/53/KE*** tal-Kunsill ***tal-25 ta' Lulju 1996*** li tiffissa, għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali, sabiex tnaqqas il-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet tal-gass serra, b'mod li tadatta l-liġi għall-evoluzzjoni tat-teknoloġiji u għall-bżonnijiet ġodda tas-suq, u sabiex tiffaċilita t-trasport intermodali. | (2) F'dan il-qafas, il-White Paper tipprevedi li tadatta d-Direttiva ***2002/7/KE*** tal-Kunsill ***tat-18 ta' Frar 2002*** li tiffissa, għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali, sabiex tnaqqas il-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet tal-gass serra, b'mod li tadatta l-liġi għall-evoluzzjoni tat-teknoloġiji u għall-bżonnijiet ġodda tas-suq, u sabiex tiffaċilita t-trasport intermodali. |

Or. nl

**Emenda 55**
**Eva Lichtenberger, Michael Cramer**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) L-evoluzzjonijiet teknoloġiċi jinkludu l-possibbiltà li jiżdied tagħmir ajrudinamiku li jkun jista' jidħol 'il ġewwa jew jintewa fuq wara tal-vetturi, l-aktar trejlers jew semitrejlers***, iżda li jaqbżu t-tul massimu permess mid-Direttiva 96/53/KE***. L-istallazzjoni ta' dan it-tagħmir tista' ssir immedjatament, mad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, minħabba li l-prodotti huma disponibbli fis-suq u diġà jintużaw f'kontinenti oħrajn. | (3) L-evoluzzjonijiet teknoloġiċi jinkludu l-possibbiltà li jiżdied tagħmir ajrudinamiku li jkun jista' jidħol 'il ġewwa jew jintewa fuq wara tal-vetturi, l-aktar trejlers jew semitrejlers. L-istallazzjoni ta' dan it-tagħmir tista' ssir immedjatament, mad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, minħabba li l-prodotti huma disponibbli fis-suq u diġà jintużaw f'kontinenti oħrajn. |

Or. en

**Emenda 56**
**Corien Wortmann-Kool**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (3) L-evoluzzjonijiet teknoloġiċi jinkludu l-possibbiltà li jiżdied tagħmir ajrudinamiku li jkun jista' jidħol 'il ġewwa jew jintewa fuq wara tal-vetturi, l-aktar trejlers jew semitrejlers, iżda li jaqbżu t-tul massimu permess mid-Direttiva 96/53/KE. L-istallazzjoni ta' dan it-tagħmir tista' ssir immedjatament, mad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, minħabba li l-prodotti huma disponibbli fis-suq u diġà jintużaw f'kontinenti oħrajn. | (3) L-evoluzzjonijiet teknoloġiċi jinkludu l-possibbiltà li jiżdied tagħmir ajrudinamiku li jkun jista' jidħol 'il ġewwa jew jintewa fuq wara tal-vetturi, l-aktar trejlers jew semitrejlers, iżda li jaqbżu t-tul massimu permess mid-Direttiva 96/53/KE. L-istallazzjoni ta' dan it-tagħmir tista' ssir immedjatament, mad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, minħabba li l-prodotti huma disponibbli fis-suq u diġà jintużaw f'kontinenti oħrajn. ***Din id-Direttiva għandha tħeġġeġ u tiffaċilita wkoll l-innovazzjoni fid-disinn tal-vetturi u tal-unitajiet tat-trasport.*** |

Or. en

**Emenda 57**
**Phil Bennion**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (3) L-evoluzzjonijiet teknoloġiċi jinkludu l-possibbiltà li jiżdied tagħmir ajrudinamiku li jkun jista' jidħol 'il ġewwa jew jintewa fuq wara tal-vetturi, l-aktar trejlers jew semitrejlers, iżda li jaqbżu t-tul massimu permess mid-Direttiva 96/53/KE. L-istallazzjoni ta' dan it-tagħmir tista' ssir immedjatament, ***mad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva,*** minħabba li l-prodotti huma disponibbli fis-suq u diġà jintużaw f'kontinenti oħrajn. | (3) L-evoluzzjonijiet teknoloġiċi jinkludu l-possibbiltà li jiżdied tagħmir ajrudinamiku li jkun jista' jidħol 'il ġewwa jew jintewa fuq wara tal-vetturi, l-aktar trejlers jew semitrejlers, iżda li jaqbżu t-tul massimu permess mid-Direttiva 96/53/KE. L-istallazzjoni ta' dan it-tagħmir tista' ssir immedjatament ***hekk kif ir-rekwiżiti xierqa jiġu stabbiliti fil-livell Ewropew***, minħabba li l-prodotti huma disponibbli fis-suq u diġà jintużaw f'kontinenti oħrajn. |

Or. en

**Emenda 58**
**Dieter-Lebrecht Koch**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) L-evoluzzjonijiet teknoloġiċi jinkludu l-possibbiltà li jiżdied tagħmir ajrudinamiku li jkun jista' jidħol 'il ġewwa jew jintewa fuq wara tal-vetturi, l-aktar trejlers jew semitrejlers, iżda li jaqbżu t-tul massimu permess mid-Direttiva 96/53/KE. L-istallazzjoni ta' dan it-tagħmir tista' ssir immedjatament, mad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, minħabba li l-prodotti huma disponibbli fis-suq u diġà jintużaw f'kontinenti oħrajn. | (3) L-evoluzzjonijiet teknoloġiċi jinkludu l-possibbiltà li jiżdied tagħmir ajrudinamiku li jkun jista' jidħol 'il ġewwa jew jintewa fuq wara tal-vetturi, l-aktar trejlers jew semitrejlers, iżda li jaqbżu t-tul massimu permess mid-Direttiva 96/53/KE. L-istallazzjoni ta' dan it-tagħmir tista' ssir immedjatament, mad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, minħabba li l-prodotti huma disponibbli fis-suq u diġà jintużaw f'kontinenti oħrajn. ***L-istess japplika għall-flaps ajrudinamiċi li jassorbu l-enerġija u t-tagħmir li jservi għall-protezzjoni tal-qiegħ u li huwa mmuntat fil-ġenb qrib ir-roti u fil-parti ta' wara taħt is-semitrejlers, trejlers u vetturi oħrajn. Dan jista' mhux biss itejjeb b'mod sinifikanti l-effiċjenza tal-enerġija tal-vettura, iżda wkoll il-ħarsien tas-saħħa tal-utenti l-oħra tat-triq.*** |

Or. de

**Emenda 59**
**Patricia van der Kammen**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) L-evoluzzjonijiet teknoloġiċi jinkludu l-possibbiltà li jiżdied tagħmir ajrudinamiku li jkun jista' jidħol 'il ġewwa jew jintewa fuq wara tal-vetturi, l-aktar trejlers jew semitrejlers, iżda li jaqbżu t-tul massimu permess mid-Direttiva ***96/53/KE***. L-istallazzjoni ta' dan it-tagħmir tista' ssir immedjatament, mad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, minħabba li l-prodotti huma disponibbli fis-suq u diġà jintużaw f'kontinenti oħrajn. | (3) L-evoluzzjonijiet teknoloġiċi jinkludu l-possibbiltà li jiżdied tagħmir ajrudinamiku li jkun jista' jidħol 'il ġewwa jew jintewa fuq wara tal-vetturi, l-aktar trejlers jew semitrejlers, iżda li jaqbżu t-tul massimu permess mid-Direttiva ***2002/7/KE***. L-istallazzjoni ta' dan it-tagħmir tista' ssir immedjatament, mad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, minħabba li l-prodotti huma disponibbli fis-suq u diġà jintużaw f'kontinenti oħrajn. |

Or. nl

**Emenda 60**
**Eva Lichtenberger, Michael Cramer**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) il-Kummissjoni għandha tiżviluppa approċċ għat-tnaqqis tal-vjaġġi ta' kontejners vojta fit-trasport tat-triq tal-merkanzija fi ħdan il-qafas tal-miżuri li jikkonċernaw 'il-piżijiet u d-dimensjonijiet' kif ukoll regoli ta' armonizzazzjoni minima għall-kabotaġġ tat-triq sabiex jiġu evitati prattiki ta' dumping. Barra minn hekk, ir-reviżjoni tad-Direttiva tal-Eurovignette għandha tintuża wkoll biex tirrifletti l-progress fl-istima tal-kostijiet esterni u għall-awtorizzazzjoni tal-internalizzazzjoni tal-kostijiet esterni għall-vetturi tqal tal-merkanzija. Il-Kummissjoni għandha tagħmel proposta biex temenda d-Direttiva 2011/76/UE sal-1 ta' Jannar 2015.*** |

Or. en

**Emenda 61**
**Phil Bennion**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) It-titjib tal-ajrudinamika tal-kabina tal-vetturi bil-mutur għandha tippermetti ***wkoll*** titjib vantaġġjuż fuq il-prestazzjonijiet enerġetiċi tal-vetturi, flimkien mat-tagħmir imsemmi fil-premessa 3 iktar 'il fuq. Madankollu, dan it-titjib huwa impossibbli bil-limiti attwali fuq it-tul stabbiliti mid-Direttiva 96/53/KE, mingħajr ma titnaqqas il-kapaċità tal-vetturi, li jqiegħed fil-periklu l-bilanċ ekonomiku tal-qasam. Għalhekk għandha tiġi pprovduta deroga fuq it-tul massimu. | (4) ***Il-vetturi tqal tal-merkanzija huma responsabbli għal madwar 26 fil-mija tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ tat-trasport tat-triq fl-Ewropa waqt li l-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil tagħhom bilkemm tjiebet għal dawn l-aħħar 20 sena.*** It-titjib tal-ajrudinamika tal-kabina tal-vetturi bil-mutur għandha tippermetti titjib vantaġġjuż fuq il-prestazzjonijiet enerġetiċi tal-vetturi, flimkien mat-tagħmir imsemmi fil-premessa 3 iktar 'il fuq ***u huma meħtieġa b'mod urġenti sabiex is-settur tat-trasport tat-triq tal-merkanzija jnaqqas b'mod*** |

| | |
|---|---|
| | ***sinifikanti l-emissjonijiet tal-vetturi***. Madankollu, dan it-titjib huwa impossibbli bil-limiti attwali fuq it-tul stabbiliti mid-Direttiva 96/53/KE, mingħajr ma titnaqqas il-kapaċità tal-vetturi, li jqiegħed fil-periklu l-bilanċ ekonomiku tal-qasam. Għalhekk għandha tiġi pprovduta deroga fuq it-tul massimu. ***Kwalunkwe deroga m'għandhiex tintuża biex iżżid it-tagħbija utli tal-vettura.*** |

Or. en

**Emenda 62**
**Dieter-Lebrecht Koch**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) It-titjib tal-ajrudinamika tal-kabina tal-vetturi bil-mutur għandha tippermetti wkoll titjib vantaġġjuż fuq il-prestazzjonijiet enerġetiċi tal-vetturi, flimkien mat-tagħmir imsemmi fil-premessa 3 iktar 'il fuq. Madankollu, dan it-titjib ***huwa*** impossibbli bil-limiti attwali fuq it-tul stabbiliti mid-Direttiva 96/53/KE, mingħajr ma titnaqqas il-kapaċità tal-vetturi, li jqiegħed fil-periklu l-bilanċ ekonomiku tal-qasam. Għalhekk għandha tiġi pprovduta deroga fuq it-tul massimu. | (4) It-titjib tal-ajrudinamika tal-kabina ***tas-sewwieq*** tal-vetturi bil-mutur għandha tippermetti wkoll titjib vantaġġjuż fuq il-prestazzjonijiet enerġetiċi tal-vetturi ***u fil-protezzjoni tal-utenti l-oħra tat-triq***, flimkien mat-tagħmir imsemmi ***magħmul minn materjal li jassorbi l-enerġija*** fil-premessa 3 iktar 'il fuq. Madankollu, dan it-titjib ***u t-titjib tas-sikurezza fit-triq huma*** impossibbli bil-limiti attwali fuq it-tul stabbiliti mid-Direttiva 96/53/KE, mingħajr ma titnaqqas il-kapaċità tal-vetturi, li jqiegħed fil-periklu l-bilanċ ekonomiku tal-qasam. Għalhekk għandha tiġi pprovduta deroga fuq it-tul massimu. |

Or. de

**Emenda 63**
**Dieter-Lebrecht Koch**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) It-titjib tal-ajrudinamika tal-kabina tal-vetturi bil-mutur għandha tippermetti wkoll titjib vantaġġjuż fuq il-prestazzjonijiet | (4) It-titjib tal-ajrudinamika tal-kabina ***tas-sewwieq*** tal-vetturi bil-mutur għandha tippermetti wkoll titjib vantaġġjuż fuq il- |

| | |
|---|---|
| enerġetiċi tal-vetturi, flimkien mat-tagħmir imsemmi fil-premessa 3 iktar ’il fuq. Madankollu, dan it-titjib huwa impossibbli bil-limiti attwali fuq it-tul stabbiliti mid-Direttiva 96/53/KE, mingħajr ma titnaqqas il-kapaċità tal-vetturi, li jqiegħed fil-periklu l-bilanċ ekonomiku tal-qasam. Għalhekk għandha tiġi pprovduta deroga fuq it-tul massimu. | prestazzjonijiet enerġetiċi tal-vetturi, flimkien mat-tagħmir imsemmi fil-premessa 3 iktar ’il fuq. Madankollu, dan it-titjib huwa impossibbli bil-limiti attwali fuq it-tul stabbiliti mid-Direttiva 96/53/KE, mingħajr ma titnaqqas il-kapaċità tal-vetturi, li jqiegħed fil-periklu l-bilanċ ekonomiku tal-qasam. Għalhekk għandha tiġi pprovduta deroga fuq it-tul massimu.<br>***(Din l-emenda lingwistika għandha tapplika għat-test sħiħ.)*** |

Or. de

**Emenda 64**
**Eva Lichtenberger, Michael Cramer**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) It-titjib tal-ajrudinamika tal-kabina tal-vetturi bil-mutur għandha tippermetti wkoll titjib vantaġġjuż fuq il-prestazzjonijiet enerġetiċi tal-vetturi, ***flimkien mat-tagħmir imsemmi fil-premessa 3 iktar ’il fuq. Madankollu,*** dan it-titjib huwa ***impossibbli*** bil-limiti attwali fuq it-tul stabbiliti mid-Direttiva 96/53/KE, mingħajr ma titnaqqas il-kapaċità tal-vetturi, li jqiegħed fil-periklu l-bilanċ ekonomiku tal-qasam. ***Għalhekk għandha tiġi pprovduta deroga fuq it-tul massimu.*** | (4) It-titjib tal-ajrudinamika tal-kabina tal-vetturi bil-mutur għandha tippermetti wkoll titjib vantaġġjuż fuq il-prestazzjonijiet enerġetiċi tal-vetturi***. Kif intwera mis-settur***, dan it-titjib huwa ***possibbli*** bil-limiti attwali fuq it-tul stabbiliti mid-Direttiva 96/53/KE, mingħajr ma titnaqqas il-kapaċità tal-vetturi, li jqiegħed fil-periklu l-bilanċ ekonomiku tal-qasam. |

Or. en

**Emenda 65**
**Patricia van der Kammen**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) It-titjib tal-ajrudinamika tal-kabina tal-vetturi bil-mutur għandha tippermetti wkoll titjib vantaġġjuż fuq il-prestazzjonijiet enerġetiċi tal-vetturi, flimkien mat-tagħmir | (4) It-titjib tal-ajrudinamika tal-kabina tal-vetturi bil-mutur għandha tippermetti wkoll titjib vantaġġjuż fuq il-prestazzjonijiet enerġetiċi tal-vetturi, flimkien mat-tagħmir |

| | |
|---|---|
| imsemmi fil-premessa 3 iktar 'il fuq. Madankollu, dan it-titjib huwa impossibbli bil-limiti attwali fuq it-tul stabbiliti mid-Direttiva ***96/53/KE***, mingħajr ma titnaqqas il-kapaċità tal-vetturi, li jqiegħed fil-periklu l-bilanċ ekonomiku tal-qasam. Għalhekk għandha tiġi pprovduta deroga fuq it-tul massimu. | imsemmi fil-premessa 3 iktar 'il fuq. Madankollu, dan it-titjib huwa impossibbli bil-limiti attwali fuq it-tul stabbiliti mid-Direttiva ***2002/7/KE***, mingħajr ma titnaqqas il-kapaċità tal-vetturi, li jqiegħed fil-periklu l-bilanċ ekonomiku tal-qasam. Għalhekk għandha tiġi pprovduta deroga fuq it-tul massimu. |

Or. nl

**Emenda 66**
**Phil Bennion**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Fil-linji gwida tagħha dwar is-sikurezza tat-triq 2011-20207, il-Kummissjoni tipprevedi azzjonijiet bil-għan li l-vetturi jsiru aktar sikuri u li titjieb il-protezzjoni tal-utenti vulnerabbli. Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2007/38/KE dwar ir-retrofitting ta' mirja fuq vetturi tqal tal-merkanzija reġistrati fil-Komunità[8], enfasizza wkoll l-importanza tal-viżibbiltà tas-sewwieqa tal-vetturi. Forma ġdida tal-kabini għandha tikkontribwixxi wkoll għat-titjib fis-sikurezza tat-triq billi ***jonqos*** il-parti mhux viżibbli fil-viżjoni tas-sewwieqa, b'mod partikolari taħt il-windskrin, u b'hekk issalva għadd ta' ħajjiet ta' utenti vulnerabbli bħall-persuni għaddejjin bil-mixi jew ċiklisti. Din il-forma l-ġdida ***se*** tippermetti wkoll li jiġu previsti l-istrutturi tal-assorbiment tal-enerġija f'każ ta' ħabta. Iż-żieda potenzjali fil-volum tal-kabina għandha tippermetti wkoll li jitjiebu l-livelli ta' kumdità u ta' sikurezza għas-sewwieq. | (5) Fil-linji gwida tagħha dwar is-sikurezza tat-triq 2011-2020[7], il-Kummissjoni tipprevedi azzjonijiet bil-għan li l-vetturi jsiru aktar sikuri u li titjieb il-protezzjoni tal-utenti vulnerabbli. Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2007/38/KE dwar ir-retrofitting ta' mirja fuq vetturi tqal tal-merkanzija reġistrati fil-Komunità[8], enfasizza wkoll l-importanza tal-viżibbiltà tas-sewwieqa tal-vetturi. Forma ġdida tal-kabini għandha tikkontribwixxi wkoll għat-titjib fis-sikurezza tat-triq billi ***tonqos*** il-parti mhux viżibbli fil-viżjoni tas-sewwieqa, b'mod partikolari taħt il-windskrin ***u fil-ġenb tal-vettura***, u b'hekk issalva għadd ta' ħajjiet ta' utenti vulnerabbli bħall-persuni għaddejjin bil-mixi jew ċiklisti. Din il-forma l-ġdida ***għandha*** tippermetti wkoll li jiġu previsti l-istrutturi tal-assorbiment tal-enerġija f'każ ta' ħabta. Iż-żieda potenzjali fil-volum tal-kabina għandha tippermetti wkoll li jitjiebu l-livelli ta' kumdità u ta' sikurezza għas-sewwieq. |
| [7] COM(2010) 389<br>[8] COM(2012) 258 | [7] COM(2010) 389<br>[8] COM(2012) 258 |

Or. en

**Emenda 67**
**Jörg Leichtfried**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Fil-linji gwida tagħha dwar is-sikurezza tat-triq 2011-2020[7] , il-Kummissjoni tipprevedi azzjonijiet bil-għan li l-vetturi jsiru aktar sikuri u li titjieb il-protezzjoni tal-utenti vulnerabbli. Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2007/38/KE dwar ir-retrofitting ta' mirja fuq vetturi tqal tal-merkanzija reġistrati fil-Komunità[8] , enfasizza wkoll l-importanza tal-viżibbiltà tas-sewwieqa tal-vetturi. Forma ġdida tal-kabini għandha tikkontribwixxi wkoll għat-titjib fis-sikurezza tat-triq billi ***jonqos*** il-parti mhux viżibbli fil-viżjoni tas-sewwieqa, b'mod partikolari taħt il-windskrin, u b'hekk issalva għadd ta' ħajjiet ta' utenti vulnerabbli bħall-persuni għaddejjin bil-mixi jew ċiklisti. Din il-forma l-ġdida ***se tippermetti wkoll li*** jiġu previsti l-istrutturi tal-assorbiment tal-enerġija f'każ ta' ħabta. Iż-żieda potenzjali fil-volum tal-kabina għandha tippermetti wkoll li jitjiebu l-livelli ta' kumditā u ta' sikurezza għas-sewwieq. | (5) Fil-linji gwida tagħha dwar is-sikurezza tat-triq 2011-2020[7] , il-Kummissjoni tipprevedi azzjonijiet bil-għan li l-vetturi jsiru aktar sikuri u li titjieb il-protezzjoni tal-utenti vulnerabbli. Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2007/38/KE dwar ir-retrofitting ta' mirja fuq vetturi tqal tal-merkanzija reġistrati fil-Komunità[8] , enfasizza wkoll l-importanza tal-viżibbiltà tas-sewwieqa tal-vetturi. Forma ġdida tal-kabini għandha tikkontribwixxi wkoll għat-titjib fis-sikurezza tat-triq billi ***tonqos*** il-parti mhux viżibbli fil-viżjoni tas-sewwieqa, b'mod partikolari taħt il-windskrin, u b'hekk issalva għadd ta' ħajjiet ta' utenti vulnerabbli bħall-persuni għaddejjin bil-mixi jew ċiklisti. ***Il-forma ġdida tal-kabini għandha għalhekk, wara perjodu tranżitorju adattat, issir obbligatorja. B'***din il-forma l-ġdida ***għandhom ukoll*** jiġu previsti l-istrutturi tal-assorbiment tal-enerġija f'każ ta' ħabta. Iż-żieda potenzjali fil-volum tal-kabina għandha tippermetti wkoll li jitjiebu l-livelli ta' kumditā u ta' sikurezza għas-sewwieq. |
| [8] ***COM*** (2012) 258. | [8] ***KUMM*** (2012) 258. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Korrezzjoni tal-emenda rispettiva fl-abbozz ta' rapport, sabiex fir-rigward tal-kontenut tkun taqbel mal-emenda tal-Artikolu 1(7).*

**Emenda 68**
**Eva Lichtenberger, Michael Cramer**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Fil-linji gwida tagħha dwar is-sikurezza tat-triq 2011-20207, il-Kummissjoni tipprevedi azzjonijiet bil-għan li l-vetturi jsiru aktar sikuri u li titjieb il-protezzjoni tal-utenti vulnerabbli. Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2007/38/KE dwar ir-retrofitting ta' mirja fuq vetturi tqal tal-merkanzija reġistrati fil-Komunità[8], enfasizza wkoll l-importanza tal-viżibbiltà tas-sewwieqa tal-vetturi. Forma ġdida tal-kabini għandha tikkontribwixxi wkoll għat-titjib fis-sikurezza tat-triq billi ***jonqos*** il-parti mhux viżibbli fil-viżjoni tas-sewwieqa, b'mod partikolari taħt il-windskrin, u b'hekk issalva għadd ta' ħajjiet ta' utenti vulnerabbli bħall-persuni għaddejjin bil-mixi jew ċiklisti. Din il-forma l-ġdida ***se*** tippermetti wkoll li jiġu previsti l-istrutturi tal-assorbiment tal-enerġija f'każ ta' ħabta. Iż-żieda potenzjali fil-volum tal-kabina għandha tippermetti wkoll li jitjiebu l-livelli ta' kumdità u ta' sikurezza għas-sewwieq. | (5) Fil-linji gwida tagħha dwar is-sikurezza tat-triq 2011-2020[7], il-Kummissjoni tipprevedi azzjonijiet bil-għan li l-vetturi jsiru aktar sikuri u li titjieb il-protezzjoni tal-utenti vulnerabbli. Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2007/38/KE dwar ir-retrofitting ta' mirja fuq vetturi tqal tal-merkanzija reġistrati fil-Komunità[8], enfasizza wkoll l-importanza tal-viżibbiltà tas-sewwieqa tal-vetturi. Forma ġdida tal-kabini għandha tikkontribwixxi wkoll għat-titjib fis-sikurezza tat-triq billi ***tonqos*** il-parti mhux viżibbli fil-viżjoni tas-sewwieqa, b'mod partikolari taħt il-windskrin ***u fil-ġenb tal-vettura***, u b'hekk issalva għadd ta' ħajjiet ta' utenti vulnerabbli bħall-persuni għaddejjin bil-mixi jew ċiklisti. Din il-forma l-ġdida ***għandha*** tippermetti wkoll li jiġu previsti l-istrutturi tal-assorbiment tal-enerġija f'każ ta' ħabta ***u tista' tiġi ssimplifikata għad-diflessjoni ta' utenti oħra tat-triq f'każ ta' ħabta biex jiġu evitati l-overruns***. ***Waqt li jinżammu fil-limiti tad-dimensjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 96/53/KE, id-disinji l-ġodda tal-kabini għandhom jikkonformaw ma' rekwiżiti ta' titjib tal-viżibbiltà diretta, kriterji tal-assorbiment tal-enerġija u rekwiżiti ta' protezzjoni tal-persuni mexjin.*** Iż-żieda potenzjali fil-volum tal-kabina għandha tippermetti wkoll li jitjiebu l-livelli ta' kumdità u ta' sikurezza għas-sewwieq. |
| [7] COM(2010) 389 | [7] COM(2010) 389 |
| [8] COM(2012) 258 | [8] COM(2012) 258 |

Or. en

**Emenda 69**
**Brian Simpson, Saïd El Khadraoui**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Fil-linji gwida tagħha dwar is-sikurezza tat-triq 2011-20207, il-Kummissjoni tipprevedi azzjonijiet bil-għan li l-vetturi jsiru aktar sikuri u li titjieb il-protezzjoni tal-utenti vulnerabbli. Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2007/38/KE dwar ir-retrofitting ta' mirja fuq vetturi tqal tal-merkanzija reġistrati fil-Komunità[8], enfasizza wkoll l-importanza tal-viżibbiltà tas-sewwieqa tal-vetturi. Forma ġdida tal-kabini għandha tikkontribwixxi wkoll għat-titjib fis-sikurezza tat-triq billi ***jonqos*** il-parti mhux viżibbli fil-viżjoni tas-sewwieqa, b'mod partikolari taħt il-windskrin, u b'hekk issalva għadd ta' ħajjiet ta' utenti vulnerabbli bħall-persuni għaddejjin bil-mixi jew ċiklisti. Din il-forma l-ġdida ***se*** tippermetti wkoll li jiġu previsti l-istrutturi tal-assorbiment tal-enerġija f'każ ta' ħabta. Iż-żieda potenzjali fil-volum tal-kabina għandha tippermetti wkoll li jitjiebu l-livelli ta' kumdità u ta' sikurezza għas-sewwieq. | (5) Fil-linji gwida tagħha dwar is-sikurezza tat-triq 2011-2020[7], il-Kummissjoni tipprevedi azzjonijiet bil-għan li l-vetturi jsiru aktar sikuri u li titjieb il-protezzjoni tal-utenti vulnerabbli. Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2007/38/KE dwar ir-retrofitting ta' mirja fuq vetturi tqal tal-merkanzija reġistrati fil-Komunità[8], enfasizza wkoll l-importanza tal-viżibbiltà tas-sewwieqa tal-vetturi. Forma ġdida tal-kabini għandha tikkontribwixxi wkoll għat-titjib fis-sikurezza tat-triq billi ***tonqos*** il-parti mhux viżibbli fil-viżjoni tas-sewwieqa, b'mod partikolari taħt il-windskrin ***u fil-ġenb tal-vettura***, u b'hekk issalva għadd ta' ħajjiet ta' utenti vulnerabbli bħall-persuni għaddejjin bil-mixi jew ċiklisti. Din il-forma ***ġdida tal-kabini għandha għalhekk, wara perjodu tranżitorju adattat, issir obbligatorja. Din il-forma*** l-ġdida ***għandha*** tippermetti wkoll li jiġu previsti l-istrutturi tal-assorbiment tal-enerġija f'każ ta' ħabta ***u tista' tiġi ssimplifikata għad-diflessjoni ta' utenti oħra tat-triq f'każ ta' ħabta biex jiġu evitati l-overruns***. ***Huwa essenzjali li d-disinji l-ġodda tal-kabini li jibbenefikaw mill-qbiż fit-tul jikkonformaw ma' rekwiżiti ta' titjib tal-viżibbiltà diretta, kriterji tal-assorbiment tal-enerġija u rekwiżiti ta' protezzjoni tal-persuni mexjin.*** Iż-żieda potenzjali fil-volum tal-kabina għandha tippermetti wkoll li jitjiebu l-livelli ta' kumdità u ta' sikurezza għas-sewwieq***, li bħala riżultat għandu jkollhom effett fuq is-sewqan sikur tal-vetturi, b'mod partikolari l-vetturi tqal tal-merkanzija***. ***Fl-interess tat-*** |

| | |
|---|---|
| | ***titjib tal-idoneità tas-sewwieqa biex isuqu b'mod iktar sikur u b'hekk tittejjeb is-sikurezza tat-triq, huwa essenzjali wkoll li d-disinji l-ġodda tal-kabini jtejbu d-daqs, is-sikurezza u l-kumdità tal-kabina tas-sewqan.*** |
| [7] COM(2010) 389<br>[8] COM(2012) 258 | [7] COM(2010) 389<br>[8] COM(2012) 258 |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li jkun ċar kif għandha tittejjeb is-sikurezza tal-kabina fl-interess tal-utenti vulnerabbli, bħaċ-ċiklisti u l-persuni mexjin u s-sewwieqa nfushom. It-titjib tad-disinn tal-kabini għas-sewwieqa jwassal ukoll għal sewqan iktar sikur. Barra minn hekk huwa essenzjali li t-titjib tas-sikurezza jsir obbligatorju sabiex b'hekk dan it-tibdil ikollu impatt reali fuq l-għadd ta' mwiet li jistgħu jiġu evitati u li huma żejda fit-toroq tagħna.*

**Emenda 70**
**Dieter-Lebrecht Koch**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Fil-linji gwida tagħha dwar is-sikurezza tat-triq ***2011-2020***, il-Kummissjoni tipprevedi azzjonijiet bil-għan li l-vetturi jsiru aktar sikuri u li titjieb il-protezzjoni tal-utenti vulnerabbli. Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2007/38/KE dwar ir-retrofitting ta' mirja fuq vetturi tqal tal-merkanzija reġistrati fil-Komunità[8], enfasizza wkoll l-importanza tal-viżibbiltà tas-sewwieqa tal-vetturi. Forma ġdida tal-kabini għandha tikkontribwixxi wkoll għat-titjib fis-sikurezza tat-triq billi ***jonqos*** il-parti mhux viżibbli fil-viżjoni tas-sewwieqa, b'mod partikolari taħt il-windskrin, u b'hekk issalva għadd ta' ħajjiet ta' utenti vulnerabbli bħall-persuni għaddejjin bil-mixi jew ċiklisti. Din il-forma l-ġdida ***se tippermetti*** wkoll ***li*** jiġu previsti l-istrutturi | (5) Fil-linji gwida tagħha dwar is-sikurezza tat-triq ***2011-2020***[7], il-Kummissjoni tipprevedi azzjonijiet bil-għan li l-vetturi jsiru aktar sikuri u li titjieb il-protezzjoni tal-utenti vulnerabbli. Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2007/38/KE dwar ir-retrofitting ta' mirja fuq vetturi tqal tal-merkanzija reġistrati fil-Komunità[8], enfasizza wkoll l-importanza tal-viżibbiltà tas-sewwieqa tal-vetturi. Forma ġdida tal-kabini ***tas-sewwieqa*** għandha tikkontribwixxi wkoll għat-titjib fis-sikurezza tat-triq billi ***tonqos*** il-parti mhux viżibbli fil-viżjoni tas-sewwieqa, b'mod partikolari taħt il-windskrin, u b'hekk issalva għadd ta' ħajjiet ta' utenti vulnerabbli bħall-persuni għaddejjin bil-mixi jew ċiklisti. ***B'***din il-forma l-ġdida ***jridu*** wkoll jiġu previsti l- |

tal-assorbiment tal-enerġija f'każ ta' ħabta. Iż-żieda potenzjali fil-volum tal-kabina għandha tippermetti wkoll li jitjiebu l-livelli ta' kumdità u ta' sikurezza għas-sewwieq.

istrutturi tal-assorbiment tal-enerġija f'każ ta' ħabta ***fis-sens tad-Direttiva 2003/102/KE applikata b'mod korrett***. Iż-żieda potenzjali fil-volum tal-kabina ***tas-sewwieq*** għandha tippermetti wkoll li jitjiebu l-livelli ta' kumdità ***fir-rigward tat-titjib tal-kwalità fuq il-post tax-xogħol*** u ta' sikurezza għas-sewwieq.

---

[7] ***KOM***(2010) 389.

[8] ***COM*** (2012) 258.

[7] ***COM***(2010) 389.

[8] ***KUMM*** (2012) 258.

Or. de

**Emenda 71**
**Anna Ibrisagic**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Fil-linji gwida tagħha dwar is-sikurezza tat-triq 2011-20207, il-Kummissjoni tipprevedi azzjonijiet bil-għan li l-vetturi jsiru aktar sikuri u li titjieb il-protezzjoni tal-utenti vulnerabbli. Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2007/38/KE dwar ir-retrofitting ta' mirja fuq vetturi tqal tal-merkanzija reġistrati fil-Komunità[8], enfasizza wkoll l-importanza tal-viżibbiltà tas-sewwieqa tal-vetturi. ***Forma ġdida tal-kabini*** għandha ***tikkontribwixxi wkoll għat-titjib fis-sikurezza tat-triq billi jonqos*** il-parti mhux viżibbli fil-viżjoni tas-sewwieqa, b'mod partikolari taħt il-windskrin***, u b'hekk issalva*** għadd ta' ħajjiet ta' utenti vulnerabbli bħall-persuni għaddejjin bil-mixi jew ċiklisti. Din il-forma l-ġdida se tippermetti wkoll li jiġu previsti l-istrutturi tal-assorbiment tal-enerġija f'każ ta' ħabta. Iż-żieda potenzjali fil-volum tal-kabina għandha tippermetti wkoll li jitjiebu l-livelli ta' kumdità u ta' sikurezza għas-sewwieq. | (5) Fil-linji gwida tagħha dwar is-sikurezza tat-triq 2011-2020[7], il-Kummissjoni tipprevedi azzjonijiet bil-għan li l-vetturi jsiru aktar sikuri u li titjieb il-protezzjoni tal-utenti vulnerabbli. Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2007/38/KE dwar ir-retrofitting ta' mirja fuq vetturi tqal tal-merkanzija reġistrati fil-Komunità[8], enfasizza wkoll l-importanza tal-viżibbiltà tas-sewwieqa tal-vetturi. ***Madankollu, it-titjib tas-sikurezza mhux se jinkiseb b'mod awtomatiku wara d-disinn mill-ġdid u l-estensjoni tal-kabina. Is-sikurezza*** għandha ***tiġi indirizzata mir-Regolament dwar is-Sikurezza Ġenerali (KE 661/2009) u skont il-leġiżlazzjoni korrispondenti tan-NU/KEE. F'dawn il-leġiżlazzjonijiet, jistgħu jiġu introdotti miżuri ta' sikurezza addizzjonali biex titnaqqas*** il-parti mhux viżibbli fil-viżjoni tas-sewwieqa, b'mod partikolari taħt il-windskrin ***u biex jiġu evitati ħabtiet potenzjali sabiex jiġu salvati*** għadd ta' ħajjiet ta' utenti vulnerabbli |

bħall-persuni għaddejjin bil-mixi jew ċiklisti. Din il-forma l-ġdida se tippermetti wkoll li jiġu previsti l-istrutturi tal-assorbiment tal-enerġija f'każ ta' ħabta. Iż-żieda potenzjali fil-volum tal-kabina għandha tippermetti wkoll li jitjiebu l-livelli ta' kumdità u ta' sikurezza għas-sewwieq.

[7] COM(2010) 389

[8] COM(2012) 258

[7] COM(2010) 389

[8] COM(2012) 258

Or. en

**Emenda 72**
**Phil Bennion**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Għandhom isiru testijiet fuq it-tagħmir ajrudinamiku u l-installazzjoni tiegħu fil-vetturi qabel dan it-tagħmir jitqiegħed fis-suq. Għal dan il-għan, l-Istati Membri se jagħtu ċertifikati li għandhom ikunu rikonoxxuti mill-Istati Membri l-oħrajn. | (6) Għandhom isiru testijiet fuq it-tagħmir ajrudinamiku u l-installazzjoni tiegħu fil-vetturi***, skont il-proċedura tal-ittestjar għall-kejl tal-prestazzjoni ajrudinamika li qed tiġi żviluppata mill-Kummissjoni Ewropea,*** qabel dan it-tagħmir jitqiegħed fis-suq. Għal dan il-għan, l-Istati Membri se jagħtu ċertifikati li għandhom ikunu rikonoxxuti mill-Istati Membri l-oħrajn. ***Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa linji gwida tekniċi dwar l-applikazzjoni u r-rekwiżiti għaċ-ċertifikati.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni Ewropea qed tiżviluppa proċedura tal-ittestjar – VECTO – li se tippermetti li jkun hemm konsistenza fil-kejl tal-prestazzjoni ajrudinamika fl-Ewropa kollha*

**Emenda 73**
**Patricia van der Kammen**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (6) Għandhom isiru testijiet fuq it-tagħmir ajrudinamiku u l-installazzjoni tiegħu fil-vetturi qabel dan it-tagħmir jitqiegħed fis-suq. Għal dan il-għan, l-Istati Membri ***se*** jagħtu ċertifikati li ***għandhom ikunu rikonoxxuti mill-Istati Membri l-oħrajn***. | (6) Għandhom isiru testijiet fuq it-tagħmir ajrudinamiku u l-installazzjoni tiegħu fil-vetturi qabel dan it-tagħmir jitqiegħed fis-suq. Għal dan il-għan, l-Istati Membri ***jistgħu*** jagħtu ċertifikati ***jekk ikunu jixtiequ*** li ***jagħmlu dan***. |

Or. nl

**Emenda 74**
**Juozas Imbrasas**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(6a) L-Istati Membri li jidħlu fi ftehimiet li jippermettu li vetturi itwal u itqal jintużaw fit-trasport transfruntier għandhom jiżguraw li l-miri tal-2030 u l-2050 rigward il-miri ta' 30 % u 50 %[8a] rispettivament ma jkunux ta' piż fuq l-ekonomija u jirrikonoxxu li t-trasport tat-triq tal-merkanzija fil-bogħod huwa ekonomikament pożittiv. Għandu jintwera, jiġi ddokumentat u rrappurtat lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni tagħha li r-rwol attwali u futur tal-vetturi itwal u itqal qed jikkumplimenta pjuttost mill-jikkompeti kontra t-trasport ferrovjarju u dak bil-passaġġi fuq l-ilma.*** <br>__________ <br>***[8a] ĠU C 168 E, 14.6.2013, p. 72.*** |

Or. en

**Emenda 75**
**Mathieu Grosch, Dieter-Lebrecht Koch**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(6a) Sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-White*** |

| | |
|---|---|
| | ***Paper dwar it-Trasport ippubblikata fl-2011 ir-reviżjoni tad-Direttiva 96/53/KE hija opportunità biex jittejbu s-sikurezza u l-kumdità tas-sewwieqa billi jiġu kkunsidrati r-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva Qafas 89/391/KKE dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.*** |

Or. en

**Emenda 76**
**Hubert Pirker**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) ***L-aktar*** vetturi ***twal jistgħu jintużaw fit-trasport transfruntier jekk iż-żewġ Stati Membri kkonċernati jkunu jippermettu dan diġà u jekk il-kundizzjonijiet tad-deroga skont l-Artikoli 4, il-paragrafi 3, 4 jew 5 tad-Direttiva jkunu ssodisfati***. ***Il-Kummissjoni Ewropea diġà pprovdiet linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Direttiva. L-attivitajiet tat-trasport imsemmija fl-Artikolu 4(4), ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali jekk l-użu transfruntier jibqa' limitat għal żewġ Stati Membri fejn l-infrastruttura eżistenti u r-rekwiżiti tas-sikurezza tat-triq jippermettu dan.*** B'dan il-mod jintlaħaq bilanċ bejn, min-naħa l-waħda, id-dritt tal-Istati Membri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, li jiddeċiedu x'inhuma s-soluzzjonijiet xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li politiki tali ma jagħmlux ħsara lis-suq intern. Għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(4) qed jiġu kkjarifikati. | (7) Vetturi ***li mhumiex konformi mal-istandards komuni stabbiliti f'din id-Direttiva huma esklussivament approvati għat-trasport nazzjonali ta' Stat Membru***. B'dan il-mod jintlaħaq bilanċ bejn, min-naħa l-waħda, id-dritt tal-Istati Membri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, li jiddeċiedu x'inhuma s-soluzzjonijiet xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li politiki tali ma jagħmlux ħsara lis-suq intern. Għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(4) qed jiġu kkjarifikati. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Din il-kjarifika hija neċessarja sabiex jerġa' jsir enfasi dwar il-mira ta' din id-Direttiva: Id-dimensjonijiet u l-piżijiet tal-vetturi kummerċjali se jiġu stabbiliti fl-Ewropa kollha fis-sens*

*ta' suq intern li jiffunzjona. In-nuqqas ta' dan jgħawweġ il-kompetizzjoni u b'hekk jagħmel ħsara lis-suq intern.*

**Emenda 77**
**Peter van Dalen**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) L-aktar vetturi twal jistgħu jintużaw fit-trasport transfruntier jekk ***iż-żewġ Stati*** Membri kkonċernati jkunu jippermettu dan diġà u jekk il-kundizzjonijiet tad-deroga skont l-Artikoli 4 ***(3), (4) jew (5)*** tad-Direttiva jkunu ssodisfati. Il-Kummissjoni diġà tat gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Direttiva. L-attivitajiet tat-trasport imsemmija fl-Artikolu 4(4), ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali jekk l-użu transfruntier jibqa' limitat għal żewġ Stati Membri fejn l-infrastruttura eżistenti u r-rekwiżiti tas-sikurezza tat-triq jippermettu dan. B'dan il-mod jintlaħaq bilanċ bejn, min-naħa l-waħda, id-dritt tal-Istati Membri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, li jiddeċiedu x'inhuma s-soluzzjonijiet xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li politiki tali ma jagħmlux ħsara lis-suq intern. Għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(4) qed jiġu kkjarifikati. | (7) L-aktar vetturi twal jistgħu jintużaw fit-trasport transfruntier jekk ***l-Istati*** Membri kkonċernati jkunu jippermettu dan diġà u jekk il-kundizzjonijiet tad-deroga skont l-Artikoli 4***, il-paragrafi 3, 4 jew 5*** tad-Direttiva jkunu ssodisfati. Il-Kummissjoni diġà tat gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Direttiva. L-attivitajiet tat-trasport imsemmija fl-Artikolu 4(4), ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali jekk l-użu transfruntier jibqa' limitat għal żewġ Stati Membri fejn l-infrastruttura eżistenti u r-rekwiżiti tas-sikurezza tat-triq jippermettu dan. B'dan il-mod jintlaħaq bilanċ bejn, min-naħa l-waħda, id-dritt tal-Istati Membri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, li jiddeċiedu x'inhuma s-soluzzjonijiet xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li politiki tali ma jagħmlux ħsara lis-suq intern. Għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(4) qed jiġu kkjarifikati. |

Or. nl

**Emenda 78**
**Ismail Ertug**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) ***L-aktar vetturi twal jistgħu jintużaw fit-trasport*** transfruntier ***jekk iż-żewġ Stati Membri kkonċernati jkunu jippermettu dan diġà u jekk il-kundizzjonijiet tad-deroga skont l-Artikoli 4, il-paragrafi 3, 4*** | (7) ***Attivitajiet tat-trasport*** transfruntier ***fi ħdan l-Unjoni Ewropea, li huma mwettqa permezz*** ta' ***vetturi jew kombinazzjoni ta' vetturi***, li ***d-dimensjonijiet u l-piżijiet*** tagħhom ***jaqbżu l-ammonti massimi kif*** |

| | |
|---|---|
| ***jew 5 tad-Direttiva jkunu ssodisfati. Il-Kummissjoni Ewropea diġà pprovdiet linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Direttiva. L-attivitajiet tat-trasport imsemmija fl-Artikolu 4(4), ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali jekk l-użu transfruntier jibqa' limitat għal żewġ Stati Membri fejn l-infrastruttura eżistenti u r-rekwiżiti tas-sikurezza tat-triq jippermettu dan. B'dan il-mod jintlaħaq bilanċ bejn, min-naħa l-waħda, id-dritt tal-Istati Membri, skont il-prinċipju*** ta' ***sussidjarjetà***, li ***jiddeċiedu x'inhuma s-soluzzjonijiet xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi*** tagħhom ***u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li politiki tali ma jagħmlux ħsara lis-suq intern. Għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(4) qed jiġu kkjarifikati.*** | ***stabbiliti fl-Anness I, mhumiex awtorizzati.*** |

Or. de

**Emenda 79**
**Jim Higgins, Jacqueline Foster, Phil Prendergast**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) L-aktar vetturi twal jistgħu jintużaw fit-trasport transfruntier jekk ***iż-żewġ Stati*** Membri kkonċernati jkunu jippermettu dan diġà u jekk il-kundizzjonijiet tad-deroga skont l-Artikoli 4, il-paragrafi 3, 4 jew 5 tad-Direttiva jkunu ssodisfati. Il-Kummissjoni Ewropea diġà pprovdiet linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Direttiva. .***L-attivitajiet tat-trasport imsemmija fl-Artikolu 4(4), ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali jekk l-użu transfruntier jibqa' limitat għal żewġ Stati Membri fejn l-infrastruttura eżistenti u r-rekwiżiti tas-sikurezza tat-triq jippermettu dan.*** B'dan il-mod jintlaħaq bilanċ bejn, min-naħa l-waħda, id-dritt tal-Istati Membri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, li jiddeċiedu x'inhuma s-soluzzjonijiet xierqa għaċ- | (7) L-aktar vetturi twal ***u għolja*** jistgħu jintużaw fit-trasport transfruntier jekk ***l-Istati*** Membri kkonċernati jkunu jippermettu dan diġà u jekk il-kundizzjonijiet tad-deroga skont l-Artikoli 4, il-paragrafi 3, 4 jew 5 tad-Direttiva jkunu ssodisfati. Il-Kummissjoni Ewropea diġà pprovdiet linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Direttiva. ***Din id-dispożizzjoni m'għandhiex tgħawweġ is-suq intern***. B'dan il-mod jintlaħaq bilanċ bejn, min-naħa l-waħda, id-dritt tal-Istati Membri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, li jiddeċiedu x'inhuma s-soluzzjonijiet xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li politiki tali ma jagħmlux ħsara lis-suq intern. Għalhekk id-dispożizzjonijiet |

| | |
|---|---|
| ċirkostanzi speċifiċi tagħhom u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li politiki tali ma jagħmlux ħsara lis-suq intern. Għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(4) qed jiġu kkjarifikati. | tal-Artikolu 4(4) qed jiġu kkjarifikati. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Fejn l-Istati Membri jidhrilhom li jkun xieraq, għandhom jitħallew jinvolvu ruħhom f'kummerċ transfruntier. L-Unjoni Ewropea m'għandhiex timponi restrizzjonijiet arbitrarji fuq id-dimensjonijiet tal-vetturi f'żoni tal-UE fejn l-infrastruttura hija mibnija bi standard għoli biex jiġu akkomodati metodi aktar effiċjenti ta' trasport.*

**Emenda 80**
**Michel Dantin, Dominique Riquet**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) L-aktar vetturi twal ***jistgħu*** jintużaw fit-trasport transfruntier ***jekk iż-żewġ Stati Membri kkonċernati jkunu jippermettu dan diġà u jekk il-kundizzjonijiet tad-deroga skont l-Artikoli 4, il-paragrafi 3, 4 jew 5 tad-Direttiva jkunu ssodisfati. Il-Kummissjoni Ewropea diġà pprovdiet linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Direttiva. L-attivitajiet tat-trasport imsemmija fl-Artikolu 4(4), ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali jekk l-użu transfruntier jibqa' limitat għal żewġ Stati Membri fejn l-infrastruttura eżistenti u r-rekwiżiti tas-sikurezza tat-triq jippermettu dan.*** B'***dan il-mod jintlaħaq bilanċ bejn, min-naħa l-waħda, id-dritt tal-Istati Membri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, li jiddeċiedu x'inhuma s-soluzzjonijiet xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li politiki tali ma jagħmlux ħsara lis-suq intern. Għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(4) qed jiġu kkjarifikati.*** | (7) L-aktar vetturi twal ***ma jistgħux*** jintużaw fit-trasport transfruntier**,** b'***riskju li titfixkel il-kompetizzjoni internazzjonali u b'detriment għal ċerti infrastrutturi tat-toroq kif ukoll is-sikurezza tat-triq u l-iżvilupp sostenibbli tat-trasport fl-Ewropa.*** |

Or. fr

**Emenda 81**
**Christine De Veyrac, Dominique Vlasto, Georges Bach, Michel Dantin, Dominique Riquet**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) ***L-aktar vetturi twal*** jistgħu jintużaw fit-trasport transfruntier jekk iż-żewġ Stati Membri kkonċernati jkunu jippermettu dan diġà ***u jekk il-kundizzjonijiet tad-deroga skont l-Artikoli 4, il-paragrafi 3, 4 jew 5 tad-Direttiva jkunu ssodisfati***. ***Il-Kummissjoni Ewropea diġà pprovdiet linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Direttiva. L-attivitajiet tat-trasport imsemmija fl-Artikolu 4(4), ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali jekk l-użu transfruntier jibqa' limitat għal żewġ Stati Membri fejn l-infrastruttura eżistenti u r-rekwiżiti tas-sikurezza tat-triq jippermettu dan.*** B'dan il-mod jintlaħaq bilanċ bejn, min-naħa l-waħda, id-dritt tal-Istati Membri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, li jiddeċiedu x'inhuma s-soluzzjonijiet xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li politiki tali ma jagħmlux ħsara lis-suq intern. ***Għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(4) qed jiġu kkjarifikati.*** | (7) ***Il-vetturi b'piż massimu ta' 44 tunnellata*** jistgħu jintużaw fit-trasport transfruntier jekk iż-żewġ Stati Membri kkonċernati jkunu jippermettu dan diġà. B'dan il-mod jintlaħaq bilanċ bejn, min-naħa l-waħda, id-dritt tal-Istati Membri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, li jiddeċiedu x'inhuma s-soluzzjonijiet xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li politiki tali ma jagħmlux ħsara lis-suq intern. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Jidher essenzjali li r-regolametazzjoni Ewropea tqis l-evoluzzjonijiet tas-settur tat-trasport intra-Komunitarju billi tippermetti ċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' vetturi jew kombinazzjoni ta' vetturi b'piż massimu awtorizzat ta' 44 tunnellata mingħajr ksur ta' rekwiżiti ta' sikurezza fit-triq.*

**Emenda 82**
**Petri Sarvamaa, Hannu Takkula, Eija-Riitta Korhola, Anneli Jäätteenmäki, Nils Torvalds, Sari Essayah, Anne E. Jensen, Christofer Fjellner, Anna Ibrisagic, Gunnar Hökmark, Alf Svensson, Anna Maria Corazza Bildt, Bendt Bendtsen**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) L-aktar vetturi twal jistgħu jintużaw fit-trasport transfruntier jekk ***iż-żewġ Stati*** Membri kkonċernati jkunu jippermettu dan diġà u jekk il-kundizzjonijiet tad-deroga skont l-Artikoli 4, ***il-paragrafi 3, 4 jew 5*** tad-Direttiva jkunu ssodisfati. ***Il-Kummissjoni Ewropea*** diġà ***pprovdiet linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Direttiva***. ***L-attivitajiet tat-trasport imsemmija fl-Artikolu 4(4), ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali jekk l-użu transfruntier jibqa' limitat għal żewġ Stati Membri fejn l-infrastruttura eżistenti u r-rekwiżiti tas-sikurezza tat-triq jippermettu dan.*** B'dan il-mod jintlaħaq bilanċ bejn, min-naħa l-waħda, id-dritt tal-Istati Membri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, li jiddeċiedu x'inhuma s-soluzzjonijiet xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li politiki tali ma jagħmlux ħsara lis-suq intern. ***Għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(4) qed jiġu kkjarifikati.*** | (7) L-aktar vetturi twal***, għolja u/jew tqal*** jistgħu jintużaw fit-trasport transfruntier jekk ***l-Istati*** Membri kkonċernati jkunu jippermettu dan diġà ***jew jixtiequ jippermettu l-użu ta' dawn il-vetturi fuq bażi permanenti billi d-Direttiva 96/53/KE daħlet fis-seħħ*** u jekk il-kundizzjonijiet tad-deroga skont l-Artikoli 4, ***il-paragrafu 4*** tad-Direttiva jkunu ssodisfati. ***Dawn il-vetturi jistgħu jintużaw ukoll għat-trasport transfruntier bejn l-Istati Membri u l-Istati Membri tal-viċinat fejn*** diġà ***huma permessi fuq bażi provviżorja***. ***Id-dispożizzjonijiet rigward dan huma stabbiliti fl-Artikolu 4(7) l-ġdid.*** B'dan il-mod jintlaħaq bilanċ bejn, min-naħa l-waħda, id-dritt tal-Istati Membri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, li jiddeċiedu x'inhuma s-soluzzjonijiet xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li politiki tali ma jagħmlux ħsara lis-suq intern. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*B'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà l-Istati Membri għandu jkollhom id-dritt li jiddeċiedu dwar soluzzjonijiet ta' trasport adatti għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom sakemm dawn is-soluzzjonijiet ma joħolqux diskriminazzjoni bejn vetturi nazzjonali u vetturi oħra. Id-Direttiva 96/53/KE diġà tipprovdi lill-Istati Membri b'diskrezzjoni wiesgħa f'dan ir-rigward.*

**Emenda 83**
**Phil Bennion**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) L-aktar vetturi twal jistgħu ***jintużaw*** fit-trasport transfruntier jekk iż-żewġ Stati Membri kkonċernati ***jkunu jippermettu dan diġà*** u jekk il-kundizzjonijiet tad- | (7) L-aktar vetturi twal ***jibqgħu eċċezzjoni għall-istandards komuni stabbiliti skont din id-Direttiva u*** jistgħu ***jiġu awtorizzati biss*** fit-trasport transfruntier ***f'ċirkostanzi*** |

| | |
|---|---|
| deroga skont l-Artikoli 4, il-paragrafi 3, 4 jew 5 tad-Direttiva jkunu ssodisfati. Il-Kummissjoni Ewropea ***diġà pprovdiet linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Direttiva. L-attivitajiet tat-trasport imsemmija fl-Artikolu 4(4),*** ma jaffettwawx ***ħafna l-kompetizzjoni*** internazzjonali ***jekk l-użu transfruntier jibqa' limitat għal żewġ Stati Membri fejn l-infrastruttura eżistenti u r-rekwiżiti tas-sikurezza tat-triq jippermettu dan. B'dan il-mod jintlaħaq bilanċ bejn, min-naħa l-waħda,*** id-dritt tal-Istati Membri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, li jiddeċiedu x'inhuma s-soluzzjonijiet xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom ***u, min-naħa l-oħra,*** il-ħtieġa li politiki tali ma jagħmlux ħsara lis-suq intern. ***Għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(4) qed*** jiġu ***kkjarifikati***. | ***speċjali*** jekk iż-żewġ Stati Membri kkonċernati ***jawtorizzaw dan*** u jekk il-kundizzjonijiet tad-deroga skont l-Artikoli 4, il-paragrafi 3, 4***, (4a ġdid)*** jew 5 tad-Direttiva jkunu ssodisfati. Il-Kummissjoni Ewropea ***għandha tiżgura li kwalunkwe deroga għall-istandards stabbiliti skont din id-Direttiva*** ma jaffettwawx ***il-kompetizzjoni*** internazzjonali ***u l-objettivi ambjentali u ta' sikurezza tal-Unjoni Ewropea.*** Id-dritt tal-Istati Membri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, li jiddeċiedu x'inhuma s-soluzzjonijiet xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom ***jeħtieġ li jiġi żgurat billi teżisti wkoll*** il-ħtieġa li politiki tali ma jagħmlux ħsara lis-suq intern ***u jaffettwaw l-objettivi ambjentali u ta' sikurezza tal-Unjoni Ewropea***. ***Għaldaqstant huwa xieraq li*** jiġu ***stabbiliti rekwiżiti minimi għall-operat ta' dawn il-vetturi***. |

Or. en

**Emenda 84**
**Marita Ulvskog, Ole Christensen, Liisa Jaakonsaari**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) L-aktar vetturi twal jistgħu jintużaw fit-trasport transfruntier jekk ***iż-żewġ Stati*** Membri kkonċernati jkunu jippermettu dan diġà u jekk il-kundizzjonijiet tad-deroga skont l-Artikoli 4(3), (4) jew (5) tad-Direttiva jkunu ssodisfati. Il-Kummissjoni diġà tat gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Direttiva. L-attivitajiet tat-trasport imsemmija fl-Artikolu 4(4), ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali jekk l-użu transfruntier jibqa' limitat ***għal żewġ Stati*** Membri fejn l-infrastruttura eżistenti u r-rekwiżiti tas-sikurezza tat-triq jippermettu dan. B'dan il-mod jintlaħaq bilanċ bejn, min-naħa l-waħda, id-dritt tal-Istati Membri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, li jiddeċiedu | (7) L-aktar vetturi twal ***u/jew tqal*** jistgħu jintużaw fit-trasport transfruntier jekk ***l-Istati*** Membri kkonċernati jkunu jippermettu dan diġà u jekk il-kundizzjonijiet tad-deroga skont l-Artikoli 4(***2), (***3), (4) jew (5) tad-Direttiva jkunu ssodisfati. Il-Kummissjoni diġà tat gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Direttiva. L-attivitajiet tat-trasport imsemmija fl-Artikolu 4(4), ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali jekk l-użu transfruntier jibqa' limitat ***għall-Istati*** Membri fejn l-infrastruttura eżistenti u r-rekwiżiti tas-sikurezza tat-triq jippermettu dan. B'dan il-mod jintlaħaq bilanċ bejn, min-naħa l-waħda, id-dritt tal-Istati Membri, skont il- |

x'inhuma s-soluzzjonijiet xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li politiki tali ma jagħmlux ħsara lis-suq intern. Għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(4) qed jiġu kkjarifikati.

prinċipju ta' sussidjarjetà, li jiddeċiedu x'inhuma s-soluzzjonijiet xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li politiki tali ma jagħmlux ħsara lis-suq intern. Għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(4) qed jiġu kkjarifikati.

Or. sv

**Emenda 85**
**Franco Frigo**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) L-aktar vetturi twal ***jistgħu*** jintużaw fit-trasport transfruntier ***jekk iż-żewġ Stati Membri kkonċernati jkunu jippermettu dan diġà u jekk il-kundizzjonijiet tad-deroga skont l-Artikoli 4, il-paragrafi 3, 4 jew 5 tad-Direttiva jkunu ssodisfati. Il-Kummissjoni Ewropea diġà pprovdiet linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Direttiva. L-attivitajiet tat-trasport imsemmija fl-Artikolu 4(4), ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali jekk*** l-użu transfruntier ***jibqa' limitat għal żewġ Stati Membri fejn l-infrastruttura eżistenti u r-rekwiżiti tas-sikurezza tat-triq jippermettu dan. B'dan il-mod jintlaħaq bilanċ bejn, min-naħa l-waħda, id-dritt tal-Istati Membri, skont il-prinċipju*** ta' ***sussidjarjetà, li jiddeċiedu x'inhuma s-soluzzjonijiet xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom*** u, ***min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li politiki tali ma jagħmlux ħsara lis-suq intern. Għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(4) qed jiġu kkjarifikati.*** | (7) L-aktar vetturi twal ***u/jew tqal ma jistgħux*** jintużaw fit-trasport transfruntier. ***Kwalunkwe proposta leġiżlattiva maħsuba li tawtorizza*** l-użu transfruntier ta' ***dawn il-vetturi għandha tkun akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt li tqis l-effetti fuq it-trasferiment modali, is-sikurezza, il-kundizzjonijiet soċjali*** u ***okkupazzjonali***, ***l-SMEs, il-loġistika, it-tniġġis u l-ħsejjes, sabiex tivvaluta l-kompatibbiltà eventwali tal-proposta leġiżlattiva mal-objettivi politiċi prinċipali tal-Unjoni kif elenkati fil-White Paper.*** |

Or. it

**Emenda 86**
**Sabine Wils**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) L-aktar vetturi twal ***jistgħu*** jintużaw fit-trasport transfruntier ***jekk iż-żewġ Stati Membri kkonċernati jkunu jippermettu dan diġà u jekk il-kundizzjonijiet tad-deroga skont l-Artikoli 4, il-paragrafi 3, 4 jew 5 tad-Direttiva jkunu ssodisfati**. **Il-Kummissjoni Ewropea diġà pprovdiet linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Direttiva.*** L-attivitajiet ***tat-trasport imsemmija fl-Artikolu 4(4), ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni*** internazzjonali ***jekk l-użu transfruntier jibqa' limitat għal żewġ Stati Membri fejn l-infrastruttura eżistenti u r-rekwiżiti tas-sikurezza tat-triq jippermettu dan. B'dan il-mod jintlaħaq bilanċ bejn, min-naħa l-waħda, id-dritt tal-Istati Membri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, li jiddeċiedu x'inhuma s-soluzzjonijiet xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li politiki tali ma jagħmlux ħsara lis-suq intern. Għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(4) qed jiġu kkjarifikati.*** | (7) L-aktar vetturi twal ***u/jew tqal m'għandhomx*** jintużaw fit-trasport transfruntier. L-attivitajiet ***transfruntiera jistgħu jaffettwaw il-kompetizzjoni*** internazzjonali ***u jikkontradixxu l-prinċipju tal-istandardizzazzjoni mal-UE kollha tal-piżijiet u d-dimensjonijiet fit-trasport internazzjonali.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-użu transfruntier tal-vetturi l-aktar twal u tqal għandu jew jitħalla jew le: ma hemm l-ebda bażi biex wieħed jafferma li l-limitazzjoni ta' dan l-użu għal żewġ Stati Membri m'għandux ikollha impatt sinifikanti fuq il-kompetizzjoni internazzjonali. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà għandu jikkonċerna biss l-attività interna ta' Stat Membru u ma jistax jiġi estiż għal ftehimiet internazzjonali bilaterali.*

**Emenda 87**
**Nathalie Griesbeck, Robert Rochefort**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) ***L-aktar vetturi twal jistgħu jintużaw fit-trasport transfruntier jekk iż-żewġ*** Stati Membri ***kkonċernati*** jkunu ***jippermettu*** | (7) ***Biex jiġi żgurat li l-kompetizzjoni ma tiġix imfixkla bejn trasportaturi bit-triq ta'*** Stati Membri ***differenti, huwa essenzjali li*** |

***dan diġà u jekk il-kundizzjonijiet tad-deroga skont l-Artikoli 4, il-paragrafi 3, 4 jew 5 tad-Direttiva jkunu ssodisfati. Il-Kummissjoni Ewropea diġà pprovdiet linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Direttiva. L-attivitajiet*** tat-trasport ***imsemmija fl-Artikolu 4(4), ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali jekk l-użu transfruntier jibqa' limitat għal żewġ Stati Membri fejn l-infrastruttura eżistenti u r-rekwiżiti tas-sikurezza tat-triq jippermettu dan.*** B'dan il-mod jintlaħaq bilanċ bejn***, min-naħa l-waħda,*** id-dritt tal-Istati Membri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, li jiddeċiedu x'inhuma s-soluzzjonijiet xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom u, min-naħa l-oħra, ***il-ħtieġa li politiki tali ma jagħmlux ħsara lis-suq intern. Għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(4) qed jiġu kkjarifikati.***

***d-dimensjonijiet tal-vetturi użati għall-attivitajiet tat-trasport internazzjonali*** jkunu ***komuni. Id-derogi eventwali għal dawn in-normi komuni huma esklussivament limitati għall-operaturi*** tat-trasport ***nazzjonali.*** B'dan il-mod jintlaħaq bilanċ bejn id-dritt tal-Istati Membri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, li jiddeċiedu x'inhuma s-soluzzjonijiet xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom u, min-naħa l-oħra, ***l-għanijiet definiti fil-White Paper.***

Or. fr

**Emenda 88**
**Corien Wortmann-Kool, Mathieu Grosch, Philippe De Backer, Gesine Meissner, Dieter-Lebrecht Koch**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) L-aktar vetturi twal jistgħu jintużaw fit-trasport transfruntier jekk iż-żewġ Stati Membri kkonċernati jkunu jippermettu dan diġà u jekk il-kundizzjonijiet tad-deroga skont l-Artikoli 4, il-paragrafi 3, 4 jew 5 tad-Direttiva jkunu ssodisfati. Il-Kummissjoni Ewropea diġà pprovdiet ***linji*** gwida dwar l-applikazzjoni ***tal-Artikolu 4*** tad-Direttiva. ***L-attivitajiet tat-trasport imsemmija fl-Artikolu 4(4), ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali jekk l-użu transfruntier jibqa' limitat għal żewġ Stati Membri fejn l-infrastruttura eżistenti u r-rekwiżiti tas-sikurezza tat-triq jippermettu dan.*** B'dan il-mod jintlaħaq bilanċ bejn, min-naħa l- | (7) L-aktar vetturi twal jistgħu jintużaw fit-trasport transfruntier jekk iż-żewġ Stati Membri kkonċernati jkunu jippermettu dan diġà u jekk il-kundizzjonijiet tad-deroga skont l-Artikoli 4, il-paragrafi 3, 4 jew 5 tad-Direttiva jkunu ssodisfati. ***L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jiddeterminaw rekwiżiti speċifiċi għall-vettura, l-infrastruttura u s-sewwieq sabiex jiżguraw livell adegwat ta' sikurezza. L-użu transfruntier ta' dawn il-vetturi għandu jiġi appoġġjat minn ftehimiet bilaterali jew multilaterali bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati bl-ispeċifikazzjoni tar-rotot u kundizzjonijiet oħra li jeħtieġ li*** |

| | |
|---|---|
| waħda, id-dritt tal-Istati Membri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, li jiddeċiedu x'inhuma s-soluzzjonijiet xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li politiki tali ma jagħmlux ħsara lis-suq intern. Għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(4) qed jiġu kkjarifikati. | ***jintlaħqu.*** Il-Kummissjoni Ewropea diġà pprovdiet gwida dwar l-applikazzjoni ***tal-Artikolu 4*** tad-Direttiva. B'dan il-mod jintlaħaq bilanċ bejn, min-naħa l-waħda, id-dritt tal-Istati Membri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, li jiddeċiedu x'inhuma s-soluzzjonijiet xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li politiki tali ma jagħmlux ħsara lis-suq intern. Għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(4) qed jiġu kkjarifikati. |

Or. en

**Emenda 89**
**Patricia van der Kammen**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) L-aktar vetturi twal jistgħu jintużaw fit-trasport transfruntier jekk iż-żewġ Stati Membri kkonċernati jkunu jippermettu dan ***diġà u jekk il-kundizzjonijiet tad-deroga skont l-Artikoli 4, il-paragrafi 3, 4 jew 5 tad-Direttiva jkunu ssodisfati. Il-Kummissjoni diġà tat gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Direttiva. L-attivitajiet tat-trasport imsemmija fl-Artikolu 4(4), ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali jekk l-użu transfruntier jibqa' limitat għal żewġ Stati Membri fejn l-infrastruttura eżistenti u r-rekwiżiti tas-sikurezza tat-triq jippermettu dan. B'dan il-mod jintlaħaq bilanċ bejn, min-naħa l-waħda, id-dritt tal-Istati Membri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, li jiddeċiedu x'inhuma s-soluzzjonijiet xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li politiki tali ma jagħmlux ħsara lis-suq intern. Għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(4) qed jiġu kkjarifikati.*** | (7) L-aktar vetturi twal ***u/jew tqal*** jistgħu jintużaw fit-trasport transfruntier jekk iż-żewġ Stati Membri kkonċernati jkunu jippermettu dan**.** |

Or. nl

**Emenda 90**
**Phil Bennion**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Huwa mistenni li l-aktar vetturi twal u tqal jirrikjedu investimenti biex jadattaw u jżommu l-infrastruttura tat-triq kif ukoll biex isaħħu l-miżuri għat-tnaqqis tal-istorbju, it-tniġġis tal-arja, l-aċċidenti u l-konġestjoni. Għaldaqstant, l-Istati Membri fi kwalunkwe każ jistgħu jipprojbixxu l-użu ta' dawn il-vetturi fit-territorju tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 91**
**Georges Bach**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) L-użu tal-aktar vetturi twal f'attivitajiet ta' trasport internazzjonali jkollu konsegwenzi fuq is-sikurezza tat-toroq, fuq l-ambjent u fuq l-infrastruttura tat-toroq. Qabel ma tneħħi l-projbizzjoni eżistenti fuq l-aktar vetturi twal u tqal fl-attivitajiet ta' trasport internazzjonali, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-impatti potenzjali ta' tibdil ta' regoli bħal dan.*** |

Or. en

**Emenda 92**
**Eva Lichtenberger, Michael Cramer**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Kwalunkwe tibdil tad-dimensjonijiet tal-vetturi tqal tal-merkanzija, kemm fit-tul, fl-għoli, fil-wisa' jew fil-piż tagħhom,*** |

***jista' joħloq impatt finanzjarju qawwi fuq l-Istati Membri biex jadattaw l-infrastruttura, fil-punti tal-ħruġ tal-awtostradi, fil-pontijiet, fil-mini, fir-rawndebawts jew fid-diżlivelli tat-telgħat***

Or. en

**Emenda 93**
**Gesine Meissner**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Il-Kummissjoni għandha taħdem fuq approċċ armonizzat dwar proċeduri ta' approvazzjoni għal permessi speċjali għall-vetturi u l-kombinazzjonijiet ta' vetturi li jeċċedu d-dimensjonijiet massimi skont l-Artikolu 4(3). Jeħtieġ li l-proċeduri tal-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri u / jew reġjuni differenti li jippermettu ċ-ċirkolazzjoni ta' piżijiet indiviżibbli jiġu allinjati.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Fil-prattika l-proċeduri differenti ħafna fl-Istati Membri joħolqu problemi jekk ikun meħtieġ li jinkisbu permessi speċjali għal trasport transfruntier, pereżempju ta' bċejjeċ ta' turbini tar-riħ.*

**Emenda 94**
**Mathieu Grosch, Corien Wortmann-Kool, Dieter-Lebrecht Koch, Gesine Meissner**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Sabiex jiġi vvalutat l-impatt tal-vetturi li jeċċedu d-dimensjonijiet stabbiliti b'din id-Direttiva dwar is-sikurezza tat-toroq, huwa xieraq li l-Istati Membri jiġbru dejta tal-aċċidenti li jinvolvu vetturi tqal tal-merkanzija itwal minn 18.75 m. Il-Kummissjoni għandha*** |

| | |
|---|---|
| | ***tikkunsidra tipproponi l-inklużjoni ta' din id-dejta fost l-obbligi ta' rappurtar annwali tal-Istati Membri fil-qafas tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/704/KE dwar il-ħolqien ta' database tal-Komunità dwar inċidenti tat-triq.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*The figure of 18.75 m is the longest vehicle limit allowed by Directive 96/53 for heavy goods vehicles. Taking into account the possibilities for longer dimensions of heavy goods vehicles of up to 2m under the new provisions for aerodynamic improvements, but also the derogations for national and cross border transport by even longer vehicles, it is appropriate to access the impact of vehicles longer than 18.75m on road safety. The collection of such statistics by Member States should take place in the framework of Council Decisions 93/704/EC, which already provide for a yearly reporting obligation of road accidents, on the basis of an amendment proposed by the Commission.*

**Emenda 95**
**Hubert Pirker**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) L-użu ta' motorizzazzjoni alternattiva li ma ***baqgħux jużaw*** biss l-enerġija mill-fjuwils fossili, u li għalhekk ma ***jkunux iniġġsu jew iniġġsu*** anqas, bħall-motorizzazzjoni elettrika jew ibrida għal piżijiet tqal jew għall-karozzi tal-linja (essenzjalment f'ambjent urban jew periurban), iwassal għal piż żejjed li ma għandux jiġi kontabilizzat għad-detriment tal-piż utli tal-vettura, sabiex is-settur tat-trasport tat-triq ma jiġix ippenalizzat f'termini ekonomiċi. | (8) L-użu ta' motorizzazzjoni alternattiva li ma ***baqgħetx tuża*** biss l-enerġija mill-fjuwils fossili, u li għalhekk ma ***tkunx tniġġes jew tniġġes*** anqas, bħall-motorizzazzjoni elettrika jew ibrida għal piżijiet tqal jew għall-karozzi tal-linja (essenzjalment f'ambjent urban jew periurban), iwassal għal piż żejjed li ma għandux jiġi kontabilizzat għad-detriment tal-piż utli tal-vettura, sabiex is-settur tat-trasport tat-triq ma jiġix ippenalizzat f'termini ekonomiċi. ***Sabiex ma jiġux imposti limiti fuq ir-riċerka u l-iżvilupp f'dan il-qasam, din id-Direttiva għandha ssegwi l-prinċipju bażiku tan-newtralità teknoloġika.*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Ma jagħmilx sens li jiġu stabbiliti biss żewġ sistemi ta' motorizzazzjoni. B'dan il-mod ikun qed jixxekkel il-potenzjal tal-innovazzjoni f'dan il-qasam. Din id-Direttiva ma għandhiex tfixkel żviluppi teknoloġiċi iżda għandha tkun newtrali f'termini teknoloġiċi.*

**Emenda 96**
**Phil Bennion**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) L-użu ta' motorizzazzjoni alternattiva li ma ***baqgħux jużaw*** biss l-enerġija mill-fjuwils fossili, u li għalhekk ma ***jkunux iniġġsu jew iniġġsu anqas***, bħall-motorizzazzjoni elettrika jew ibrida għal piżijiet tqal jew għall-karozzi tal-linja (essenzjalment f'ambjent urban jew periurban), iwassal għal piż żejjed li ma għandux jiġi kontabilizzat għad-detriment tal-piż utli tal-vettura, sabiex is-settur tat-trasport tat-triq ma jiġix ippenalizzat f'termini ekonomiċi. | (8) L-użu ta' ***teknoloġiji b'livell baxx tal-karbonju, inkluż*** motorizzazzjoni alternattiva li ma ***baqgħetx tuża*** biss l-enerġija mill-fjuwils fossili, u li għalhekk ma ***tkunx tniġġes jew tniġġes*** , bħall-motorizzazzjoni elettrika jew ibrida għal piżijiet tqal jew għall-karozzi tal-linja (essenzjalment f'ambjent urban jew periurban), iwassal għal piż żejjed li ma għandux jiġi kontabilizzat għad-detriment tal-piż utli tal-vettura, sabiex is-settur tat-trasport tat-triq ma jiġix ippenalizzat f'termini ekonomiċi. |

Or. en

**Emenda 97**
**Jörg Leichtfried**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) L-użu ta' motorizzazzjoni alternattiva li ma ***baqgħux jużaw*** biss l-enerġija mill-fjuwils fossili, u li għalhekk ma ***jkunux iniġġsu jew iniġġsu*** anqas, bħall-motorizzazzjoni elettrika jew ibrida għal piżijiet tqal jew għall-karozzi tal-linja (essenzjalment f'ambjent urban jew periurban), iwassal għal piż żejjed li ma għandux jiġi kontabilizzat għad-detriment tal-piż utli tal-vettura, sabiex is-settur tat-trasport tat-triq ma jiġix ippenalizzat f'termini ekonomiċi. | (8) L-użu ta' motorizzazzjoni alternattiva li ma ***baqgħetx tuża*** biss l-enerġija mill-fjuwils fossili, u li għalhekk ma ***tkunx tniġġes jew tniġġes*** anqas, bħall-motorizzazzjoni elettrika jew ibrida għal piżijiet tqal jew għall-karozzi tal-linja (essenzjalment f'ambjent urban jew periurban), iwassal għal piż żejjed li ma għandux jiġi kontabilizzat għad-detriment tal-piż utli tal-vettura, sabiex is-settur tat-trasport tat-triq ma jiġix ippenalizzat f'termini ekonomiċi. ***Vetturi b'sistemi*** |

| | |
|---|---|
| | ***alternattivi ta' motorizzazzjoni għandhom ikunu jistgħu jaqbżu l-piż massimu awtorizzat sa tunnellata. Madankollu, dan il-piż żejjed ma għandux jgħolli l-volum tal-ħażna tal-vettura. Il-prinċipju ta' newtralità f'termini teknoloġiċi għandu jinżamm.*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Suppliment għall-emenda kkonċernata fl-abbozz ta' rapport, li jikkjarifika li huwa awtorizzat biss tant piż żejjed skont kemm fil-verità hu meħtieġ għall-motorizzazzjoni alternattiva. Ma għandhiex tkun permessa żieda fil-volum għall-ħażna.*

**Emenda 98**
**Oldřich Vlasák**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) L-użu ta' motorizzazzjoni alternattiva li ma ***baqgħux jużaw*** biss l-enerġija mill-fjuwils fossili, u li għalhekk ma ***jkunux iniġġsu jew iniġġsu*** anqas, bħall-motorizzazzjoni elettrika jew ibrida għal piżijiet tqal jew għall-karozzi tal-linja (essenzjalment f'ambjent urban jew periurban), ***iwassal*** għal ***piż żejjed li ma għandux jiġi kontabilizzat għad-detriment tal-piż utli tal-vettura, sabiex is-settur tat-trasport tat-triq ma jiġix ippenalizzat f'termini ekonomiċi.*** | (8) L-użu ta' motorizzazzjoni alternattiva li ma ***baqgħetx tuża*** biss l-enerġija mill-fjuwils fossili, u li għalhekk ma ***tkunx tniġġes jew tniġġes*** anqas, bħall-motorizzazzjoni elettrika jew ibrida għal piżijiet tqal jew għall-karozzi tal-linja (essenzjalment f'ambjent urban jew periurban), ***jgħin lill-Unjoni Ewropea biex tikseb l-indipendenza enerġetika u biex tikseb l-objettivi tal-white paper "Pjan direzzjonali*** għal ***Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti"*** |

Or. cs

**Emenda 99**
**Christine De Veyrac, Dominique Vlasto**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) L-użu ta' ***motorizzazzjoni alternattiva*** | (8) ***B'rispett għall-prinċipju ta' newtralità*** |

| | |
|---|---|
| li ma ***baqgħux jużaw*** biss l-enerġija mill-fjuwils fossili, u li għalhekk ma jkunux iniġġsu jew iniġġsu anqas, ***bħall-motorizzazzjoni elettrika jew ibrida għal piżijiet tqal jew għall-karozzi tal-linja (essenzjalment f'ambjent urban jew periurban), iwassal għal piż*** żejjed ***li ma għandux jiġi*** kontabilizzat għad-detriment tal-piż utli tal-vettura***, sabiex*** is-settur tat-trasport tat-triq ma jiġix ippenalizzat f'termini ekonomiċi. | ***teknoloġika u sabiex it-trasportaturi bit-triq jitheġġu biex jagħżlu*** l-użu ta' ***motorizzazzjonijiet alternattivi*** li ma ***jużawx*** biss l-enerġija mill-fjuwils fossili, u li għalhekk ma jkunux iniġġsu jew iniġġsu anqas, ***jidher essenzjali li l-piż*** żejjed ***minħabba dawn il-motorizzazzjonijiet alternattivi ma jkunx*** kontabilizzat għad-detriment tal-piż utli tal-vettura ***biex*** is-settur tat-trasport tat-triq ma jiġix ippenalizzat f'termini ekonomiċi. |

Or. fr

**Emenda 100**
**Petri Sarvamaa, Hannu Takkula, Eija-Riitta Korhola, Anneli Jäätteenmäki, Nils Torvalds, Sari Essayah, Anne E. Jensen, Christofer Fjellner, Anna Ibrisagic, Gunnar Hökmark, Alf Svensson, Anna Maria Corazza Bildt, Bendt Bendtsen**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) L-użu ta' motorizzazzjoni alternattiva li ma ***baqgħux jużaw*** biss l-enerġija mill-fjuwils fossili, u li għalhekk ma ***jkunux iniġġsu jew iniġġsu anqas***, bħall-motorizzazzjoni elettrika jew ibrida għal piżijiet tqal jew għall-karozzi tal-linja (essenzjalment f'ambjent urban jew periurban), iwassal għal piż żejjed li ma għandux jiġi kontabilizzat għad-detriment tal-piż utli tal-vettura, sabiex is-settur tat-trasport tat-triq ma jiġix ippenalizzat f'termini ekonomiċi. | (8) L-użu ta' motorizzazzjoni alternattiva li ma ***baqgħetx tuża*** biss l-enerġija mill-fjuwils fossili, u li għalhekk ma ***tkunx tniġġes jew tniġġes*** , bħall-motorizzazzjoni elettrika jew ibrida għal piżijiet tqal jew għall-karozzi tal-linja (essenzjalment f'ambjent urban jew periurban), iwassal għal piż żejjed li ma għandux jiġi kontabilizzat għad-detriment tal-piż utli tal-vettura, sabiex is-settur tat-trasport tat-triq ma jiġix ippenalizzat f'termini ekonomiċi. ***Is-soluzzjonijiet għandhom iżommu wkoll il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika.*** |

Or. en

**Emenda 101**
**Hubert Pirker**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Il-White Paper dwar it-trasport tinsisti | (9) Il-White Paper dwar it-trasport tinsisti |

| | |
|---|---|
| wkoll fuq il-ħtieġa li wieħed ***jadatta għall-evoluzzjonijiet*** tat-trasport intermodali, b'mod partikolari fil-każ tat-trasport bil-kontejners, fejn qed jintużaw dejjem aktar kontejners ta' 45 pied. Dawn jiġu trasportati bil-ferrovija jew permezz tal-passaġġi tal-ilma. Iżda l-parti tat-triq fit-trasport intermodali tista' tintuża biss, illum il-ġurnata, jekk l-Istati Membri u t-trasportaturi jsegwu proċeduri amministrattivi limitati jew jekk dawn ***il-kontenituri jkollhom*** irkejjen maqtugħin iċċertifikati li l-ispiża tagħhom hija waħda projbittiva. Żieda ta' 15-il ċentimetru fil-vetturi li jkunu qed iġorruhom tista' tevita l-proċeduri amministrattivi lit-trasportatur, u tiffaċilita t-trasport intermodali, mingħajr riskju jew preġudizzju għall-utenti l-oħra tat-triq jew għall-infrastruttura. Fil-fatt, l-estensjoni żgħira ta' dawn il-15-il ċentimetru b'rabta mat-tul tal-piżijiet tqal artikulati ***(16,50 m) ma tikkostitwixxix riskju addizzjonali għas-sikurezza tat-triq. Skont il-linja politika tal-White Paper dwar it-trasport, din iż-żieda, madankollu, hija biss awtorizzata għat-trasport intermodali, li fih il-parti tat-triq ma taqbiżx it-300 km għall-operazzjonijiet li jimplikaw parti ferrovjarja, fix-xmara jew parti marittima. Din id-distanza tidher waħda suffiċjenti biex tgħaqqad flimkien sit industrijali jew kummerċjali ma' stazzjon għat-trasbord jew port fix-xmara. Sabiex jiġi konness port marittimu u jkun hemm appoġġ għall-iżvilupp ta' awtostradi tal-baħar, huwa possibbli li jkun hemm distanza itwal għal operazzjoni tat-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa.*** | wkoll fuq il-ħtieġa li wieħed ***jimmonitorja l-evoluzzjonijiet*** tat-trasport intermodali, b'mod partikolari fil-każ tat-trasport bil-kontejners, fejn qed jintużaw dejjem aktar kontejners ta' 45 pied. Dawn jiġu trasportati bil-ferrovija jew permezz tal-passaġġi tal-ilma. Iżda l-parti tat-triq fit-trasport intermodali tista' tintuża biss, illum il-ġurnata, jekk l-Istati Membri u t-trasportaturi jsegwu proċeduri amministrattivi limitati jew jekk dawn ***il-kontejners ikollhom*** irkejjen maqtugħin iċċertifikati li l-ispiża tagħhom hija waħda projbittiva. Żieda ta' 15-il ċentimetru fil-vetturi li jkunu qed iġorruhom tista' tevita l-proċeduri amministrattivi lit-trasportatur, u tiffaċilita t-trasport intermodali, mingħajr riskju jew preġudizzju għall-utenti l-oħra tat-triq jew għall-infrastruttura. Fil-fatt, l-estensjoni żgħira ta' dawn il-15-il ċentimetru b'rabta mat-tul tal-piżijiet tqal artikulati ***(16,50 m) ma tikkostitwixxix riskju addizzjonali għas-sikurezza tat-triq. Skont il-linja politika tal-White Paper dwar it-trasport, din iż-żieda, madankollu, hija biss awtorizzata għat-trasport intermodali, li fih il-parti mit-trasport li huwa parzjalment esegwit bil-ferrovija jew bil-vapur, li qiegħda sseħħ fit-triq, għandha tkun evalwata skont id-differenzi reġjonali u għandha tkun stabbilita mill-Istati Membri individwali biex tgħaqqad flimkien sit industrijali jew kummerċjali ma' stazzjon għat-trażbord jew port fix-xmara. Sabiex jiġi konness port marittimu u jkun hemm appoġġ għall-iżvilupp ta' awtostradi tal-baħar, huwa possibbli li jkun hemm distanza itwal għal operazzjoni tat-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa.*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Stabbilizzazzjoni stretta u dipendenti fuq il-kilometri tat-trasport imwettaq fil-kuntest tat-trasport intermodali fit-triq, ma tistax tiġi implimentata b'mod li jagħmel sens fil-prattika u din ma tiħux kont tal-effiċjenza, l-ekonomija, l-ambjent kif ukoll tal-kundizzjonijiet*

*infrastrutturali u ġeografiċi fl-Istati Membri individwali.*

**Emenda 102**
**Jörg Leichtfried**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Il-White Paper dwar it-trasport tinsisti wkoll fuq il-ħtieġa li wieħed ***jadatta għall-evoluzzjonijiet*** tat-trasport intermodali, b'mod partikolari fil-każ tat-trasport bil-kontejners, fejn qed jintużaw dejjem aktar kontejners ta' 45 pied. Dawn jiġu trasportati bil-ferrovija jew permezz tal-passaġġi tal-ilma. Iżda l-parti tat-triq fit-trasport intermodali tista' tintuża biss, illum il-ġurnata, jekk l-Istati Membri u t-trasportaturi jsegwu proċeduri amministrattivi limitati jew jekk dawn ***il-konteinituri jkollhom*** irkejjen maqtugħin iċċertifikati li l-ispiża tagħhom hija waħda projbittiva. Żieda ta' 15-il ċentimetru fil-vetturi li jkunu qed iġorruhom tista' tevita l-proċeduri amministrattivi lit-trasportatur, u tiffaċilita t-trasport ***intermodali***, mingħajr riskju jew preġudizzju għall-utenti l-oħra tat-triq jew għall-infrastruttura. Fil-fatt, l-estensjoni żgħira ta' dawn il-15-il ċentimetru b'rabta mat-tul tal-piżijiet tqal artikulati (***16,50 m) ma tikkostitwixxix riskju addizzjonali għas-sikurezza tat-triq. Skont il-linja politika tal-White Paper dwar it-trasport, din iż-żieda, madankollu, hija biss awtorizzata għat-trasport intermodali, li fih il-parti tat-triq ma taqbiżx it-300 km għall-operazzjonijiet li jimplikaw parti ferrovjarja, fix-xmara jew parti marittima. Din id-distanza tidher waħda suffiċjenti biex tgħaqqad flimkien sit industrijali jew kummerċjali ma' stazzjon għat-trasbord jew port fix-xmara. Sabiex jiġi konness port marittimu u jkun hemm appoġġ għall-iżvilupp ta' awtostradi tal-baħar, huwa possibbli li jkun hemm distanza itwal għal operazzjoni tat-trasport marittimu fuq*** | (9) Il-White Paper dwar it-trasport tinsisti wkoll fuq il-ħtieġa li wieħed ***jimmonitorja l-evoluzzjonijiet*** tat-trasport intermodali, b'mod partikolari fil-każ tat-trasport bil-kontejners, fejn qed jintużaw dejjem aktar kontejners ta' 45 pied. Dawn jiġu trasportati bil-ferrovija jew permezz tal-passaġġi tal-ilma. Iżda l-parti tat-triq fit-trasport intermodali tista' tintuża biss, illum il-ġurnata, jekk l-Istati Membri u t-trasportaturi jsegwu proċeduri amministrattivi limitati jew jekk dawn ***il-kontejners ikollhom*** irkejjen maqtugħin iċċertifikati li l-ispiża tagħhom hija waħda projbittiva. Żieda ta' 15-il ċentimetru fil-vetturi li jkunu qed iġorruhom tista' tevita l-proċeduri amministrattivi lit-trasportatur, u tiffaċilita t-trasport ***kombinat***, mingħajr riskju jew preġudizzju għall-utenti l-oħra tat-triq jew għall-infrastruttura. Fil-fatt, l-estensjoni żgħira ta' dawn il-15-il ċentimetru b'rabta mat-tul tal-piżijiet tqal artikulati (***16,50 m) ma tikkostitwixxix riskju addizzjonali għas-sikurezza tat-triq. Din iż-żieda, madankollu, għandha tkun biss awtorizzata għat-trasport kombinat li fih il-parti mit-trasport li huwa parzjalment esegwit bil-ferrovija jew bil-vapur, li qiegħda sseħħ fit-triq titwettaq sa mhux iktar minn jew fl-eqreb stazzjon tal-ferrovija għat-tagħbija (f'każ ta' traffiku ferrovjarju) jew f'erja ta' mhux iktar minn 150 km fl-erja tal-port fix-xmara jew il-port marittimu jew għat-trażbord mill-post tat-tagħbija jew il-ħatt.*** |

***distanza qasira fl-Ewropa.***

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Korrezzjoni għall-emenda kkonċernata fl-abbozz ta' rapport.*

**Emenda 103**
**Corien Wortmann-Kool**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Il-White Paper dwar it-trasport tinsisti wkoll fuq il-ħtieġa li wieħed ***jadatta għall-evoluzzjonijiet*** tat-trasport intermodali, b'mod partikolari fil-każ tat-trasport bil-kontejners, fejn qed jintużaw dejjem aktar kontejners ta' 45 pied. Dawn jiġu trasportati bil-ferrovija jew permezz tal-passaġġi tal-ilma. Iżda l-parti tat-triq fit-trasport intermodali tista' tintuża biss, illum il-ġurnata, jekk l-Istati Membri u t-trasportaturi jsegwu proċeduri amministrattivi limitati jew jekk dawn ***il-kontenituri jkollhom*** irkejjen maqtugħin iċċertifikati li l-ispiża tagħhom hija waħda projbittiva. Żieda ta' ***15-il*** ċentimetru fil-vetturi li jkunu qed iġorruhom tista' tevita l-proċeduri amministrattivi lit-trasportatur, u tiffaċilita t-trasport intermodali, mingħajr riskju jew preġudizzju għall-utenti l-oħra tat-triq jew għall-infrastruttura. Fil-fatt, l-estensjoni żgħira ta' dawn ***il-15-il*** ċentimetru b'rabta mat-tul tal-piżijiet tqal artikulati (***16,50 m) ma tikkostitwixxix riskju addizzjonali għas-sikurezza tat-triq. Skont il-linja politika tal-White Paper dwar it-trasport, din iż-żieda, madankollu, hija biss awtorizzata għat-trasport intermodali, li fih il-parti tat-triq ma taqbiżx it-300 km għall-operazzjonijiet li jimplikaw parti ferrovjarja, fix-xmara jew parti marittima. Din id-distanza tidher waħda suffiċjenti biex tgħaqqad flimkien sit industrijali jew kummerċjali ma'*** | (9) Il-White Paper dwar it-trasport tinsisti wkoll fuq il-ħtieġa li wieħed ***jimmonitorja l-evoluzzjonijiet*** tat-trasport intermodali, b'mod partikolari fil-każ tat-trasport bil-kontejners, fejn qed jintużaw dejjem aktar kontejners ta' 45 pied. Dawn jiġu trasportati bil-ferrovija jew permezz tal-passaġġi tal-ilma. Iżda l-parti tat-triq fit-trasport intermodali tista' tintuża biss, illum il-ġurnata, jekk l-Istati Membri u t-trasportaturi jsegwu proċeduri amministrattivi limitati jew jekk dawn ***il-kontejners ikollhom*** irkejjen maqtugħin iċċertifikati li l-ispiża tagħhom hija waħda projbittiva. Żieda ta' ***80*** ċentimetru fil-vetturi li jkunu qed iġorruhom tista' tevita l-proċeduri amministrattivi lit-trasportatur, u tiffaċilita t-trasport intermodali, mingħajr riskju jew preġudizzju għall-utenti l-oħra tat-triq jew għall-infrastruttura. Fil-fatt, l-estensjoni żgħira ta' dawn ***it-80*** ċentimetru b'rabta mat-tul tal-piżijiet tqal artikulati (***16,50 m) ma tikkostitwixxix riskju addizzjonali għas-sikurezza tat-triq. Skont il-linja politika tal-White Paper dwar it-trasport, din iż-żieda, madankollu, hija biss awtorizzata għat-trasport intermodali, li fih il-parti tat-triq ma taqbiżx it-300 km għall-operazzjonijiet li jimplikaw parti ferrovjarja, fix-xmara jew parti marittima. Din id-distanza tidher waħda suffiċjenti biex tgħaqqad flimkien sit industrijali jew kummerċjali ma' stazzjon għat-trażbord*** |

| | |
|---|---|
| ***stazzjon għat-trasbord jew port fix-xmara. Sabiex jiġi konness port marittimu u jkun hemm appoġġ għall-iżvilupp ta' awtostradi tal-baħar, huwa possibbli li jkun hemm distanza itwal għal operazzjoni tat-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa.*** | ***jew port fix-xmara. Sabiex jiġi konness port marittimu u jkun hemm appoġġ għall-iżvilupp ta' awtostradi tal-baħar, huwa possibbli li jkun hemm distanza itwal għal operazzjoni tat-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Żieda fit-tul ta' 15-il ċentimetru biex jiġi ffaċilitat it-trasport fit-triq ta' kontejners ta' 45 pied ma tagħmilx sens. Ikollha effett biss jekk jiġi żviluppat xażi kompletament ġdid għat-trasport ta' kontejners ta' 45 pied. Bosta snin ilu l-Kummissjoni ppermettiet lill-Istati Membri jistabbilixxu kundizzjonijiet speċjali għat-trasport ta' kontejners ta' 45 pied. Abbażi ta' dan il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Belġju ppermettew żieda fit-tul ta' 80 ċentimetru. Din iż-żieda fit-tul tippermetti t-trasport ta' kontejner ta' 45 pied fuq xażi ta' kontejner standard.*

**Emenda 104**
**Dieter-Lebrecht Koch**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Il-White Paper dwar it-trasport tinsisti wkoll fuq il-ħtieġa li wieħed ***jadatta għall-evoluzzjonijiet*** tat-trasport intermodali, b'mod partikolari fil-każ tat-trasport bil-kontejners, fejn qed jintużaw dejjem aktar kontejners ta' 45 pied. Dawn jiġu trasportati bil-ferrovija jew permezz tal-passaġġi tal-ilma. Iżda l-parti tat-triq fit-trasport intermodali tista' tintuża biss, illum il-ġurnata, jekk l-Istati Membri u t-trasportaturi jsegwu proċeduri amministrattivi limitati jew jekk dawn ***il-kontenituri jkollhom*** irkejjen maqtugħin iċċertifikati li l-ispiża tagħhom hija waħda projbittiva. Żieda ta' 15-il ċentimetru fil-vetturi li jkunu qed iġorruhom tista' tevita l-proċeduri amministrattivi lit-trasportatur, u tiffaċilita t-trasport intermodali, mingħajr riskju jew preġudizzju għall-utenti l-oħra tat-triq jew għall-infrastruttura. Fil-fatt, l-estensjoni żgħira ta' dawn il-15-il ċentimetru b'rabta mat-tul tal-piżijiet tqal | (9) Il-White Paper dwar it-trasport tinsisti wkoll fuq il-ħtieġa li wieħed ***jimmonitorja l-evoluzzjonijiet*** tat-trasport intermodali, b'mod partikolari fil-każ tat-trasport bil-kontejners, fejn qed jintużaw dejjem aktar kontejners ta' 45 pied. Dawn jiġu trasportati bil-ferrovija jew permezz tal-passaġġi tal-ilma. Iżda l-parti tat-triq fit-trasport intermodali tista' tintuża biss, illum il-ġurnata, jekk l-Istati Membri u t-trasportaturi jsegwu proċeduri amministrattivi limitati jew jekk dawn ***il-kontejners ikollhom*** irkejjen maqtugħin iċċertifikati li l-ispiża tagħhom hija waħda projbittiva. Żieda ta' 15-il ċentimetru fil-vetturi li jkunu qed iġorruhom tista' tevita l-proċeduri amministrattivi lit-trasportatur, u tiffaċilita t-trasport intermodali, mingħajr riskju jew preġudizzju għall-utenti l-oħra tat-triq jew għall-infrastruttura. Fil-fatt, l-estensjoni żgħira ta' dawn il-15-il ċentimetru b'rabta mat-tul tal-piżijiet tqal |

| | |
|---|---|
| artikulati (***16,50 m) ma tikkostitwixxix riskju addizzjonali għas-sikurezza tat-triq. Skont il-linja politika tal-White Paper dwar it-trasport, din iż-żieda, madankollu, hija biss awtorizzata għat-trasport intermodali, li fih il-parti tat-triq ma taqbiżx it-300 km għall-operazzjonijiet li jimplikaw parti ferrovjarja, fix-xmara jew parti marittima. Din id-distanza tidher waħda suffiċjenti biex tgħaqqad flimkien sit industrijali jew kummerċjali ma' stazzjon għat-trasbord jew port fix-xmara. Sabiex jiġi konness port marittimu u jkun hemm appoġġ għall-iżvilupp ta' awtostradi tal-baħar, huwa possibbli li jkun hemm distanza itwal għal operazzjoni tat-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa.*** | artikulati (***16,50 m) ma tikkostitwixxix riskju addizzjonali għas-sikurezza tat-triq. Skont il-linja politika tal-White Paper dwar it-trasport, din iż-żieda, madankollu, hija biss awtorizzata għat-trasport intermodali, li fih il-parti tat-triq ma taqbiżx il-500 km għall-operazzjonijiet li jimplikaw parti ferrovjarja, fix-xmara jew parti marittima. Din id-distanza tidher waħda suffiċjenti biex tgħaqqad flimkien sit industrijali jew kummerċjali ma' stazzjon għat-trażbord jew port fix-xmara. Sabiex jiġi konness port marittimu u jkun hemm appoġġ għall-iżvilupp ta' awtostradi tal-baħar, huwa possibbli li jkun hemm distanza itwal għal operazzjoni tat-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa.*** |

Or. de

**Emenda 105**
**Petri Sarvamaa**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Il-White Paper dwar it-trasport tinsisti wkoll fuq il-ħtieġa li wieħed ***jadatta għall-evoluzzjonijiet*** tat-trasport intermodali, b'mod partikolari fil-każ tat-trasport bil-kontejners, fejn qed jintużaw dejjem aktar kontejners ta' 45 pied. Dawn jiġu trasportati bil-ferrovija jew permezz tal-passaġġi tal-ilma. Iżda l-parti tat-triq fit-trasport intermodali tista' tintuża biss, illum il-ġurnata, jekk l-Istati Membri u t-trasportaturi jsegwu proċeduri amministrattivi limitati jew jekk dawn ***il-kontenituri jkollhom*** irkejjen maqtugħin iċċertifikati li l-ispiża tagħhom hija waħda projbittiva. Żieda ta' 15-il ċentimetru fil-vetturi li jkunu qed iġorruhom tista' tevita l-proċeduri amministrattivi lit-trasportatur, u tiffaċilita t-trasport intermodali, mingħajr riskju jew preġudizzju għall-utenti l-oħra tat-triq jew għall-infrastruttura. Fil-fatt, l- | (9) Il-White Paper dwar it-trasport tinsisti wkoll fuq il-ħtieġa li wieħed ***jimmonitorja l-evoluzzjonijiet*** tat-trasport intermodali, b'mod partikolari fil-każ tat-trasport bil-kontejners, fejn qed jintużaw dejjem aktar kontejners ta' 45 pied. Dawn jiġu trasportati bil-ferrovija jew permezz tal-passaġġi tal-ilma. Iżda l-parti tat-triq fit-trasport intermodali tista' tintuża biss, illum il-ġurnata, jekk l-Istati Membri u t-trasportaturi jsegwu proċeduri amministrattivi limitati jew jekk dawn ***il-kontejners ikollhom*** irkejjen maqtugħin iċċertifikati li l-ispiża tagħhom hija waħda projbittiva. Żieda ta' 15-il ċentimetru fil-vetturi li jkunu qed iġorruhom tista' tevita l-proċeduri amministrattivi lit-trasportatur, u tiffaċilita t-trasport intermodali, mingħajr riskju jew preġudizzju għall-utenti l-oħra tat-triq jew għall-infrastruttura. Fil-fatt, l- |

| | |
|---|---|
| estensjoni żgħira ta’ dawn il-15-il ċentimetru b’rabta mat-tul tal-piżijiet tqal artikulati (***16,50 m) ma tikkostitwixxix riskju addizzjonali għas-sikurezza tat-triq. Skont il-linja politika tal-White Paper dwar it-trasport, din iż-żieda, madankollu, hija biss awtorizzata għat-trasport intermodali, li fih il-parti tat-triq ma taqbiżx it-300 km għall-operazzjonijiet li jimplikaw parti ferrovjarja, fix-xmara jew parti marittima. Din id-distanza tidher waħda suffiċjenti biex tgħaqqad flimkien sit industrijali jew kummerċjali ma’ stazzjon għat-trasbord jew port fix-xmara. Sabiex jiġi konness port marittimu u jkun hemm appoġġ għall-iżvilupp ta’ awtostradi tal-baħar, huwa possibbli li jkun hemm distanza itwal għal operazzjoni tat-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa.*** | estensjoni żgħira ta’ dawn il-15-il ċentimetru b’rabta mat-tul tal-piżijiet tqal artikulati (***16,50 m) ma tikkostitwixxix riskju addizzjonali għas-sikurezza tat-triq. Skont il-linja politika tal-White Paper dwar it-trasport, din iż-żieda, madankollu, hija biss awtorizzata għat-trasport intermodali, li fih il-parti tat-triq ma taqbiżx it-300 km jew il-50 % għall-operazzjonijiet li jimplikaw parti ferrovjarja, fix-xmara jew parti marittima. Din id-distanza tidher waħda suffiċjenti biex tgħaqqad flimkien sit industrijali jew kummerċjali ma’ stazzjon għat-trażbord jew port fix-xmara. Sabiex jiġi konness port marittimu u jkun hemm appoġġ għall-iżvilupp ta’ awtostradi tal-baħar, huwa possibbli li jkun hemm distanza itwal għal operazzjoni tat-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa.*** |

Or. en

**Emenda 106**
**Phil Bennion**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Il-White Paper dwar it-trasport tinsisti wkoll fuq il-ħtieġa li wieħed ***jadatta għall-evoluzzjonijiet*** tat-trasport intermodali, b’mod partikolari fil-każ tat-trasport bil-kontejners, fejn qed jintużaw dejjem aktar kontejners ta’ 45 pied. Dawn jiġu trasportati bil-ferrovija jew permezz tal-passaġġi tal-ilma. Iżda l-parti tat-triq fit-trasport intermodali tista’ tintuża biss, illum il-ġurnata, jekk l-Istati Membri u t-trasportaturi jsegwu proċeduri amministrattivi limitati jew jekk dawn ***il-kontenituri jkollhom*** irkejjen maqtugħin iċċertifikati li l-ispiża tagħhom hija waħda projbittiva. Żieda ta’ 15-il ċentimetru fil-vetturi li jkunu qed iġorruhom tista’ tevita l-proċeduri amministrattivi lit-trasportatur, u tiffaċilita t-trasport intermodali, mingħajr | (9) Il-White Paper dwar it-trasport tinsisti wkoll fuq il-ħtieġa li wieħed ***jimmonitorja l-evoluzzjonijiet*** tat-trasport intermodali, b’mod partikolari fil-każ tat-trasport bil-kontejners, fejn qed jintużaw dejjem aktar kontejners ta’ 45 pied. Dawn jiġu trasportati bil-ferrovija jew permezz tal-passaġġi tal-ilma. Iżda l-parti tat-triq fit-trasport intermodali tista’ tintuża biss, illum il-ġurnata, jekk l-Istati Membri u t-trasportaturi jsegwu proċeduri amministrattivi limitati jew jekk dawn ***il-kontejners ikollhom*** irkejjen maqtugħin iċċertifikati li l-ispiża tagħhom hija waħda projbittiva. Żieda ta’ 15-il ċentimetru fil-vetturi li jkunu qed iġorruhom tista’ tevita l-proċeduri amministrattivi lit-trasportatur, u tiffaċilita t-trasport intermodali, mingħajr |

| | |
|---|---|
| riskju jew preġudizzju għall-utenti l-oħra tat-triq jew għall-infrastruttura. Fil-fatt, l-estensjoni żgħira ta' dawn il-15-il ċentimetru b'rabta mat-tul tal-piżijiet tqal artikulati (***16,50 m) ma tikkostitwixxix riskju addizzjonali għas-sikurezza tat-triq. Skont il-linja politika tal-White Paper dwar it-trasport, din iż-żieda, madankollu, hija biss awtorizzata għat-trasport intermodali, li fih il-parti tat-triq ma taqbiżx it-300 km għall-operazzjonijiet li jimplikaw parti ferrovjarja, fix-xmara jew parti marittima. Din id-distanza tidher waħda suffiċjenti biex tgħaqqad flimkien sit industrijali jew kummerċjali ma' stazzjon għat-trasbord jew port fix-xmara. Sabiex jiġi konness port marittimu u jkun hemm appoġġ għall-iżvilupp ta' awtostradi tal-baħar, huwa possibbli li jkun hemm distanza itwal għal operazzjoni tat-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa.*** | riskju jew preġudizzju għall-utenti l-oħra tat-triq jew għall-infrastruttura. Fil-fatt, l-estensjoni żgħira ta' dawn il-15-il ċentimetru b'rabta mat-tul tal-piżijiet tqal artikulati (***16,50 m) ma tikkostitwixxix riskju addizzjonali għas-sikurezza tat-triq. Skont il-linja politika tal-White Paper dwar it-trasport, din iż-żieda, madankollu, hija biss awtorizzata għat-trasport intermodali, li fih il-parti tat-triq ma taqbiżx it-300 km għall-operazzjonijiet li jimplikaw parti ferrovjarja, fix-xmara jew parti marittima. Din id-distanza tidher waħda suffiċjenti biex tgħaqqad flimkien sit industrijali jew kummerċjali ma' stazzjon għat-trażbord jew port fix-xmara. Waqt li jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-Istati Membri gżejjer, sabiex jiġi konness port marittimu u jkun hemm appoġġ għall-iżvilupp ta' awtostradi tal-baħar, huwa possibbli li jkun hemm distanza itwal għal operazzjoni tat-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa.*** |

Or. en

**Emenda 107**
**Philippe De Backer**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Il-White Paper dwar it-trasport tinsisti wkoll fuq il-ħtieġa li wieħed ***jadatta għall-evoluzzjonijiet*** tat-trasport intermodali, b'mod partikolari fil-każ tat-trasport bil-kontejners, fejn qed jintużaw dejjem aktar kontejners ta' 45 pied. Dawn jiġu trasportati bil-ferrovija jew permezz tal-passaġġi tal-ilma. Iżda l-parti tat-triq fit-trasport intermodali tista' tintuża biss, illum il-ġurnata, jekk l-Istati Membri u t-trasportaturi jsegwu proċeduri amministrattivi limitati jew jekk dawn ***il-kontenituri jkollhom*** irkejjen maqtugħin iċċertifikati li l-ispiża tagħhom hija waħda | (9) Il-White Paper dwar it-trasport tinsisti wkoll fuq il-ħtieġa li wieħed ***jimmonitorja l-evoluzzjonijiet*** tat-trasport intermodali, b'mod partikolari fil-każ tat-trasport bil-kontejners, fejn qed jintużaw dejjem aktar kontejners ta' 45 pied. Dawn jiġu trasportati bil-ferrovija jew permezz tal-passaġġi tal-ilma. Iżda l-parti tat-triq fit-trasport intermodali tista' tintuża biss, illum il-ġurnata, jekk l-Istati Membri u t-trasportaturi jsegwu proċeduri amministrattivi limitati jew jekk dawn ***il-kontejners ikollhom*** irkejjen maqtugħin iċċertifikati li l-ispiża tagħhom hija waħda |

| | |
|---|---|
| projbittiva. Żieda ta' ***15-il*** ċentimetru fil-vetturi li jkunu qed iġorruhom tista' tevita l-proċeduri amministrattivi lit-trasportatur, u tiffaċilita t-trasport intermodali, mingħajr riskju jew preġudizzju għall-utenti l-oħra tat-triq jew għall-infrastruttura. Fil-fatt, l-estensjoni żgħira ta' dawn ***il-15-il*** ċentimetru b'rabta mat-tul tal-piżijiet tqal artikulati (***16,50 m) ma tikkostitwixxix riskju addizzjonali għas-sikurezza tat-triq. Skont il-linja politika tal-White Paper dwar it-trasport, din iż-żieda, madankollu, hija biss awtorizzata għat-trasport intermodali, li fih il-parti tat-triq ma taqbiżx it-300 km għall-operazzjonijiet li jimplikaw parti ferrovjarja, fix-xmara jew parti marittima. Din id-distanza tidher waħda suffiċjenti biex tgħaqqad flimkien sit industrijali jew kummerċjali ma' stazzjon għat-trasbord jew port fix-xmara. Sabiex jiġi konness port marittimu u jkun hemm appoġġ għall-iżvilupp ta' awtostradi tal-baħar, huwa possibbli li jkun hemm distanza itwal għal operazzjoni tat-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa.*** | projbittiva. Żieda ta' ***80*** ċentimetru fil-vetturi li jkunu qed iġorruhom tista' tevita l-proċeduri amministrattivi lit-trasportatur, u tiffaċilita t-trasport intermodali, mingħajr riskju jew preġudizzju għall-utenti l-oħra tat-triq jew għall-infrastruttura. Fil-fatt, l-estensjoni żgħira ta' dawn ***it-80*** ċentimetru b'rabta mat-tul tal-piżijiet tqal artikulati (***16,50 m) ma tikkostitwixxix riskju addizzjonali għas-sikurezza tat-triq. Skont il-linja politika tal-White Paper dwar it-trasport, din iż-żieda, madankollu, hija biss awtorizzata għat-trasport intermodali.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Żieda ta' 15-il ċentimetru fit-tul tista' mhux dejjem tkun suffiċjenti għall-vetturi involuti fit-trasport ta' kontejners ta' 45 pied. Il-Belġju, pereżempju, jippermetti estensjoni ta' 77 ċentimetru għat-trasport ta' kontejner ta' 45 pied minn u lejn terminal intermodali fit-territorju nazzjonali. Għaldaqstant hija meħtieġa emenda li tipproponi estensjoni oħra.*

**Emenda 108**
**Markus Ferber**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Sabiex tissokta l-promozzjoni tat-trasport intermodali ***u sabiex jiġi kkunsidrat il-piż*** ta' ***kontejners*** vojta ***ta' 45 pied, jeħtieġ li tiġi estiża*** d-dispożizzjoni li tawtorizza ċ-ċirkulazzjoni | (10) Sabiex tissokta l-promozzjoni tat-trasport intermodali ***għandhom jiġu kkunsidrati l-unitajiet*** ta' ***tagħbija intermodali kollha li jinsabu fit-trasport. Sabiex jiġu kkunsidrati b'mod adegwat il-*** |

ta' vetturi b'5 sa 6 fusijiet ***b'piż ta' 44 tunnellata li jittrasportaw,*** fi trasport intermodali***,*** kontejners ta' 40 pied ***għal dawk li jitrasportaw kontejners*** ta' 45 pied.

***piżijiet tal-kontejners*** vojta***, jidher li hu meħtieġ li*** d-dispożizzjoni li tawtorizza ċ-ċirkulazzjoni ***tal-kombinazzjoni*** ta' vetturi b'5 sa 6 fusijiet fi trasport intermodali ***ta'*** kontejners ta' 40 pied ***b'piż totali tal-ferrovija*** ta' ***44 tunnellata, tiġi estiża għat-trasport intermodali skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva (pereżempju kaxex skambjabbli, kontejners sa*** 45 pied***).***

Or. de

**Emenda 109**
**Patricia van der Kammen**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Sa mill-adozzjoni tad-Direttiva ***96/53/KE***, il-piż medju tal-passiġġieri tal-kowċis kif ukoll tal-bagalji tagħhom, żdied b'mod sostanzjali u dan wassal għal tnaqqis progressiv fl-għadd ta' passiġġieri trasportati, meta jitqiesu l-limiti tal-piżijiet imposti mid-Direttiva. Il-ħtieġa li jkun iffavorit it-trasport kollettiv fil-konfront ta' dak individwali sabiex ikun hemm effiċjenza enerġetika aħjar, twassal sabiex jerġa' jiġi stabbilit mill-ġdid l-għadd ta' passiġġieri ta' qabel għal kull kowċ filwaqt li tiġi kkunsidrata din iż-żieda fil-piżijiet tagħhom u tal-bagalji tagħhom. Dan jista' jsir permezz ta' żieda fil-piż ammissibbli tal-kowċis b'żewġ fusijiet, fil-limiti li, madankollu, jippermettu li ma ssirx ħsara lill-infrastrutturi minħabba brix aktar rapidu. | (11) Sa mill-adozzjoni tad-Direttiva ***2002/7/KE***, il-piż medju tal-passiġġieri tal-kowċis kif ukoll tal-bagalji tagħhom, żdied b'mod sostanzjali u dan wassal għal tnaqqis progressiv fl-għadd ta' passiġġieri trasportati, meta jitqiesu l-limiti tal-piżijiet imposti mid-Direttiva. Il-ħtieġa li jkun iffavorit it-trasport kollettiv fil-konfront ta' dak individwali sabiex ikun hemm effiċjenza enerġetika aħjar, twassal sabiex jerġa' jiġi stabbilit mill-ġdid l-għadd ta' passiġġieri ta' qabel għal kull kowċ filwaqt li tiġi kkunsidrata din iż-żieda fil-piżijiet tagħhom u tal-bagalji tagħhom. Dan jista' jsir permezz ta' żieda fil-piż ammissibbli tal-kowċis b'żewġ fusijiet, fil-limiti li, madankollu, jippermettu li ma ssirx ħsara lill-infrastrutturi minħabba brix aktar rapidu. |

Or. nl

**Emenda 110**
**Phil Bennion**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) L-awtoritajiet responsabbli għar-rispett tal-preskrizzjonijiet marbuta mat-trasport tat-triq jiddikjaraw għadd għoli ta' ksur, xi drabi gravi, b'mod partikolari fir-rigward tal-piżijiet tal-vetturi tat-trasport. Din is-sitwazzjoni tirriżulta mill-għadd insuffiċjenti ta' kontrolli mwettqa skont id-Direttiva 96/53/KE, jew mill-effikaċja dgħajfa ta' dawn il-kontrolli. Minbarra dan, il-proċeduri u r-regoli ta' kontroll huma differenti fl-Istati Membri, u dan joħloq sitwazzjonijiet ta' insikurezza ġuridika għas-sewwieqa ta' vetturi li jiċċirkulaw f'bosta Stati Membri tal-Unjoni. Ukoll, dawk it-trasportaturi li ma jirrispettawx ir-regoli marbuta ma' dan il-qasam, jibbenefikaw minn vantaġġ kompetittiv sinifikanti meta mqabbel mal-kompetituri tagħhom li jimxu mar-regoli, u meta mqabbel ma' modi oħra ta' trasport. Din is-sitwazzjoni hija ta' ostaklu għall-funzjonament tajjeb tas-Suq Intern. Għalhekk xieraq li l-Istati Membri jżidu r-ritmu tal-kontrolli mwettqa, kemm dawk manwali kif ukoll il-preselezzjonijiet fid-dawl ta' tali kontroll. | (12) L-awtoritajiet responsabbli għar-rispett tal-preskrizzjonijiet marbuta mat-trasport tat-triq jiddikjaraw għadd għoli ta' ksur, xi drabi gravi, b'mod partikolari fir-rigward tal-piżijiet tal-vetturi tat-trasport. Din is-sitwazzjoni tirriżulta mill-għadd insuffiċjenti ta' kontrolli mwettqa skont id-Direttiva 96/53/KE, jew mill-effikaċja dgħajfa ta' dawn il-kontrolli. Minbarra dan, il-proċeduri u r-regoli ta' kontroll huma differenti fl-Istati Membri, u dan joħloq sitwazzjonijiet ta' insikurezza ġuridika għas-sewwieqa ta' vetturi li jiċċirkulaw f'bosta Stati Membri tal-Unjoni. Ukoll, dawk it-trasportaturi li ma jirrispettawx ir-regoli marbuta ma' dan il-qasam, jibbenefikaw minn vantaġġ kompetittiv sinifikanti meta mqabbel mal-kompetituri tagħhom li jimxu mar-regoli, u meta mqabbel ma' modi oħra ta' trasport. Din is-sitwazzjoni hija ta' ostaklu għall-funzjonament tajjeb tas-Suq Intern ***u ta' riskju għas-sikurezza tat-triq***. Għalhekk ***huwa*** xieraq li l-Istati Membri jżidu r-ritmu ***u l-effiċjenza*** tal-kontrolli mwettqa, kemm dawk manwali kif ukoll il-preselezzjonijiet fid-dawl ta' tali kontroll***, abbażi ta' sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskji***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi attribwit profil tar-riskju lil kull intrapriża identifikata fis-sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskji tal-ispezzjonijiet fit-triq biex jiġi żgurat li l-kontrolli tal-vetturi jkunu effiċjenti.*

**Emenda 111**
**Patricia van der Kammen**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) L-awtoritajiet responsabbli għar-rispett tal-preskrizzjonijiet marbuta mat-trasport tat-triq jiddikjaraw għadd għoli ta' ksur, xi drabi gravi, b'mod partikolari fir-rigward tal-piżijiet tal-vetturi tat-trasport. ***Din is-sitwazzjoni tirriżulta mill-għadd insuffiċjenti ta'*** kontrolli mwettqa skont id-Direttiva 96/53/KE, jew ***mill-effikaċja*** dgħajfa ta' dawn il-kontrolli. Minbarra dan, il-proċeduri u r-regoli ta' kontroll huma differenti fl-Istati Membri, u ***dan joħloq sitwazzjonijiet ta' insikurezza ġuridika għas-sewwieqa ta' vetturi li jiċċirkulaw f'bosta Stati Membri tal-Unjoni. Ukoll,*** dawk it-trasportaturi li ma jirrispettawx ir-regoli marbuta ma' dan il-qasam, jibbenefikaw minn vantaġġ kompetittiv sinifikanti meta mqabbel mal-kompetituri tagħhom li jimxu mar-regoli, u meta mqabbel ma' modi oħra ta' trasport. Din is-sitwazzjoni hija ta' ostaklu għall-funzjonament tajjeb tas-Suq Intern. Għalhekk ***importanti li l-Istati Membri*** jżidu r-ritmu tal-kontrolli mwettqa, kemm dawk manwali kif ukoll il-preselezzjonijiet fid-dawl ta' tali kontroll. | (12) L-awtoritajiet responsabbli għar-rispett tal-preskrizzjonijiet marbuta mat-trasport tat-triq jiddikjaraw għadd għoli ta' ksur, xi drabi gravi, b'mod partikolari fir-rigward tal-piżijiet tal-vetturi tat-trasport. ***Fatturi rilevanti jinkludu, pereżempju,*** kontrolli mwettqa skont id-Direttiva 96/53/KE, jew ***l-effikaċja*** dgħajfa ta' dawn il-kontrolli. Minbarra dan, il-proċeduri u r-regoli ta' kontroll huma differenti fl-Istati Membri, u dawk it-trasportaturi li ma jirrispettawx ir-regoli marbuta ma' dan il-qasam, jibbenefikaw minn vantaġġ kompetittiv sinifikanti meta mqabbel mal-kompetituri tagħhom li jimxu mar-regoli, u meta mqabbel ma' modi oħra ta' trasport. Din is-sitwazzjoni hija ta' ostaklu għall-funzjonament tajjeb tas-Suq Intern. Għalhekk ***jiddependi mill-Istati Membri, jekk jixtiequ hekk, li*** jżidu r-ritmu tal-kontrolli mwettqa, kemm dawk manwali kif ukoll il-preselezzjonijiet fid-dawl ta' tali kontroll. |

Or. nl

**Emenda 112**
**Anne E. Jensen**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Fil-fatt, diġà huma disponibbli soluzzjonijiet tekniċi sempliċi, fissi jew mobbli li jippermettu l-preselezzjoni, mingħajr ma jkun hemm il-ħtieġa li l-vetturi jitwaqqfu, tal-vetturi suspettati bi ksur; dan huwa mod li jxekkel anqas il-fluss tat-traffiku, huwa anqas oneruż u jippermetti kundizzjonijiet ottimi ta' sikurezza. Ċertu tagħmir jista' jittella' | (13) Fil-fatt, diġà huma disponibbli soluzzjonijiet tekniċi sempliċi, fissi jew mobbli li jippermettu l-preselezzjoni, mingħajr ma jkun hemm il-ħtieġa li l-vetturi jitwaqqfu, tal-vetturi suspettati bi ksur; dan huwa mod li jxekkel anqas il-fluss tat-traffiku, huwa anqas oneruż u jippermetti kundizzjonijiet ottimi ta' sikurezza. Ċertu tagħmir jista' jittella' |

abbord ***piżijiet*** tqal u jipprovdi lis-sewwieq b'mezz ta' awtokontroll li jippermettilu jkun jaf jekk huwiex konformi mal-liġi. Dan it-tagħmir abbord jista' wkoll jikkomunika d-dettalji dwar il-vetturi, mingħajr ma jkun hemm għalfejn titwaqqaf il-vettura, lill-pulizija jew lis-sistemi awtomatiċi ta' kontroll li jitqiegħdu fit-triq, billi juża interfaċċja ta' komunikazzjoni li taħdem bil-microwaves. ***Fil-preselezzjoni, limitu minimu*** ta' ***piż ta' 2000 vetturi-kilometru jiggarantixxi*** l-effikaċja tal-kontroll fit-triq fit-territorju tal-Unjoni***, għaliex jippermetti l-kontroll ta' kull vettura permezz ta' medja statistika kull tlett ijiem***.

abbord ***vetturi*** tqal ***tal-merkanzija*** u jipprovdi lis-sewwieq b'mezz ta' awtokontroll li jippermettilu jkun jaf jekk huwiex konformi mal-liġi. Dan it-tagħmir abbord jista' wkoll jikkomunika d-dettalji dwar il-vetturi, mingħajr ma jkun hemm għalfejn titwaqqaf il-vettura, lill-pulizija jew lis-sistemi awtomatiċi ta' kontroll li jitqiegħdu fit-triq, billi juża interfaċċja ta' komunikazzjoni li taħdem bil-microwaves. ***Il-preselezzjoni għandha tkun proporzjonali mal-għadd totali*** ta' ***dawn il-vetturi li huma rreġistrati u/jew joperaw fit-territorju tagħha biex tiġi ggarantita*** l-effikaċja tal-kontroll fit-triq fit-territorju tal-Unjoni. ***Is-soluzzjonijiet teknoloġiċi għandhom jintużaw biss mill-Istati Membri jekk jintwerew il-preċiżjoni u l-affidabbiltà teknoloġiċi tagħhom u jekk jiġu applikati b'mod approssimattiv mill-Istati Membri kollha.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri għandhom jużaw biss soluzzjonijiet "ippruvati" u l-proċeduri ta' infurzar għandhom jiġu armonizzati bejn l-Istati Membri tal-UE. L-Istati Membri għandhom jitħallew jiddeċiedu l-għadd ta' vetturi li għandhom jintgħażlu minn qabel għall-kontrolli billi jikkunsidraw l-għadd ta' dawn il-vetturi rreġistrati u/jew li joperaw fit-territorju tagħhom.*

**Emenda 113**
**Markus Ferber**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (13) Fil-fatt, diġà huma disponibbli soluzzjonijiet tekniċi sempliċi, fissi jew mobbli li jippermettu l-preselezzjoni, mingħajr ma jkun hemm il-ħtieġa li l-vetturi jitwaqqfu, tal-vetturi suspettati bi ksur; dan huwa mod li jxekkel anqas il-fluss tat-traffiku, huwa anqas oneruż u jippermetti kundizzjonijiet ottimi ta' sikurezza. Ċertu tagħmir jista' jittella' abbord ***piżijiet*** tqal u jipprovdi lis-sewwieq | (13) Fil-fatt, diġà huma disponibbli soluzzjonijiet tekniċi sempliċi, fissi jew mobbli li jippermettu l-preselezzjoni, mingħajr ma jkun hemm il-ħtieġa li l-vetturi jitwaqqfu, tal-vetturi suspettati bi ksur; dan huwa mod li jxekkel anqas il-fluss tat-traffiku, huwa anqas oneruż u jippermetti kundizzjonijiet ottimi ta' sikurezza. Ċertu tagħmir jista' jittella' abbord ***vetturi*** tqal ***tal-merkanzija*** u |

| | |
|---|---|
| b'mezz ta' awtokontroll li jippermettilu jkun jaf jekk huwiex konformi mal-liġi. Dan it-tagħmir abbord jista' wkoll jikkomunika d-dettalji dwar il-vetturi, mingħajr ma jkun hemm għalfejn titwaqqaf il-vettura, lill-pulizija jew lis-sistemi awtomatiċi ta' kontroll li jitqiegħdu fit-triq, billi juża interfaċċja ta' komunikazzjoni li taħdem bil-microwaves. ***Fil-preselezzjoni, limitu minimu*** ta' ***piż*** ta' ***2000 vetturi-kilometru*** jiggarantixxi l-effikaċja tal-kontroll fit-triq fit-territorju tal-Unjoni***, għaliex jippermetti l-kontroll*** ta' ***kull vettura permezz*** ta' ***medja statistika kull tlett ijiem***. | jipprovdi lis-sewwieq b'mezz ta' awtokontroll li jippermettilu jkun jaf jekk huwiex konformi mal-liġi. Dan it-tagħmir abbord jista' wkoll jikkomunika d-dettalji dwar il-vetturi, mingħajr ma jkun hemm għalfejn titwaqqaf il-vettura, lill-pulizija jew lis-sistemi awtomatiċi ta' kontroll li jitqiegħdu fit-triq, billi juża interfaċċja ta' komunikazzjoni li taħdem bil-microwaves. ***Is-sistemi*** ta' ***kontroll kollha u diversi rekwiżiti tekniċi għandhom jiġu armonizzati fl-Ewropa kollha. Għal sistemi li għandhom jiġu mmuntati f'vetturi kummerċjali, b'mod obbligatorju għandhom jiġu adottati regolamentazzjonijiet adegwati fil-proċessi*** ta' ***approvazzjoni tat-tip tal-vetturi kummerċjali kollha. Fil-preselezzjoni jidher li tal-inqas [ ]% tal-vetturi inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni fit-territorju tagħhom huwa adegwat, għax*** jiggarantixxi l-effikaċja tal-kontroll fit-triq fit-territorju tal-Unjoni***. Vetturi mhux irreġistrati fit-territorju għandhom ikunu inklużi fil-kwota*** ta' ***spezzjonijiet b'mod proporzjonat għall-volum*** ta' ***traffiku totali***. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Fl-Istati Membri jeżistu standards tekniċi differenti għas-sistemi tal-ispezzjonijiet. Sabiex jintlaħqu valuri ta' kejl simili fl-Ewropa kollha, għandhom japplikaw rekwiżiti xierqa. Il-preselezzjoni tal-kejl għandha tkun adattata għall-proposta tal-emenda fid-densità tal-kontroll fl-ispezzjoni teknika fit-triq.*

**Emenda 114**
**Silvia-Adriana Ţicău**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (***13) Fil-fatt, diġà huma disponibbli soluzzjonijiet tekniċi sempliċi, fissi jew mobbli li jippermettu l-preselezzjoni, mingħajr ma jkun hemm il-ħtieġa li l-*** | (***Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*** |

***vetturi jitwaqqfu, tal-vetturi suspettati bi ksur; dan huwa mod li jxekkel anqas il-fluss tat-traffiku, huwa anqas oneruż u jippermetti kundizzjonijiet ottimi ta' sikurezza. Ċertu tagħmir jista' jittella' abbord piżijiet tqal u jipprovdi lis-sewwieq b'mezz ta' awtokontroll li jippermettilu jkun jaf jekk huwiex konformi mal-liġi. Dan it-tagħmir abbord jista' wkoll jikkomunika d-dettalji dwar il-vetturi, mingħajr ma jkun hemm għalfejn titwaqqaf il-vettura, lill-pulizija jew lis-sistemi awtomatiċi ta' kontroll li jitqiegħdu fit-triq, billi juża interfaċċja ta' komunikazzjoni li taħdem bil-microwaves. Fil-preselezzjoni, limitu minimu ta' piż ta' 2000 vetturi-kilometru jiggarantixxi l-effikaċja tal-kontroll fit-triq fit-territorju tal-Unjoni, għaliex jippermetti l-kontroll ta' kull vettura permezz ta' medja statistika kull tlett ijiem.***

Or. ro

**Emenda 115**
**Phil Bennion**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Fil-fatt, diġà huma disponibbli soluzzjonijiet tekniċi sempliċi, fissi jew mobbli li jippermettu l-preselezzjoni, mingħajr ma jkun hemm il-ħtieġa li l-vetturi jitwaqqfu, tal-vetturi suspettati bi ksur; dan huwa mod li jxekkel anqas il-fluss tat-traffiku, huwa anqas oneruż u jippermetti kundizzjonijiet ottimi ta' sikurezza. ***Ċertu*** tagħmir ***jista'*** jittella' abbord ***piżijiet*** tqal ***u*** jipprovdi lis-sewwieq b'mezz ta' awtokontroll li jippermettilu jkun jaf jekk huwiex konformi mal-liġi. Dan it-tagħmir abbord jista' wkoll jikkomunika d-dettalji dwar il-vetturi, mingħajr ma jkun hemm għalfejn titwaqqaf il-vettura, lill-pulizija jew lis-sistemi awtomatiċi ta' kontroll li jitqiegħdu fit-triq, | (13) Fil-fatt, diġà huma disponibbli soluzzjonijiet tekniċi sempliċi, fissi jew mobbli li jippermettu l-preselezzjoni, mingħajr ma jkun hemm il-ħtieġa li l-vetturi jitwaqqfu, tal-vetturi suspettati bi ksur; dan huwa mod li jxekkel anqas il-fluss tat-traffiku, huwa anqas oneruż u jippermetti kundizzjonijiet ottimi ta' sikurezza. ***Barra minn hekk, meta jkun xieraq,*** tagħmir ***għandu*** jittella' abbord ***vetturi*** tqal ***tal-merkanzija li*** jipprovdi lis-sewwieq b'mezz ta' awtokontroll li jippermettilu jkun jaf jekk huwiex konformi mal-liġi. Dan it-tagħmir abbord jista' wkoll jikkomunika d-dettalji dwar il-vetturi, mingħajr ma jkun hemm għalfejn titwaqqaf il-vettura, lill-pulizija jew lis- |

| | |
|---|---|
| billi juża interfaċċja ta' komunikazzjoni li taħdem bil-microwaves. ***Fil-preselezzjoni***, limitu minimu ta' piż ta' 2000 vetturi-kilometru jiggarantixxi l-effikaċja tal-kontroll fit-triq fit-territorju tal-Unjoni, għaliex jippermetti l-kontroll ta' kull vettura permezz ta' medja statistika kull tlett ijiem. | sistemi awtomatiċi ta' kontroll li jitqiegħdu fit-triq, billi juża interfaċċja ta' komunikazzjoni li taħdem bil-microwaves. ***Il-preselezzjoni għandha tkun ibbażata fuq sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskji biex tiġi żgurata l-effiċjenza tal-kontrolli***, ***u għandu jkollha*** limitu minimu ta' piż ta' 2000 vetturi-kilometru ***li*** jiggarantixxi l-effikaċja tal-kontroll fit-triq fit-territorju tal-Unjoni, għaliex jippermetti l-kontroll ta' kull vettura permezz ta' medja statistika kull tlett ijiem. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-operaturi tal-vetturi kummerċjali għandhom jinstallaw fil-vetturi rreġistrati tagħmir abbord tal-piż biex is-sewwieq ikun jista' jikkontrolla jekk il-vettura tiegħu hijiex konformi mal-liġi.*

**Emenda 116**
**Phil Bennion**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Għadd kbir ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 96/53/KE ġeneralment jirriżulta mil-livell mhux dissważiv tas-sanzjonijiet previsti mil-liġi tal-Istati Membri f'każ ta' ksur ta' dawn ir-regoli, inkluż in-nuqqas ta' tali sanzjonijiet. Din id-dgħufija tiggrava aktar minħabba d-diversità kbira tal-livelli ta' sanzjonijiet amministrattivi applikabbli fl-Istati Membri differenti. Sabiex ikun hemm rimedju għal dawn id-dgħufijiet, jeħtieġ li, fil-livell tal-Unjoni, jiġu armonizzati l-livelli u l-kategoriji ta' sanzjonijiet amministrattivi għall-ksur tad-Direttiva 96/53/KE. ***Dawn is-sanzjonijiet amministrattivi*** għandhom ikunu effettivi, ***proporzjonali u dissważivi***. | (14) Għadd kbir ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 96/53/KE ġeneralment jirriżulta mil-livell mhux dissważiv tas-sanzjonijiet previsti mil-liġi tal-Istati Membri f'każ ta' ksur ta' dawn ir-regoli, inkluż in-nuqqas ta' tali sanzjonijiet. Din id-dgħufija tiggrava aktar minħabba d-diversità kbira tal-livelli ta' sanzjonijiet amministrattivi applikabbli fl-Istati Membri differenti. Sabiex ikun hemm rimedju għal dawn id-dgħufijiet, jeħtieġ li, fil-livell tal-Unjoni, jiġu armonizzati l-livelli u l-kategoriji ta' sanzjonijiet amministrattivi għall-ksur tad-Direttiva 96/53/KE. ***Dawk il-penalitajiet*** għandhom ikunu effettivi, ***proporzjonati, dissważivi u mhux diskriminatorji***. |

Or. en

**Emenda 117**
**Patricia van der Kammen**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Għadd kbir ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva ***96/53/KE*** ġeneralment jirriżulta mil-livell mhux dissważiv tas-sanzjonijiet previsti mil-liġi tal-Istati Membri f'każ ta' ksur ta' dawn ir-regoli, inkluż in-nuqqas ta' tali sanzjonijiet. Din id-dgħufija tiggrava aktar minħabba d-diversità kbira tal-livelli ta' sanzjonijiet amministrattivi applikabbli fl-Istati Membri differenti. Sabiex ikun hemm rimedju għal dawn id-dgħufijiet, jeħtieġ li, fil-livell tal-Unjoni, jiġu armonizzati l-livelli u l-kategoriji ta' sanzjonijiet amministrattivi għall-ksur tad-Direttiva ***96/53/KE***. Dawn is-sanzjonijiet amministrattivi għandhom ikunu effettivi, proporzjonali u dissważivi. | (14) Għadd kbir ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva ***2002/7/KE*** ġeneralment jirriżulta mil-livell mhux dissważiv tas-sanzjonijiet previsti mil-liġi tal-Istati Membri f'każ ta' ksur ta' dawn ir-regoli, inkluż in-nuqqas ta' tali sanzjonijiet. Din id-dgħufija tiggrava aktar minħabba d-diversità kbira tal-livelli ta' sanzjonijiet amministrattivi applikabbli fl-Istati Membri differenti. Sabiex ikun hemm rimedju għal dawn id-dgħufijiet, jeħtieġ li, fil-livell tal-Unjoni, jiġu armonizzati l-livelli u l-kategoriji ta' sanzjonijiet amministrattivi għall-ksur tad-Direttiva ***2002/7/KE***. Dawn is-sanzjonijiet amministrattivi għandhom ikunu effettivi, proporzjonali u dissważivi. |

Or. nl

**Emenda 118**
**Patricia van der Kammen**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) L-awtoritajiet tal-kontroll fl-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jiskambjaw informazzjoni sabiex il-kontrolli tal-piżijiet tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni tal-vetturi jsiru aktar effikaċi fil-livell internazzjonali, u sabiex il-kontrolli jitwettqu kif xieraq b'mod aktar faċli, b'mod partikolari l-identifikazzjoni ta' min ikun qed iwettaq il-ksur, id-deskrizzjoni tal-ksur u tas-sanzjonijiet applikati, u l-istat ta' rispettabbiltà tal-intrapriżi kkonċernati. ***Il-punt ta' kuntatt magħżul skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament 1071/2009/KE tal-Parlament*** | (15) L-awtoritajiet tal-kontroll fl-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jiskambjaw informazzjoni sabiex il-kontrolli tal-piżijiet tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni tal-vetturi jsiru aktar effikaċi fil-livell internazzjonali, u sabiex il-kontrolli jitwettqu kif xieraq b'mod aktar faċli, b'mod partikolari l-identifikazzjoni ta' min ikun qed iwettaq il-ksur, id-deskrizzjoni tal-ksur u tas-sanzjonijiet applikati, u l-istat ta' rispettabbiltà tal-intrapriżi kkonċernati. |

***Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE[9], jista' jservi ta' punt ta' konverġenza għal dan l-iskambju ta' informazzjoni.***

***[9] ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51.***

Or. nl

**Emenda 119**
**Patricia van der Kammen**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(16) Xieraq li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jiġu infurmati b'mod regolari dwar il-kontrolli li jsiru mill-Istati Membri fit-toroq. Din l-informazzjoni, mogħtija mill-Istati Membri, se tippermetti lill-Kummissjoni li tiżgura r-rispett ta' din id-Direttiva min-naħa tat-trasportaturi u li teżamina jekk il-miżuri sfurzati għandhomx jiġu elaborati jew le.*** | ***imħassra*** |

Or. nl

**Emenda 120**
**Phil Bennion**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Xieraq li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jiġu infurmati b'mod regolari dwar il-kontrolli li jsiru mill-Istati Membri fit-toroq. Din l-informazzjoni, mogħtija mill-Istati Membri, se tippermetti lill-Kummissjoni li tiżgura r-rispett ta' din id-Direttiva min-naħa tat-trasportaturi u li | (16) Xieraq li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jiġu infurmati b'mod regolari dwar il-kontrolli li jsiru mill-Istati Membri fit-toroq. Din l-informazzjoni, mogħtija mill-Istati Membri ***mill-punt ta' kuntatt tagħhom***, se tippermetti lill-Kummissjoni li tiżgura r-rispett ta' din id-Direttiva min- |

teżamina jekk il-miżuri sfurzati għandhomx jiġu elaborati jew le.

naħa tat-trasportaturi u li teżamina jekk il-miżuri sfurzati għandhomx jiġu elaborati jew le.

Or. en

**Emenda 121**
**Eva Lichtenberger, Michael Cramer**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Xieraq li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jiġu infurmati b'mod regolari ***dwar il-kontrolli li jsiru*** mill-Istati Membri fit-toroq. Din l-informazzjoni, mogħtija mill-Istati Membri, se tippermetti lill-Kummissjoni li tiżgura r-rispett ta' din id-Direttiva min-naħa tat-trasportaturi u li teżamina jekk il-miżuri sfurzati għandhomx jiġu elaborati jew le. | (16) Xieraq li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jiġu infurmati ***dwar il-kontrolli li jsiru*** b'mod regolari mill-Istati Membri fit-toroq. Din l-informazzjoni, mogħtija mill-Istati Membri, se tippermetti lill-Kummissjoni li tiżgura r-rispett ta' din id-Direttiva min-naħa tat-trasportaturi u li teżamina jekk il-miżuri sfurzati għandhomx jiġu elaborati jew le. |

Or. en

**Emenda 122**
**Patricia van der Kammen**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(17) Il-Kummissjoni għandha tkun tista' tadotta atti ddelegati, skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, sabiex tiddefinixxi l-eżiġenzi applikabbli għat-tagħmir ajrudinamiku ġdid li jitqiegħed fuq wara tal-vetturi jew għall-kunċett ta' vetturi bil-mutur ġodda, kif ukoll l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jippermettu li tiġi żgurata l-interoperabilità sħiħa tat-tagħmir abbord tal-piż, u l-gwidi dwar il-proċeduri ta' kontroll tal-piż tal-vetturi fit-triq. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Matul*** | ***imħassra*** |

***it-tħejjija u l-elaborazzjoni tal-atti ddelegati, il-Kummissjoni tieħu ħsieb li d-dokumenti rilevanti jiġu trażmessi simultanjament, fi żmien xieraq u b'mod approprjat, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***

Or. nl

**Emenda 123**
**Dieter-Lebrecht Koch**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Il-Kummissjoni għandha tkun tista' tadotta atti ddelegati, skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, sabiex tiddefinixxi l-eżiġenzi applikabbli għat-tagħmir ajrudinamiku ġdid li jitqiegħed fuq wara tal-vetturi jew għall-kunċett ta' vetturi bil-mutur ġodda, kif ukoll l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jippermettu li tiġi żgurata l-interoperabilità sħiħa tat-tagħmir abbord tal-piż, u l-gwidi dwar il-proċeduri ta' kontroll tal-piż tal-vetturi fit-triq. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Matul it-tħejjija u l-elaborazzjoni tal-atti ddelegati, il-Kummissjoni tieħu ħsieb li d-dokumenti rilevanti jiġu trażmessi simultanjament, fi żmien xieraq u b'mod approprjat, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. | (17) Il-Kummissjoni għandha tkun tista' tadotta atti ddelegati, skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, sabiex tiddefinixxi l-eżiġenzi applikabbli għat-tagħmir ajrudinamiku ġdid ***bil-flaps*** li ***jassorbi l-enerġija u li jservi għall-protezzjoni tal-qiegħ li*** jitqiegħed ***fil-ġenb u*** fuq wara tal-vetturi jew għall-kunċett ta' vetturi bil-mutur ġodda, kif ukoll l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jippermettu li tiġi żgurata l-interoperabilità sħiħa tat-tagħmir abbord tal-piż, u l-gwidi dwar il-proċeduri ta' kontroll tal-piż tal-vetturi fit-triq. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Matul it-tħejjija u l-elaborazzjoni tal-atti ddelegati, il-Kummissjoni tieħu ħsieb li d-dokumenti rilevanti jiġu trażmessi simultanjament, fi żmien xieraq u b'mod approprjat, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. |

Or. de

**Emenda 124**
**Phil Bennion**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Il-Kummissjoni għandha tkun tista' tadotta atti ddelegati, skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, sabiex tiddefinixxi l-eżiġenzi applikabbli għat-tagħmir ajrudinamiku ġdid li jitqiegħed fuq wara tal-vetturi jew għall-kunċett ta' vetturi bil-mutur ġodda, kif ukoll l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jippermettu li tiġi żgurata l-interoperabilità sħiħa tat-tagħmir abbord tal-piż, u l-gwidi dwar il-proċeduri ta' kontroll tal-piż tal-vetturi fit-triq. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Matul it-tħejjija u l-elaborazzjoni tal-atti ddelegati, il-Kummissjoni tieħu ħsieb li d-dokumenti rilevanti jiġu trażmessi simultanjament, fi żmien xieraq u b'mod approprjat, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. | (17) Il-Kummissjoni għandha tkun tista' tadotta atti ddelegati, skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, sabiex tiddefinixxi l-eżiġenzi applikabbli għat-tagħmir ajrudinamiku ġdid li jitqiegħed fuq wara tal-vetturi jew għall-kunċett ta' vetturi bil-mutur ġodda, ***bil-għan li jiġu riveduti l-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip*** kif ***imsemmi fid-Direttiva 2007/46/KE fi ħdan il-qafas tar-regolamenti tan-NU/KEE, kif*** ukoll l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jippermettu li tiġi żgurata l-interoperabilità sħiħa tat-tagħmir abbord tal-piż, u l-gwidi dwar il-proċeduri ta' kontroll tal-piż tal-vetturi fit-triq. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Matul it-tħejjija u l-elaborazzjoni tal-atti ddelegati, il-Kummissjoni tieħu ħsieb li d-dokumenti rilevanti jiġu trażmessi simultanjament, fi żmien xieraq u b'mod approprjat, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. |

Or. en

**Emenda 125**
**Philippe De Backer**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Il-Kummissjoni għandha tkun tista' tadotta atti ddelegati, skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, sabiex tiddefinixxi l-eżiġenzi applikabbli għat-tagħmir ajrudinamiku ġdid li jitqiegħed fuq wara tal-vetturi jew għall-kunċett ta' vetturi bil-mutur ġodda, kif ukoll l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jippermettu li tiġi żgurata l-interoperabilità sħiħa tat-tagħmir abbord tal-piż, u l-gwidi dwar il-proċeduri ta' kontroll tal-piż tal- | (17) Il-Kummissjoni għandha tkun tista' tadotta atti ddelegati, skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, sabiex tiddefinixxi l-eżiġenzi applikabbli għat-tagħmir ajrudinamiku ġdid li jitqiegħed fuq wara tal-vetturi jew għall-kunċett ta' vetturi bil-mutur ġodda, kif ukoll l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jippermettu li tiġi żgurata l-interoperabilità sħiħa tat-tagħmir abbord tal-piż, u l-gwidi dwar il-proċeduri ta' kontroll tal-piż tal- |

| | |
|---|---|
| vetturi fit-triq. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Matul it-tħejjija u l-elaborazzjoni tal-atti ddelegati, il-Kummissjoni tieħu ħsieb li d-dokumenti rilevanti jiġu trażmessi simultanjament, fi żmien xieraq u b'mod approprjat, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. | vetturi fit-triq. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. ***Il-konsultazzjonijiet għandhom jinkludu l-partijiet interessati ewlenin bħall-manifatturi tat-trakkijiet u l-bennejja tal-karozzeriji u t-trejlers.*** Matul it-tħejjija u l-elaborazzjoni tal-atti ddelegati, il-Kummissjoni tieħu ħsieb li d-dokumenti rilevanti jiġu trażmessi simultanjament, fi żmien xieraq u b'mod approprjat, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. ***Il-partijiet interessati għandu jkollhom ħin biżżejjed biex jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti.*** |

Or. en

**Emenda 126**
**Patricia van der Kammen**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(18) Minħabba li l-għanijiet ta' din id-Direttiva ma jistgħux jitwettqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk jistgħu, minħabba d-dimensjoni u l-effetti ta' din id-Direttiva, jitwettqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, dawn jistgħu jieħdu l-miżuri neċessarji skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà ddedikati fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif imniżżel f'dan l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex tilħaq dan l-għan.*** | ***imħassra*** |

Or. nl

**Emenda 127**
**Inés Ayala Sender**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 18a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(18a) F'każ ta' bidla fil-pożizzjiet u l-miżuri msemmija f'dan ir-regolament, dawn għandhom isiru b'mod armonizzat u fi kwalunkwe każ qafas temporanju għad-dħul fis-seħħ tagħhom biex jippermetti lill-kumpaniji jġeddu l-flotta ta' vetturi tagħhom mingħajr ma jiġġeneraw id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq innifsu".*** |

Or. es

**Emenda 128**
**Patricia van der Kammen**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Jeħtieġ għalhekk li d-Direttiva ***96/53/KE*** tiġi emendata, | (19) Jeħtieġ għalhekk li d-Direttiva ***2002/7/KE*** tiġi emendata, |

Or. nl

**Emenda 129**
**Patricia van der Kammen**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Id-Direttiva ***96/53/KE*** hija emendata kif ġej: | Id-Direttiva ***2002/7/KE*** hija emendata kif ġej: |

Or. nl

**Emenda 130**
**Corien Wortmann-Kool**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – inċiż 1**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***"vettura bi propulsjoni ibrida": vettura skont it-tifsira tad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom*, u *ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jkollha mutur wieħed jew aktar ta' trazzjoni li jaħdem bl-elettriku u li mhuwiex imqabbad b'mod permanenti man-netwerk jew ikollha mutur wieħed jew aktar ta' trazzjoni ta' kombustjoni interna;*** | ***"fjuwils alternattivi" tfisser fjuwils li jipprovdu sostitut għas-sorsi taż-żejt fossili fil-provvista tal-enerġija lit-trasport*, u *li għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu lejn id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport. Dawn jinkludu:*** |
| | ***l-elettriku,*** |
| | ***l-idroġenu,*** |
| | ***l-bijofjuwils kif imfissra fid-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,*** |
| | ***l-fjuwils sintetiċi,*** |
| | ***l-gass naturali, inkluż il-bijometan, f'forma gassuża (gass naturali kkompressat – CNG) u f'forma likwifikata (gass naturali likwifikat – LNG),*** |
| | ***ass likwifikat miż-żejt (LPG), u sħana mitlufa.*** |

***[10] ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1.***

Or. en

**Emenda 131**
**Phil Bennion**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – inċiż 2a (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***"teknoloġija b'livell baxx tal-karbonju" tfisser teknoloġija innovattiva fejn jista'*** |

| | |
|---|---|
| | ***jintwera l-iffrankar ta' $CO_2$*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Iż-żieda fit-tul permess fi ħdan il-qafas ta' din id-Direttiva għandha tintuża biex tistimula l-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ tal-vetturi tqal tal-merkanzija*

**Emenda 132**
**Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – inċiż 3**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| **-** ″unità tat-trasport intermodali″ tfisser unità li tista' tidħol fil-kategoriji li ġejjin: kontejner, kaxxa skambjabbli, semitrejlers; | ″unità tat-trasport intermodali″ tfisser unità li tista' tidħol fil-kategoriji li ġejjin: kontejner, kaxxa skambjabbli, semitrejlers**, *trakk***; |

Or. pl

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni proposta huwa limitat għal kontejners, kaxxa skambjabbli, semitrejlers u ma jikkunsidrax, pereżempju, trakks trasportati bil-ferrovija. Jeżisti riskju li din id-definizzjoni tista' fil-futur tiġi estiża għal oqsma oħra, li jipprekludi t-trasport ta' trakkijiet bil-ferrovija milli jiġi trattat bħala trasport intermodali, sakemm it-trakkijiet ma jkunux konnessi ma' trejlers jew kaxxa skambjabbli.*

**Emenda 133**
**Corien Wortmann-Kool**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – inċiż 3**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ″unità ***tat-trasport*** intermodali″ : unità li tista' tidħol fil-kategoriji li ġejjin: kontejner, kaxxa skambjabbli, semitrejlers; | "unità ***ta' tagħbija*** intermodali" : unità li tista' tidħol fil-kategoriji li ġejjin: kontejner, kaxxa skambjabbli, semitrejlers; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*It-terminu "unità ta' tagħbija intermodali" jintuża b'mod aktar komuni fis-settur.*

**Emenda 134**
**Jörg Leichtfried**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – inċiż 3a (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – inċiż 12a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- "fjuwils alternattivi" ifissru fjuwils li jipprovdu sostitut għas-sorsi taż-żejt fossili fil-provvista tal-enerġija lit-trasport, u li għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu lejn id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport. Jinkludu:*** |
| | ***- l-elettriku,*** |
| | ***- l-idroġenu,*** |
| | ***- il-fjuwils sintetiċi,*** |
| | ***- il-gass naturali, inkluż il-bijometan, f'forma gassuża (gass naturali kkompressat – CNG) u f'forma likwifikata (gass naturali likwifikat – LNG),*** |
| | ***- gass likwifikat miż-żejt (LPG), u*** |
| | ***- sħana mitlufa.*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tiġi mfissra "vettura bil-mutur alternattiva" b'mod newtrali u teknoloġiku, l-ewwel huwa utli li jiġi mfisser "fjuwil alternattiv".*

**Emenda 135**
**Jörg Leichtfried**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – inċiż 3b (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – inċiż 12b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***"trasport kombinat" tfisser trasport ta' merkanzija bejn Stati Membri meta t-trakk, trejler, semitrejler, b'unità ta' tratturi jew le, kaxxa skambjabbli jew kontejner ta' 20 pied jagħmel użu mit-triq fil-parti tal-bidu jew fil-parti finali tal-vjaġġ u, fuq xi parti oħra, jagħmel użu minn servizzi ta' ferrovija jew passaġġ tal-ilma intern jew marittimi meta din il-parti tkun aktar minn 100 km u jagħmlu l-parti inizjali jew il-parti finali tat-trasport tat-triq ta' dan il-vjaġġ:*** |
| | ***ejn il-punt ta' fejn il-merkanzija kienet mgħobbija u l-eqreb stazzjon tal-ferrovija għat-tagħbija adattat għall-parti tal-bidu, u bejn l-eqreb stazzjon ta' ħatt tal-ferrovija adattat u l-punt ta' fejn il-merkanzija tinħatt għall-parti finali, jew*** |
| | ***'raġġ li ma jeċċedix 150 km mill-port tal-passaġġi tal-ilma interni jew il-port tal-baħar tat-tagħbija jew il-ħatt.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Korrezzjoni tal-Emenda fl-abbozz tar-rapport (kliem nieqsa mid-definizzjoni). Id-definizzjoni eżistenti ta' "trasport kombinat" skont id-Direttiva 1992/106 għandha tintuża fit-test kollu minflok l-introduzzjoni tat-terminu ġdid "trasport intermodali".*

**Emenda 136**
**Corien Wortmann-Kool**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – inċiż 3b (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – inċiż 12b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***rasport kombinat" tfisser trasport ta' merkanzija meta t-trakk, trejler, semitrejler, b'unità ta' tratturi jew le, kaxxa skambjabbli jew kontejner jagħmel użu mit-triq fil-parti tal-bidu jew fil-parti*** |

| | |
|---|---|
| | ***finali tal-vjaġġ u, fuq xi parti oħra, jagħmel użu minn servizzi ta' ferrovija jew passaġġ tal-ilma intern jew marittimi meta din il-parti tkun aktar minn 100 km u jagħmlu l-parti inizjali u l-parti finali tat-trasport tat-triq ta' dan il-vjaġġ:*** |
| | ***ejn il-punt ta' fejn il-merkanzija kienet mgħobbija u l-eqreb stazzjon tal-ferrovija għat-tagħbija adattat għall-parti tal-bidu, u bejn l-eqreb stazzjon ta' ħatt tal-ferrovija adattat u l-punt ta' fejn il-merkanzija tinħatt għall-parti finali, jew*** |
| | ***'raġġ li ma jeċċedix 150 km mill-port tal-passaġġi tal-ilma interni jew il-port tal-baħar tat-tagħbija jew il-ħatt.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*It-trasport kombinat dejjem ikun operazzjoni ta' 2 partijiet: it-trasport tat-triq fil-parti tal-bidu (għas-sewqan mill-post tat-tagħbija lejn terminal) u trasport tat-triq fil-parti finali (sewqan mit-terminal lejn il-post tad-destinazzjoni). Il-limitazzjoni tat-trasport tat-triq għal operazzjoni magħmula minn parti waħda biss tal-vjaġġ jista' jfisser li l-intraprendituri u l-burdnara jkollhom jagħmlu użu minn konnessjoni portwali/ferrovjarja diretta sabiex jużaw id-Direttiva dwar it-trasport kombinat li bilkemm jirrigwarda s-sitwazzjoni tal-UE.*

**Emenda 137**
**Michel Dantin, Dominique Riquet**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) Il-kelma "nazzjonali" titneħħa fil-punti a) u b) tal-paragrafu 1.*** | |
| ***(b) L-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tinbidel bis-sentenza li ġejja:*** | |
| ***"L-operazzjonijiet tat-trasport jitqiesu li ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali fil-qasam tat-trasport, jekk jitwettqu fit-territorju ta' Stat Membru, jew fil-każ ta' operazzjoni transfruntiera, bejn żewġ Stati Membri li l-fruntieri*** | |

***tagħhom imissu ma' xulxin biss u li kull wieħed minnhom ikun adotta miżuri li ttieħdu b'applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, jekk tkun issodisfata kundizzjoni waħda jew oħra previsti fil-punti a) u b):"***

Or. fr

**Emenda 138**
**Ismail Ertug**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – parti introduttorja**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 2) ***L-Artikolu 4 huwa emendat kif*** ġej: | 2) ***Fl-Artikolu 4(4), is-subparagrafu li*** ġej ***jiżdied wara r-raba' subparagrafu***:<br>***"Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-Istati Membri stabbiliti fl-Atti ta' Adeżjoni mal-Unjoni Ewropea, l-attivitajiet tat-trasport internazzjonali mwettqa minn vetturi jew kombinazzjoni ta' vetturi b'dimensjonijiet li jvarjaw minn dawk stabbiliti fl-Anness I mhumiex awtorizzati. Stati Membri li fihom diġà kien approvat għoli tal-vetturi li jvarja għadhom jistgħu jippermettu dan għal attivitajiet tat-trasport nazzjonali."*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Qiegħda ssir preċiżjoni li r-regoli applikabbli ma jippermettux l-awtorizzazzjoni tal-użu transfruntier ta' vetturi twal jew tqal wisq. L-użu tagħhom jista' jipperikola miri stabbiliti fil-White Paper. Għalhekk qabelxejn hija meħtieġa analiżi kompensiva tal-impatt inkluż il-konsegwenzi fuq it-trasferiment tat-traffiku, is-sigurtà, l-infrastruttura, il-kondizzjonijiet soċjali u l-kondizzjonijiet tax-xogħol, l-SMEs, il-loġistika, it-tniġġis tal-arja, l-istorbju eċċ.*

**Emenda 139**
**Hubert Pirker**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – parti introduttorja**

Direttiva 96/53/KE

Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 2a (ġdid)

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 2) ***L-Artikolu 4 huwa emendat kif*** ġej: | 2) ***Fl-Artikolu 4(4), is-subparagrafu li*** ġej ***jiddaħħal wara s-subparagrafu 2***: |
| | ***"Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-Istati Membri stabbiliti fl-Atti ta' Adeżjoni mal-Unjoni Ewropea, vetturi li jaqbżu d-dimensjonijiet u l-piżijiet massimi approvati skont din id-Direttiva huma biss awtorizzati għal toroq speċifiċi u permezz ta' applikazzjoni fi ħdan l-Istat Membru, sabiex hekk tintlaħaq l-assigurazzjoni tas-suq intern Ewropew. Waqt l-evalwazzjoni ta' dawn l-applikazzjonijiet, l-Istati Membri jikkunsidraw b'mod speċjali fatturi bħall-infrastruttura eżistenti u rekwiżiti għas-sikurezza fit-toroq."*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Din il-kjarifika hija neċessarja sabiex jerġa' jsir enfasi dwar il-mira ta' din id-Direttiva: l-ikbar dimensjonijiet u l-ogħla piżijiet awtorizzati se jiġu stabbiliti fl-Ewropa kollha fis-sens ta' suq intern li jiffunzjona. In-nuqqas ta' dan jgħawweġ il-kompetizzjoni u b'hekk jagħmel ħsara lis-suq intern.*

**Emenda 140**
**Artur Zasada**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – parti introduttorja**
Direttiva 96/53/KE

Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 2a (ġdid)

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 2) ***L-Artikolu 4 jinbidel kif*** ġej: | 2) ***Fl-Artikolu 4(4), is-subparagrafu li*** ġej ***huwa miżjud wara t-tieni subparagrafu***: |
| | ***"L-użu transfruntier ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi b'dimensjonijiet li jvarjaw minn dawk stabbiliti fl-Anness I, fil-punti 1.1, 1.2 sa 1.8, 4.2 u 4.4, għandu jiġi pprojbit. Il-Kummissjoni Ewropea qed tiġi mistiedna tagħmel studju bir-reqqa dwar*** |

| | |
|---|---|
| | ***l-impatt potenzjali taċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' l-aktar trakkijiet twal u tqal fuq is-sistema tat-trasport Ewropea u b'mod partikolari fuq il-kompetizzjoni internazzjonali."*** |

Or. en

**Emenda 141**
**Franco Frigo, David-Maria Sassoli**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – parti introduttorja**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2) ***L-Artikolu 4*** huwa ***emendat kif ġej:*** | 2) ***Fl-Artikolu 4(4), jiżdied is-subparagrafu li ġej wara t-tieni subparagrafu:*** "Huwa ***pprojbit l-użu transfruntier tal-vetturi b'daqsijiet differenti minn dawk imsemmija fl-Anness 1, il-punti 1.1, 1.2, minn 1.4 sa 1.8, 4.2 u 4.4 f'konformità mal-objettiv tal-paragrafu 1."*** |

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*L-għan tal-emenda huwa li jiġi ċċarat li d-Direttiva 96/53/KE qatt ma kienet maħsuba li tawtorizza l-użu transfruntier tal-hekk imsemmija vetturi ta' kunċett modulari. L-użu transfruntier tal-imsemmija vetturi huwa fil-fatt kuntrarju għall-objettivi politiċi prinċipali tal-Unjoni, fosthom dawk elenkati fil-White Paper f'termini ta' trasferiment modali, sikurezza, SMEs, tniġġis, eċċ.*

**Emenda 142**
**Markus Ferber**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – parti introduttorja**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej: | 2) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej: |
| | ***L-Istati Membri jistgħu madankollu taħt*** |

| | |
|---|---|
| | ***il-ħarsien ta' obbligi u mekkaniżmi ta' eżaminazzjoni stretti jippermettu ċ-ċirkolazzjoni fit-territorju tagħhom ta' vetturi jew kombinazzjoni ta' vetturi għat-trasport nazzjonali ta' tagħbija ta' merkanzija li mhumiex konformi mal-karatteristiċi stabbiliti f'1.3, 2, 3 u 4.3 tal-Anness I. L-Istati Membri li ma jippermettux dawn il-vetturi jew kombinazzjoni ta' vetturi fit-territorju tagħhom, li jvarjaw mill-karatteristiċi stabbiliti f'1.3, 2, 3 u 4.3 tal-Anness I, jistgħu jipprojbixxu wkoll it-trasport ta' vetturi li mhumiex irreġistrati fit-territorju.*** |

Or. de

**Emenda 143**
**Nathalie Griesbeck, Robert Rochefort**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 - parti introduttorja**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2) ***L-Artikolu 4 huwa emendat kif*** ġej: | 2) ***Fl-Artikolu 4(4), jiżdied is-subparagrafu li*** ġej ***wara t-tieni subparagrafu***: |
| | ***"Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-Istati Membri stabbiliti fl-Atti ta' Adeżjoni mal-Unjoni Ewropea, għandhom jiġu pprojbiti l-attivitajiet tat-trasport internazzjonali mwettqa minn vetturi jew kombinazzjoni ta' vetturi b'dimensjonijiet li jvarjaw minn dawk previsti fl-Anness I."*** |

Or. fr

**Emenda 144**
**Ismail Ertug**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) Il-kelma "nazzjonali" titneħħa fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1.*** | ***imħassar*** |

Or. de

**Emenda 145**
**Michel Dantin, Dominique Riquet**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) Il-kelma "nazzjonali" titneħħa fil-punti a) u b) tal-paragrafu 1.*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 146**
**Brian Simpson**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) Il-kelma "nazzjonali" titneħħa fil-punti a) u b) tal-paragrafu 1.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 147**
**Petri Sarvamaa, Eija-Riitta Korhola, Sari Essayah, Anne E. Jensen, Hannu Takkula, Christofer Fjellner, Anna Ibrisagic, Gunnar Hökmark, Alf Svensson, Nils Torvalds, Anneli Jäätteenmäki, Anna Maria Corazza Bildt, Bendt Bendtsen**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) Il-kelma "nazzjonali" titneħħa fil-punti a) u b) ***tal-paragrafu 1***. | (a) Il-kelma "nazzjonali" titneħħa fil-punti ***(***a) u ***(***b) ***tal-paragrafu 2***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Jekk jiġi permess b'mod espress it-trasport transfruntier tal-merkanzija b'vetturi itwal, iżda tinżamm il-projbizzjoni tat-trasport transfruntier b'vetturi itqal u/jew ogħla huwa restrittiv wisq. Ma jkunx konsistenti li jiġu ristretti l-operazzjonijiet b'vetturi itqal jew ogħla għall-operazzjonijiet nazzjonali fuq iż-żewġ naħat ta' fruntiera waqt li jiġi permess it-trasport transfruntier b'vetturi itwal.*

**Emenda 148**
**Silvia-Adriana Ţicău**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) Il-kelma "nazzjonali" titneħħa fil-punti*** a) ***u b***) tal-paragrafu 1. | *(*a) ***Il-kelma "nazzjonali" titneħħa fil-punt (a***) tal-paragrafu 1. |

Or. ro

**Emenda 149**
**Peter van Dalen**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt aa (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) (a) Għandu jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:*** |
| | ***(aa) "L-Istati Membri għandhom jippermettu vetturi fit-triq, inklużi kombinazzjonijiet ta' vetturi, li ma jikkonformawx mal-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fil-punti 1.3, 2, 3, 4.1 u/jew 4.3 tal-Anness I użati għal operazzjoni transkonfinali bejn Stati Membri ġirien li jadottaw miżuri b'applikazzjoni ta' dan il-paragrafu;'*** |

Or. nl

**Emenda 150**
**Corien Wortmann-Kool, Philippe De Backer, Mathieu Grosch, Gesine Meissner, Dieter-Lebrecht Koch**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt aa (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) L-ewwel frażi fl-Artikolu 4(4) tinbidel b'dan li ġej:*** |
| | ***"L-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi użati għat-trasport*** |
| | ***tal-merkanzija għat-twettiq ta' ċerti operazzjonijiet ta' trasport li ma*** |
| | ***jaffettwawx b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni internazzjonali fis-settur tat-trasport*** |
| | ***jiċċirkulaw fit-territorji tagħhom b'piżijiet u dimensjonijiet li jvarjaw minn*** |
| | ***dawk stabbiliti fil-punti 1, 2, u 4 tal-Anness 1."*** |

Or. en

**Emenda 151**
**Herbert Dorfmann, Richard Seeber**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) L-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tinbidel bis-sentenza li ġejja:*** | ***imħassar*** |
| ***"L-operazzjonijiet tat-trasport jitqiesu li ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali fil-qasam tat-trasport, jekk jitwettqu fit-territorju ta' Stat Membru, jew fil-każ ta' operazzjoni transfruntiera, bejn żewġ Stati Membri li l-fruntieri tagħhom imissu ma' xulxin biss u li kull wieħed minnhom ikun adotta miżuri li*** | |

***ttieħdu b'applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, jekk tkun issodisfata kundizzjoni waħda jew oħra previsti fil-punti a) u b):"***

Or. de

**Emenda 152**
**Ismail Ertug**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) L-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tinbidel bis-sentenza li ġejja:*** | ***imħassar*** |
| ***"L-operazzjonijiet tat-trasport jitqiesu li ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali fil-qasam tat-trasport, jekk jitwettqu fit-territorju ta' Stat Membru, jew fil-każ ta' operazzjoni transfruntiera, bejn żewġ Stati Membri li l-fruntieri tagħhom imissu ma' xulxin biss u li kull wieħed minnhom ikun adotta miżuri li ttieħdu b'applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, jekk tkun issodisfata kundizzjoni waħda jew oħra previsti fil-punti a) u b):"*** | |

Or. de

**Emenda 153**
**Michel Dantin, Dominique Riquet**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) L-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tinbidel bis-sentenza li ġejja:*** | ***imħassar*** |
| ***"L-operazzjonijiet tat-trasport jitqiesu li ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali fil-qasam tat-trasport, jekk jitwettqu fit-territorju ta' Stat Membru, jew fil-każ ta' operazzjoni transfruntiera,*** | |

*bejn żewġ Stati Membri li l-fruntieri tagħhom imissu ma' xulxin biss u li kull wieħed minnhom ikun adotta miżuri li ttieħdu b'applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, jekk tkun issodisfata kundizzjoni waħda jew oħra previsti fil-punti a) u b):"*

Or. fr

**Emenda 154**
**Eva Lichtenberger, Michael Cramer**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) L-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tinbidel bis-sentenza li ġejja:*** | ***imħassar*** |
| ***"L-operazzjonijiet tat-trasport jitqiesu li ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali fil-qasam tat-trasport, jekk jitwettqu fit-territorju ta' Stat Membru, jew fil-każ ta' operazzjoni transfruntiera, bejn żewġ Stati Membri li l-fruntieri tagħhom imissu ma' xulxin biss u li kull wieħed minnhom ikun adotta miżuri li ttieħdu b'applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, jekk tkun issodisfata kundizzjoni waħda jew oħra previsti fil-punti a) u b):" L-artikoli:*** | |

Or. en

**Emenda 155**
**Sabine Wils**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) L-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tinbidel bis-sentenza li ġejja:*** | ***imħassar*** |
| ***"L-operazzjonijiet tat-trasport jitqiesu li ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni*** | |

| | |
|---|---|
| ***internazzjonali fil-qasam tat-trasport, jekk jitwettqu fit-territorju ta' Stat Membru, jew fil-każ ta' operazzjoni transfruntiera, bejn żewġ Stati Membri li l-fruntieri tagħhom imissu ma' xulxin biss u li kull wieħed minnhom ikun adotta miżuri li ttieħdu b'applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, jekk tkun issodisfata kundizzjoni waħda jew oħra previsti fil-punti a) u b):" L-artikoli:*** | |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ma teżisti l-ebda bażi sabiex jiġi sostnut li l-limitazzjoni tal-operazzjonijiet transfruntiera għal żewġ Stati Membri m'għandux ikollu impatt sinifikanti fuq il-kompetizzjoni internazzjonali u kwalunkwe devjazzjoni mill-piżijiet u d-dimensjonijiet standard għandha tibqa' kwistjoni purament nazzjonali.*

**Emenda 156**
**Nathalie Griesbeck, Robert Rochefort**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) L-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tinbidel bis-sentenza li ġejja:*** | ***imħassar*** |
| ***"L-operazzjonijiet tat-trasport jitqiesu li ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali fil-qasam tat-trasport, jekk jitwettqu fit-territorju ta' Stat Membru, jew fil-każ ta' operazzjoni transfruntiera, bejn żewġ Stati Membri li l-fruntieri tagħhom imissu ma' xulxin biss u li kull wieħed minnhom ikun adotta miżuri li ttieħdu b'applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, jekk tkun issodisfata kundizzjoni waħda jew oħra previsti fil-punti a) u b):"*** | |

Or. fr

**Emenda 157**
**Phil Bennion**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b – parti introduttorja**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***L-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4***(4) ***tinbidel bis-sentenza li ġejja***: | (b) ***Fl-Artikolu 4***(4) ***- is-subparagrafu (1) huwa emendat kif ġej***: |
| | ***L-Istati Membri jistgħu jippermettu biss li vetturi jew kombinazzjoni ta' vetturi użati għat-trasport ta' merkanzija li jwettqu ċerti operazzjonijiet ta' trasport nazzjonali li ma jaffettwawx b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni internazzjonali fis-settur tat-trasport u l-objettivi ambjentali u ta' sikurezza tal-Unjoni Ewropea, jiċċirkulaw fit-territorju tagħhom bid-dimensjonijiet li jvarjaw minn dawk stabbiliti fil-punti 1.1, 1.2, 1.4 sa 1.8, 4.2 u 4.4 tal-Anness I:*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Deroga għandha tiġi permessa biss jekk ma jkollhiex impatt fuq l-operat mingħajr xkiel tas-suq uniku u jekk ma tikkontradixxix l-objettivi ambjentali u ta' sikurezza tal-UE stabbiliti fil-leġiżlazzjonijiet rilevanti, bħal pereżempju l-objettivi stabbiliti fil-programm tan-netwerks Nikkollegaw l-Ewropa u t-Trasport Trans-Ewropew*

**Emenda 158**
**Hubert Pirker**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***"L-operazzjonijiet tat-trasport jitqiesu li ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali fil-qasam tat-trasport, jekk jitwettqu fit-territorju ta' Stat Membru, jew fil-każ ta' operazzjoni transfruntiera, bejn żewġ Stati Membri li l-fruntieri tagħhom imissu ma' xulxin biss u li kull*** | ***imħassar*** |

***wieħed minnhom ikun adotta miżuri li ttieħdu b'applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, jekk tkun issodisfata kundizzjoni waħda jew oħra previsti fil-punti a) u b):"***

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Dan il-paragrafu għandu jitħassar għaliex huwa bbażat fuq suppożizzjoni pura tal-Kummissjoni mingħajr analiżi tal-impatt jew analiżi b'informazzjoni statistika xierqa.*

**Emenda 159**
**Brian Simpson**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***"L-operazzjonijiet tat-trasport jitqiesu li ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali fil-qasam tat-trasport, jekk jitwettqu fit-territorju ta' Stat Membru, jew fil-każ ta' operazzjoni transfruntiera, bejn żewġ Stati Membri li l-fruntieri tagħhom imissu ma' xulxin biss u li kull wieħed minnhom ikun adotta miżuri li ttieħdu b'applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, jekk tkun issodisfata kundizzjoni waħda jew oħra previsti fil-punti a) u b):" L-artikoli:*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 160**
**Georges Bach, Bogusław Liberadzki**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***"L-operazzjonijiet tat-trasport jitqiesu li*** | ***imħassar*** |

***ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali fil-qasam tat-trasport, jekk jitwettqu fit-territorju ta' Stat Membru, jew fil-każ ta' operazzjoni transfruntiera, bejn żewġ Stati Membri li l-fruntieri tagħhom imissu ma' xulxin biss u li kull wieħed minnhom ikun adotta miżuri li ttieħdu b'applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, jekk tkun issodisfata kundizzjoni waħda jew oħra previsti fil-punti a) u b):" L-artikoli:***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din hija suppożizzjoni tal-Kummissjoni li teħtieġ tiġi ppruvata minn valutazzjoni tal-impatt inklużi l-effetti u l-konsegwenzi potenzjali kollha ta' użu ġenerali ta' LHV fit-trasport tat-triq internazzjonali.*

**Emenda 161**
**Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-operazzjonijiet tat-trasport jitqiesu li ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali fil-qasam tat-trasport, jekk ***jitwettqu fit-territorju ta' Stat Membru, jew fil-każ ta' operazzjoni transfruntiera, bejn żewġ Stati Membri li l-fruntieri tagħhom imissu ma' xulxin biss u li kull wieħed minnhom ikun adotta miżuri li ttieħdu b'applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, jekk*** tkun issodisfata kundizzjoni waħda jew oħra previsti fil-punti a) u b): | L-operazzjonijiet tat-trasport jitqiesu li ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali fil-qasam tat-trasport jekk tkun issodisfata kundizzjoni waħda jew oħra previsti fil-punti ***(***a) u ***(***b): |

Or. pl

*Ġustifikazzjoni*

*Li tiġi permessa ċ-ċirkolazzjoni transkonfinali ta' vetturi mhux standard imur kontra l-għan ewlieni tad-Direttiva, u dan għandu jiddetermina d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-*

*traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali.*

**Emenda 162**
**Oldřich Vlasák**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| "L-operazzjonijiet tat-trasport jitqiesu li ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali fil-qasam tat-trasport, jekk jitwettqu fit-territorju ta' Stat Membru, jew fil-każ ta' operazzjoni transfruntiera, bejn żewġ Stati Membri li l-fruntieri tagħhom imissu ma' xulxin biss u li kull wieħed minnhom ikun adotta miżuri li ttieħdu b'applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, jekk tkun issodisfata kundizzjoni waħda jew oħra previsti fil-punti a) u b)***:*** | L-operazzjonijiet tat-trasport jitqiesu li ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali fil-qasam tat-trasport, jekk jitwettqu fit-territorju ta' Stat Membru, jew fil-każ ta' operazzjoni transfruntiera, bejn żewġ Stati Membri li l-fruntieri tagħhom imissu ma' xulxin biss u li kull wieħed minnhom ikun adotta miżuri li ttieħdu b'applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, jekk tkun issodisfata kundizzjoni waħda jew oħra previsti fil-punti a) u b)***. Fil-każ tal-operazzjonijiet tat-trasport fit-territorju ta' Stat Membru wieħed, kif ukoll fil-każ tal-operazzjonijiet transfruntiera msemmija iktar 'il fuq, l-Istati Membri affettwati jistgħu jirrestrinġu operazzjonijiet bħal dawn – b'mod nondiskriminatorju – għall-infrastruttura magħżula biss. F'każ bħal dan, l-Istati Membri se jkunu obbligati biex b'mod adegwat u minn qabel kemm jista' jkun jinformaw lit-trasportaturi b'restrizzjonijiet bħal dawn.*** |

Or. cs

*Ġustifikazzjoni*

*Għal raġunijiet ta' sikurezza tat-traffiku u taż-żamma tal-qagħda tal-infrastruttura, l-Istati Membri għandhom ikollhom l-għażla li jirrestrinġu l-moviment ta' tagħbijiet ta' daqs eċċessiv għal infrastruttura li hija adegwata għal traffiku bħal dan.*

**Emenda 163**
**Petri Sarvamaa, Hannu Takkula, Eija-Riitta Korhola, Sari Essayah, Anne E. Jensen, Nils Torvalds, Anneli Jäätteenmäki, Gunnar Hökmark, Christofer Fjellner, Anna Ibrisagic, Jim Higgins, Alf Svensson, Anna Maria Corazza Bildt, Bendt Bendtsen**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**

Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| "L-operazzjonijiet tat-trasport jitqiesu li ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali fil-qasam tat-trasport, jekk jitwettqu fit-territorju ta' Stat Membru, jew fil-każ ta' operazzjoni transfruntiera, bejn ***żewġ*** Stati Membri li l-fruntieri tagħhom imissu ma' xulxin ***biss*** u li ***kull wieħed minnhom ikun adotta*** miżuri li ttieħdu b'applikazzjoni ta' dan ***il-paragrafu***, jekk tkun issodisfata kundizzjoni waħda jew oħra previsti fil-punti a) u b):***" L-artikoli:*** | L-operazzjonijiet tat-trasport jitqiesu li ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali fil-qasam tat-trasport, jekk jitwettqu fit-territorju ta' Stat Membru, jew fil-każ ta' operazzjoni transfruntiera, bejn Stati Membri li l-fruntieri tagħhom imissu ma' xulxin u li ***jkunu adottaw*** miżuri li ttieħdu b'applikazzjoni ta' dan, ***u*** jekk***,*** ***rigward id-dimensjonijiet,*** tkun issodisfata kundizzjoni waħda jew oħra previsti fil-punti ***(***a) u ***(***b): |

Or. en

**Emenda 164**
**Marita Ulvskog, Ole Christensen, Liisa Jaakonsaari**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-operazzjonijiet tat-trasport jitqiesu li ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali fil-qasam tat-trasport, jekk jitwettqu fit-territorju ta' Stat Membru, jew fil-każ ta' operazzjoni transfruntiera, bejn ***żewġ Stati*** Membri ***li l-fruntieri tagħhom imissu ma' xulxin biss*** u li ***kull wieħed minnhom ikun adotta*** miżuri li ttieħdu b'applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, jekk tkun issodisfata kundizzjoni waħda jew oħra previsti fil-punti a) u b): | L-operazzjonijiet tat-trasport jitqiesu li ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali fil-qasam tat-trasport, jekk jitwettqu fit-territorju ta' Stat Membru, jew fil-każ ta' operazzjoni transfruntiera, bejn ***l-Istati*** Membri u li ***jkunu adottaw*** miżuri li ttieħdu b'applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, jekk tkun issodisfata kundizzjoni waħda jew oħra previsti fil-punti a) u b): |

Or. sv

**Emenda 165**
**Peter van Dalen**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**

Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| "L-operazzjonijiet tat-trasport jitqiesu li ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali fil-qasam tat-trasport, jekk jitwettqu fit-territorju ta' Stat Membru, jew fil-każ ta' operazzjoni transfruntiera, bejn ***żewġ Stati*** Membri li l-fruntieri tagħhom imissu ma' xulxin biss u li ***kull wieħed minnhom ikun adotta*** miżuri li ttieħdu b'applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, jekk tkun issodisfata kundizzjoni waħda jew oħra previsti fil-punti a) u b):" | "L-operazzjonijiet tat-trasport jitqiesu li ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali fil-qasam tat-trasport, jekk jitwettqu fit-territorju ta' Stat Membru, jew fil-każ ta' operazzjoni transfruntiera, bejn ***l-Istati*** Membri li l-fruntieri tagħhom imissu ma' xulxin biss u li ***jkunu adottaw*** miżuri li ttieħdu b'applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, jekk tkun issodisfata kundizzjoni waħda jew oħra previsti fil-punti a) u b):" |

Or. nl

**Emenda 166**
**Silvia-Adriana Țicău**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| "L-operazzjonijiet tat-trasport jitqiesu li ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali fil-qasam tat-trasport, jekk jitwettqu fit-territorju ta' Stat Membru, jew fil-każ ta' operazzjoni transfruntiera, bejn żewġ Stati Membri li l-fruntieri tagħhom imissu ma' xulxin biss u li kull wieħed minnhom ikun adotta miżuri li ttieħdu b'applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, jekk tkun issodisfata kundizzjoni waħda jew oħra previsti fil-punti a) u b)***:" L-artikoli:*** | L-operazzjonijiet tat-trasport jitqiesu li ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali fil-qasam tat-trasport, jekk jitwettqu fit-territorju ta' Stat Membru, jew fil-każ ta' operazzjoni transfruntiera, bejn żewġ Stati Membri li l-fruntieri tagħhom imissu ma' xulxin biss u li kull wieħed minnhom ikun adotta miżuri li ttieħdu b'applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, jekk tkun issodisfata kundizzjoni waħda jew oħra previsti fil-punti ***(***a) u ***(***b)***. Meta tali vetturi u kombinazzjoni ta' vetturi jitħallew joperaw b'mod transfruntier kull Stat Membru għandu jiddetermina n-netwerk ta' toroq fejn ikun permess li jintużaw. In-netwerk tat-toroq għandu jkun parti min-netwerks TEN-T, skont it-tifsira tar-Regolament 2013/...UE (ir-Regolament dwar il-linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk tat-trasport*** |

| | |
|---|---|
| | ***trans-Ewropew).*** |

Or. en

**Emenda 167**
**Corien Wortmann-Kool, Gesine Meissner, Mathieu Grosch, Philippe De Backer, Dieter-Lebrecht Koch**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| "L-operazzjonijiet tat-trasport jitqiesu li ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali fil-qasam tat-trasport, jekk jitwettqu fit-territorju ta' Stat Membru, jew fil-każ ta' operazzjoni transfruntiera, bejn żewġ Stati Membri li l-fruntieri tagħhom imissu ma' xulxin ***biss*** u li ***kull wieħed minnhom ikun adotta*** miżuri li ttieħdu b'applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, jekk tkun issodisfata kundizzjoni waħda jew oħra previsti fil-punti a) u b)***:" L-artikoli:*** | ***B'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà*** l-operazzjonijiet tat-trasport ***li jużaw vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi b'dimensjonijiet u piżijiet li jvarjaw minn dawk stabbiliti fil-punti 1, 2, 3, u 4 tal-Anness I*** jitqiesu li ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali fil-qasam tat-trasport, jekk jitwettqu fit-territorju ta' ***awtorità kompetenti ta'*** Stat Membru, jew fil-każ ta' operazzjoni transfruntiera, ***għandhom jiġu permessi,*** bejn żewġ ***awtoritajiet kompetenti jew aktar ta'*** Stati Membri li l-fruntieri tagħhom imissu ma' xulxin u li ***jkunu adottaw*** miżuri li ttieħdu b'applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, jekk tkun issodisfata kundizzjoni waħda jew oħra previsti fil-punti ***(***a) u ***(***b)***. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jiddeterminaw rekwiżiti speċifiċi għall-vettura, l-infrastruttura u s-sewwieq sabiex jiġi żgurat livell adegwat ta' sikurezza. L-użu transfruntier ta' dawn il-vetturi għandu jiġi appoġġjat bi ftehimiet bilaterali jew multilaterali bejn l-Istati Membri kkonċernati billi jiġu speċifikati r-rotot u kundizzjonijiet oħra li jeħtieġ li jintlaħqu.*** |

Or. en

**Emenda 168**
**Phil Bennion**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| "L-operazzjonijiet tat-trasport jitqiesu li ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali fil-qasam tat-trasport, jekk jitwettqu fit-territorju ta' Stat Membru, jew fil-każ ta' operazzjoni transfruntiera, bejn żewġ Stati Membri li l-fruntieri tagħhom imissu ma' xulxin biss u ***li*** kull wieħed minnhom ikun adotta miżuri ***li ttieħdu b'applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, jekk tkun issodisfata kundizzjoni waħda jew oħra*** previsti fil-punti ***a) u*** b):" ***L-artikoli:*** | L-operazzjonijiet tat-trasport jitqiesu li ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali fil-qasam tat-trasport ***u l-objettivi ambjentali u ta' sikurezza tal-Unjoni Ewropea***, jekk jitwettqu fit-territorju ta' Stat Membru, jew fil-każ ta' operazzjoni transfruntiera, bejn żewġ Stati Membri li l-fruntieri tagħhom imissu ma' xulxin biss u ***jekk il-kundizzjonijiet skont (a) jiġu ssodisfati, jew jekk*** kull wieħed minnhom ikun adotta miżuri ***kif imsemmi fl-Artikolu 4a (ġdid) u jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet*** previsti fil-punti *(*b): |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġi prevenut it-tgħawwiġ tas-suq uniku fi ħdan żona ta' libertà ta' moviment, għandhom jiġu stabbiliti rekwiżiti għall-użu transfruntier ta' vetturi itwal. Madankollu dan ma japplikax għas-settur tal-forestrija u l-qtugħ tas-siġar fl-Istati Membri kkonċernati*

**Emenda 169**
**Phil Bennion**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt ba (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 7a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) Il-paragrafu li ġej jiżdied mal-Artikolu 4:*** |
| | ***(7a) Sa [tliet snin mid-data ta' pubblikazzjoni ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 4 u 4a (ġdid). Ir-rapport għandu jivvaluta jekk id-dispożizzjonijiet skont l-Artikolu 4*** |

| | |
|---|---|
| | ***jikkontradixxux jew le l-objettivi ta' sikurezza u dawk ambjentali tal-Unjoni u jekk l-Artikolu 4a (ġdid) jeħtieġx jiġi adatt b'konformità ma' żviluppi teknoloġiċi ġodda. Dan ir-rapport għandu jiġi akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva, jekk adatt.*** |

Or. en

**Emenda 170**
**Phil Bennion**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt bb (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 7b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bb) Il-paragrafu li ġej jiżdied mal-Artikolu 4:*** |
| | ***7b. Żewġ Stati Membri ġirien jistgħu jawtorizzaw li vetturi jew kombinazzjoni ta' vetturi użati għat-trasport ta' merkanzija jiċċirkulaw fit-territorju tagħhom għal operazzjoni transfruntiera, b'dimensjonijiet li jeċċedu dawk stabbiliti fil-punt 1.3 tal-Anness 1, bil-kundizzjoni li l-użu tagħhom jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni Ewropea qabel l-adozzjoni ta' din id-Direttiva.*** |

Or. en

**Emenda 171**
**Ismail Ertug, Brian Simpson**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 - paragrafu 1 - punt 2 - punt ba (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) L-Artikolu 4(5) għandu jinbidel kif ġej:*** |
| | ***"(5) L-Istati Membri jistgħu jippermettu*** |

***vetturi jew kombinazzjoni ta' vetturi li jinkorporaw teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda li ma jistgħux jikkonformaw ma' ħtieġa waħda jew iktar ta' din id-Direttiva li jintużaw matul perjodu ta' prova, jekk il-kundizzjonijiet li ġejjin huma ssodisfati:***

***- l-attivitajiet tat-trasport għandhom iseħħu fuq firxa lokalizzata f'żona definita b'mod ċar fi ħdan it-territorju ta' Stat Membru.***

***- il-perjodu ta' prova huwa limitat għal 24 xahar.***

***- Il-prova għandha tkun akkumpanjata b'mod xjentifiku. Matulha għandhom jiġu eżaminati l-konsegwenzi tal-vetturi ta' prova fuq l-aspetti li ġejjin: l-infrastruttura, is-sikurezza tat-trasport, it-trasferiment tat-trasport, il-kompatibbiltà mal-offerti eżistenti tat-trasport kombinat, l-ambjent, il-kundizzjonijiet tax-xogħol tas-sewwieqa u l-aċċettazzjoni pubblika.***

***- Fuq bażi annwali għandu jiġi ppreżentat rapport uffiċjali dwar il-proċedura tal-prova u r-riżultati tal-akkumpanjament xjentifiku lill-Kummissjoni Ewropea.***

***- Il-Kummissjoni Ewropea għandha tippubblika r-rapporti.***

***L-Istati Membri jinformaw lill-Kummissjoni Ewropea minn qabel dwar il-provi ppjanati. Il-Kummissjoni tanalizza l-awtorizzazzjoni tal-provi abbażi tal-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq. Provi li mhumiex konformi ma' din id-Direttiva jew li jmorru kontra l-kompetizzjoni internazzjonali, għandhom ikunu rrifjutati mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew dwar id-deċiżjoni."***

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri jistgħu jibqgħu jippermettu provi b'vetturi li jvarjaw mid-dimensjonijiet u*

*piżijiet awtorizzati. Il-provi għandhom jitwettqu b'tali mod li l-kompetizzjoni internazzjonali ma tiġix ipperikolata u li ma jinħolqux konsegwenzi negattivi għas-suq intern. Il-kundizzjonijiet ta' qafas jiżguraw li fil-perjodu ta' prova verament jinkiseb għarfien ġdid. Ir-riżultati tal-provi għandhom ikunu aċċessibbli għall-UE, l-Istati Membri u l-pubbliku.*

**Emenda 172**
**Petri Sarvamaa, Hannu Takkula, Eija-Riitta Korhola, Sari Essayah, Nils Torvalds, Anneli Jäätteenmäki**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt ba (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 3a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) Il-paragrafu li ġej jiżdied mal-Artikolu 4:*** |
| | ***(3a) Il-Kummissjoni għandha tressaq proposta għal approċċ armonizzat għal proċeduri għall-ħruġ ta' permessi speċjali minn awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri u/jew reġjuni differenti li jippermettu ċ-ċirkolazzjoni ta' tagħbijiet indiviżibbli.*** |

Or. en

**Emenda 173**
**Peter van Dalen**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 5a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) Għandu jiżdied l-Artikolu 4(5a) li ġej:*** |
| | ***(5a) "L-Istati Membri jistgħu jippermettu trasport transkonfinali, inklużi kombinazzjonijiet ta' vetturi, li ma jikkonformawx mal-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fil-punti 1, 2, 3, 4 tal-Anness, sakemm l-Istati Membri ma jiddiskriminawx bejn l-Istati Membri fejn jiġu rreġistrati l-vetturi kkonċernati. L-Istati Membri għandhom jaħtru t-*** |

***taqsimiet tan-netwerk tat-triq li fihom huma permessi dawn il-vetturi jew kombinazzjoni ta' vetturi. Din l-informazzjoni għandha tkun aċċessibbli pubblikament."***

Or. nl

**Emenda 174**
**Brian Simpson, Georges Bach**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a) Fl-Artikolu 4(4), is-subparagrafu li ġej huwa miżjud wara t-tieni subparagrafu:*** |
| | ***Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-Istati Membri stabbiliti fl-Atti ta' Adeżjoni mal-Unjoni, għandhom jiġu pprojbiti l-attivitajiet tat-trasport internazzjonali mwettqa minn vetturi jew kombinazzjoni ta' vetturi b'dimensjonijiet li jvarjaw minn dawk stabbiliti fil-punti 1.1,1.2, 1.4 sa 1.8, 4.2 u 4.4 tal-Anness 1.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex ikun hemm allinjament mal-istruttura u l-objettiv tal-Artikolu 4(1)*

**Emenda 175**
**Dieter-Lebrecht Koch**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) L-Artikolu 4(5) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(5) L-Istati Membri għandhom ikunu mħeġġa li jippermettu vetturi u kombinazzjonijiet ta' vetturi li jinkorporaw teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda li ma jistgħux jikkonformaw ma' rekwi\it wieħed jew iktar ta' din id-Direttiva li jwettqu ċerti operazzjonijiet tat-trasport lokali għal perjodu ta' prova. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan.*** |

Or. xm

**Emenda 176**
**Michel Dantin, Dominique Riquet**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 2a (ġdid)

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***2a) Fl-Artikolu 4(4), jiżdied is-subparagrafu li ġej wara t-tieni subparagrafu:*** <br> ***"Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-Istati Membri stabbiliti fl-Atti ta' Adeżjoni mal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi pprojbit it-trasport internazzjonali minn vetturi jew kombinazzjoni ta' vetturi b'tul u piż ta' aktar minn 44 tunnellata li ma jkunux konformi ma' dawk previsti fl-Anness I."*** |

Or. fr

**Emenda 177**
**Marita Ulvskog, Ole Christensen, Liisa Jaakonsaari**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 2

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(2a) L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 96/53/KE hu emendat kif ġej:*** |

*It-tieni paragrafu ġdid:*

***"L-operazzjonijiet tat-trasport transkonfinali minn vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi għat-trasport ta' oġġetti li ma jilħqux ir-rekwiżiti tal-punt 2 tal-Anness I huma permessi bejn l-Istati Membri li jkunu ħadu miżuri biex jawtorizzaw tali derogi".***

Or. sv

**Emenda 178**
**Marita Ulvskog, Ole Christensen, Liisa Jaakonsaari**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2b (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2b) L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 96/53/KE hu emendat kif ġej:*** |
| | ***"4. L-Istati Membri jistgħu jippermettu vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi użati għat-trasport ta' merkanzija li jwettqu ċerti operazzjonijiet nazzjonali tat-trasport li ma jaffettwawx sinifikament il-kompetizzjoni internazzjonali fis-settur tat-trasport li jiċċirkolaw fit-territorju tagħhom b'dimensjonijiet li jvarjaw minn dawk stabbiliti fil-punti 1.1, 1.2, 1.4 sa 1.8, 4.2 u 4.4 tal-Anness I."*** |

Or. sv

**Emenda 179**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3) *4*(6)***, 4(5)(b), 4(8)(a), jitħassru.*** | 3) ***L-Artikolu 4***(6) ***huwa modifikat kif ġej:*** |
| | ***L-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri ġirien jistgħu jawtorizzaw operazzjonijiet*** |

| | |
|---|---|
| | ***transfruntiera bl-użu ta' vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi b'dimensjonijiet u pizijiet li jvarjaw minn dawk stabbiliti fil-punti 1, 2, 3, u 4 tal-Anness 1 bil-kundizzjoni li ma joħolqux diskriminazzjoni fuq raġunijiet ta' Stat Membru tar-reġistrazzjoni tat-trattur, it-trejler jew is-semitrejler. Dawn l-awtoritajiet kompetenti ("jistgħu" jew "għandhom") jiddefinixxu r-rotot li tulhom il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet ta' vetturi b'dimensjonijiet u pizijiet li jvarjaw minn dawk stabbiliti fil-punti 1, 2, 3, u 4 tal-Anness 1 jistgħu jiċċirkulaw. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan u se jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.***<br>***L-Artikolu 5(b) u l-Artikolu 8a jitħassru.*** |

Or. en

**Emenda 180**
**Jim Higgins, Phil Prendergast, Jacqueline Foster**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3) ***4***(6), 4(***5)(***b)***, 4(8)(a),*** jitħassru. | 3) ***L-Artikolu 4***(6) ***huwa modifikat kif ġej: L-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri ġirien jistgħu jawtorizzaw operazzjonijiet ta' trasport transfruntiera bl-użu ta' vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi b'dimensjonijiet u pizijiet li jvarjaw minn dawk stabbiliti fil-punti 1, 2, 3, u*** 4 ***tal-Anness 1 bil-kundizzjoni li ma joħolqux diskriminazzjoni fuq raġunijiet ta' Stat Membru tar-reġistrazzjoni tat-trattur, it-trejler jew is-semitrejler. Dawn l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddefinixxu r-rotot li tulhom il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet ta' vetturi b'dimensjonijiet u pizijiet li jvarjaw minn dawk stabbiliti fil-punti 1, 2, 3, u 4 tal-Anness 1 jistgħu jiċċirkulaw. Tista' ssir dispożizzjoni biex l-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan; l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Artikolu 5***(b) ***u l-Artikolu 8a*** jitħassru. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri li l-infrastruttura rispettiva tagħhom tippermetti vetturi għoljin aktar minn 4 metri għandhom jitħallew jinvolvu ruħhom f'kummerċ transfruntier. Dan qatt ma għandu jkun ta' diskriminazzjoni fuq bażi tal-pajjiż tar-reġistrazzjoni, u lanqas ma għandu jobbliga lill-Istati Membri li jixtiequ jirrestrinġu l-vetturi għal massimu ta' 4 metri jaċċettaw vetturi ogħla minn 4 metri.*

**Emenda 181**
**Dieter-Lebrecht Koch**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 6a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Il-paragrafu 4(6a) li ġej għandu jiġi miżjud mal-Artikolu 4:*** |
| | ***(6a) Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa, fid-dawl tal-informazzjoni li tirċievi skont l-Artikolu 4(5), li titlob għall-approvazzjoni bħala prinċipju ta' tali speċifikazzjonijiet ta' vetturi li jagħtu benefiċċju ambjentali jew ta' sikurezza fit-triq.*** |

Or. xm

**Emenda 182**
**Georges Bach, Bogusław Liberadzki**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) Dan li ġej huwa miżjud mal-Artikolu 4.5 tad-Direttiva:*** |
| | ***Sabiex jiġu stabbiliti dawn il-perjodi ta' prova, għandhom jiġu ssodisfati l-*** |

***kundizzjonijiet li ġejjin:***

***il-perjodu ta' prova m'għandux ikun itwal minn 5 snin,***

***l-operazzjonijiet ta' trasport għandhom jitwettqu f'żona lokali u ddefinita tajjeb tat-territorju tal-Istat Membru,***

***jeħtieġ li l-prova tiġi mmonitorjata b'mod uffiċjali billi jiġu kkunsidrati l-impatti fuq l-infrastruttura, is-sikurezza fit-triq, id-diviżjoni modali u l-ambjent,***

***apport uffiċjali tar-riżultati ta' monitoraġġ tal-prova għandu jintbagħat lill-Kummissjoni u jsir disponibbli għall-pubbliku.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jinkisbu riżultati effiċjenti fil-livell tal-UE, il-perjodi ta' prova stabbiliti mill-Istati Membri jeħtieġ li jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet u jridu jiġu mmonitorjati.*

**Emenda 183**
**Petri Sarvamaa, Hannu Takkula, Eija-Riitta Korhola, Sari Essayah, Anne E. Jensen, Nils Torvalds, Anneli Jäätteenmäki, Anna Ibrisagic, Gunnar Hökmark, Christofer Fjellner, Alf Svensson, Anna Maria Corazza Bildt, Bendt Bendtsen**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 7a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Il-paragrafu 7a li ġej jiżdied mal-Artikolu 4:*** |
| | ***7a. L-Istati Membri ġirien li fuq bażi permanenti sa mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 96/53/KE jippermettu t-trasport tat-triq tal-merkanzija b'vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi b'piżijiet u/jew dimensjonijiet li jvarjaw mill-Anness 1 kif previst fl-Artikolu 4.1 a) u 4.2 a) u, rigward id-dimensjonijiet, b'konformità mal-Artikolu 4(4) biż-żieda, rigward operazzjonijiet transfruntiera, ta' varjazzjonijiet mill-Anness 1 punt 1.3,*** |

***jistgħu jippermettu operazzjonijiet transfruntiera bejniethom b'tali vetturi u kombinazzjonijiet ta' vetturi. Bl-istess mod, dawn l-Istati Membri u Stati Membri ġirien fejn vetturi itwal, itqal jew ogħla jitħallew jiċċirkulaw b'mod proviżorju jistgħu jippermettu operazzjonijiet transfruntiera bejniethom bi ftehim reċiproku. L-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'din il-proċedura.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*B'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà l-Istati Membri għandu jkollhom id-dritt li jiddeċiedu dwar soluzzjonijiet ta' trasport adatti għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom sakemm dawn is-soluzzjonijiet ma joħolqux diskriminazzjoni bejn vetturi nazzjonali u vetturi oħra. Id-Direttiva 96/53/KE diġà tipprovdi lill-Istati Membri b'diskrezzjoni wiesgħa f'dan ir-rigward.*

**Emenda 184**
**Petri Sarvamaa**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5b (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4 – paragrafu 7b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(5b) Il-paragrafu 7b) li ġej jiżdied mal-Artikolu 4:*** |
| | ***7b. Din il-proċedura li biha l-Istati Membri jippermettu l-operazzjonijiet transfruntiera b'vetturi itqal, itwal u/jew ogħla bi ftehim reċiproku u bi proċedura ta' notifika tal-Kummissjoni tiġi evalwata mill-ġdid 5 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*** |

Or. en

**Emenda 185**
**Phil Bennion**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 4a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) L-Artikolu 4a huwa miżjud:*** |
| | ***Artikolu 4a*** |
| | ***L-Istat Membru tal-awtorizzazzjoni għandu jiżgura li l-miżuri li ġejjin jiġu implimentati fit-territorju tiegħu għall-vetturi jew il-kombinazzjoni ta' vetturi b'dimensjonijiet li jvarjaw minn dawk stabbiliti fil-punti 1.1, 1.2, 1.4 sa 1.8, 4.2 u 4.4 tal-Anness I:*** |
| | ***a) Il-vetturi jew il-kombinazzjoni ta' vetturi m'għandhomx jeċċedu l-piż massimu awtorizzat tal-vettura stabbilit fil-punti 2.2.2( c) u għandhom ikunu mgħammra b'rekwiżiti ta' sikurezza skont l-Artikoli 10 u 12 tar-Regolament (KE) Nru 661/2009*** |
| | ***b) Il-vetturi jew il-kombinazzjoni ta' vetturi għandhom jikkonformaw mal-limiti ta' Emissjonijiet stabbiliti fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 595/2009*** |
| | ***c) L-Istat Membru tal-awtorizzazzjoni adotta mekkaniżmu biex jinternalizza l-kostijiet esterni tal-użu ta' dawk il-vetturi kif ukoll ftehimiet ta' spustament modali mit-triq għall-ferrovija*** |
| | ***d) L-Istat Membru tal-awtorizzazzjoni adotta taħriġ speċifiku, skont id-Direttiva 2003/59/KE, u rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni pprovduti mill-awtoritajiet rilevanti, inkluż esperjenza minima ta' sewqan ta' ħames snin*** |
| | ***e) Il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet ta' vetturi għandhom jitħallew biss fuq rotot iddeżinjati. Din id-deżinjazzjoni tista' ssir biss jekk it-triq u l-infrastruttura assoċjata tar-rotta sħiħa jiġu ddisinjati u mibnija b'mod kompatibbli għall-użu ta' dawn il-vetturi.*** |
| | ***L-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bil-miżuri meħuda skont dan l-Artikolu. Id-deċiżjonijiet li*** |

| | |
|---|---|
| | ***jippermettu l-vetturi b'dimensjonijiet li jvarjaw minn dawk stabbiliti fil-punti 1.1, 1.2, 1.4 sa 1.8, 4.2 u 4.4 tal-Anness I ma jistgħux jidħlu fis-seħħ jekk il-Kummissjoni Ewropea toġġezzjona għal dan id-dħul fis-seħħ, waqt li tipprovdi ġustifikazzjoni għal din l-oġġezzjoni*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġi evitat it-tgħawwiġ tas-suq uniku f'żona ta' libertà ta' moviment u tiġi evitata kontradizzjoni mal-objettivi ta' sikurezza u dawk ambjentali tal-Unjoni Ewropea, għandhom jiġu stabbiliti rekwiżiti komuni.*

**Emenda 186**
**Ismail Ertug**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Bil-għan li tittejjeb il-prestazzjoni ajrudinamika tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi, it-tul massimu previst ***fil-punt 1.1 tal-Anness I***, jista' jinqabeż għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi mgħammra bit-tagħmir li jwieġeb għall-ħtiġijiet ippreċiżati hawn taħt. L-uniku għan ta' dan il-qbiż fit-tul hija ż-żieda, fuq wara tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi, ta' tagħmir li jtejjeb il-karatteristiċi ajrudinamiċi tiegħu. | Bil-għan li tittejjeb il-prestazzjoni ajrudinamika tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi, it-tul massimu previst ***fil-punt 1.1 tal-Anness I***, jista' jinqabeż għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi mgħammra bit-tagħmir li jwieġeb għall-ħtiġijiet ippreċiżati hawn taħt ***- b'kundizzjoni li l-parteċipazzjoni tal-vetturi jew partijiet tal-vetturi (pereżempju semitrejlers, sovrastruttura interkambjabbli) fit-trasport kombinat ma tkunx ristretta***. L-uniku għan ta' dan il-qbiż fit-tul hija ż-żieda, fuq wara tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi, ta' tagħmir li jtejjeb il-karatteristiċi ajrudinamiċi tiegħu. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Waqt il-bidla tal-ajrudinamika tat-trakkijiet għandu jkun żgurat li l-vetturi jistgħu jibqgħu jipparteċipaw mingħajr restrizzjonijiet fit-trasport kombinat anke fil-futur.*

**Emenda 187**
**Markus Ferber**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Bil-għan li tittejjeb il-prestazzjoni ajrudinamika tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi, it-tul massimu previst fil-punt 1.1 tal-Anness I, jista' jinqabeż għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi mgħammra bit-tagħmir li jwieġeb għall-ħtiġijiet ippreċiżati hawn taħt. L-uniku għan ta' dan il-qbiż fit-tul hija ż-żieda, fuq wara tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi, ta' tagħmir li jtejjeb il-karatteristiċi ajrudinamiċi tiegħu. | Bil-għan li tittejjeb il-prestazzjoni ajrudinamika ***u għall-ottimizzazzjoni tal-partijiet/komponenti addizzjonali*** tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi, it-tul massimu previst fil-punt 1.1 tal-Anness I, jista' jinqabeż għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi mgħammra bit-tagħmir li jwieġeb għall-ħtiġijiet ippreċiżati hawn taħt. L-uniku għan ta' dan il-qbiż fit-tul hija ż-żieda, fuq wara tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi, ta' tagħmir li jtejjeb il-karatteristiċi ajrudinamiċi tiegħu. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Waqt it-titjib tal-effiċjenza tal-enerġija u s-sikurezza tat-trasport għandu japplika approċċ olistiku.*

**Emenda 188**
**Inés Ayala Sender**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Id-Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Bil-għan li tittejjeb ***il-prestazzjoni*** ajrudinamika tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi, it-tul massimu previst fil-punt 1.1 tal-Anness I, jista' jinqabeż għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi mgħammra bit-tagħmir li jwieġeb għall-ħtiġijiet ippreċiżati hawn taħt. L-uniku għan ta' dan il-qbiż fit-tul hija ż-żieda, fuq wara tal- | Bil-għan li tittejjeb ***is-sigurtà fit-toroq u l-prestazzjoni*** ajrudinamika tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi, it-tul massimu previst fil-punt 1.1 tal-Anness I, jista' jinqabeż għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi mgħammra bit-tagħmir li jwieġeb għall-ħtiġijiet ippreċiżati hawn taħt. L-uniku għan ta' dan il-qbiż fit-tul hija ż-żieda, fuq wara tal- |

| | |
|---|---|
| vetturi jew tal-kombinazzjoni ta’ vetturi, ta’ tagħmir li jtejjeb il-karatteristiċi ajrudinamiċi tiegħu. | vetturi jew tal-kombinazzjoni ta’ vetturi, ta’ tagħmir li jtejjeb il-karatteristiċi ajrudinamiċi tiegħu. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tirriproduċi l-istess tfassil bħall-Artikolu 9 u ġġib fuq l-istess livell in-neċessità li l-bidliet fil-kaxex għandhom jikkontribwixxu wkoll għat-titjib tas-sigurtà fit-toroq*

**Emenda 189**
**Dieter-Lebrecht Koch**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8 – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Għat-titjib tas-sikurezza tat-toroq, il-flaps ajrudinamiċi u t-tagħmir li jservi għall-protezzjoni tal-qiegħ u li huwa mmuntat fil-ġenb u fil-parti ta’ wara tal-vetturi u t-trejlers tagħhom għandhom ikunu magħmula minn materjal li jassorbi l-enerġija, li jnaqqas b’mod sinifikanti l-konsegwenzi ta’ inċidenti tat-traffiku għal utenti oħra tat-triq.*** |

Or. de

**Emenda 190**
**Eva Lichtenberger, Michael Cramer**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Bil-għan li tittejjeb il-prestazzjoni ajrudinamika tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta’ vetturi, it-tul massimu previst fil-punt 1.1 tal-Anness I, jista’ jinqabeż għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta’ vetturi mgħammra bit-tagħmir li jwieġeb għall-ħtiġijiet*** | ***imħassar*** |

***ippreċiżati hawn taħt. L-uniku għan ta' dan il-qbiż fit-tul hija ż-żieda, fuq wara tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi, ta' tagħmir li jtejjeb il-karatteristiċi ajrudinamiċi tiegħu.***

Or. en

**Emenda 191**
**Eva Lichtenberger, Michael Cramer**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8 – paragrafu 3a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa u tipproponi reġim ta' ttestjar armonizzat biex timmassimizza l-impatti ta' sikurezza tal-partijiet ta' quddiem, tal-ġenb u ta' wara ġodda tat-trakkijiet għall-persuni mexjin u ċ-ċiklisti.*** |

Or. en

**Emenda 192**
**Corien Wortmann-Kool**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8 – paragrafu 2 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni u tas-sikurezza li ***t-tagħmir*** imsemmi fl-ewwel paragrafu ***jrid jissodisfa***, huma dawn li ġejjin: | Ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni u tas-sikurezza li ***għandhom jiġu kkunsidrati għaċ-ċertifikazzjoni tat-tagħmir*** imsemmi fl-ewwel paragrafu, huma dawn li ġejjin: |

Or. en

**Emenda 193**
**Gesine Meissner**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**

Direttiva 96/53/KE

Artikolu 8 – paragrafu 2 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni u tas-sikurezza li ***t-tagħmir*** imsemmi fl-ewwel paragrafu ***jrid jissodisfa***, huma dawn li ġejjin: | Ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni u tas-sikurezza li ***għandhom jiġu kkunsidrati għaċ-ċertifikazzjoni tat-tagħmir*** imsemmi fl-ewwel paragrafu, huma dawn li ġejjin: |

Or. en

**Emenda 194**
**Corien Wortmann-Kool**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 96/53/KE

Artikolu 8 – paragrafu 2 – inċiż 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| f'termini ta' sikurezza tat-triq ***u ta' sikurezza tat-trasport intermodali, b'mod partikolari***: | f'termini ta' sikurezza tat-triq: |

Or. en

**Emenda 195**
**Gesine Meissner**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 96/53/KE

Artikolu 8 – paragrafu 2 – inċiż 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| f'termini ta' sikurezza tat-triq ***u ta' sikurezza tat-trasport intermodali, b'mod partikolari***: | f'termini ta' sikurezza tat-triq: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Parti minuri biss tat-trasport tat-triq tikkostitwixxi trasport intermodali. Għaldaqstant ma hemm l-ebda ħtieġa li kull tagħmir ajrudinamiku jsir kompatibbli mat-trasport intermodali. Dan jirrestrinġi l-iżviluppi attwali tas-suq kif ukoll l-innovazzjonijiet teknoloġiċi. Huwa wkoll*

*kontroproduttiv għall-objettiv ġenerali ta' sostenibbiltà għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-konsum tal-fjuwil fl-operazzjonijiet ta' trasport tat-triq tal-merkanzija.*

**Emenda 196**
**Inés Ayala Sender**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Id-Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8 – paragrafu 2 – inċiż 2 – punt i

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| l-iffissar u ż-żamma maż-żmien tat-tagħmir sabiex jiġi ***limitat*** ir-riskju li jinqala', | l-iffissar u ż-żamma maż-żmien tat-tagħmir sabiex jiġi ***garantit li ma jeżistix*** ir-riskju li jinqala', ***inkluż f'ċirkostanzi estremi.*** |

Or. es

**Emenda 197**
**Markus Ferber**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8 - paragrafu 2 - inċiż 2 - punt ii

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| sinjalazzjoni matul il-jum u l-lejl, li tkun effikaċi f'kundizzjonijiet meteoroloġiċi ħżiena u li tippermetti li l-parti esterna tal-vettura tkun viżibbli għall-utenti l-oħra tat-triq, | sinjalazzjoni matul il-jum u l-lejl ***skont il-kondizzjonijiet tal-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-installazzjoni ta' tagħmir tad-dawl u tas-sinjalazzjoni bid-dawl***, li tkun effikaċi f'kundizzjonijiet meteoroloġiċi ħżiena u li tippermetti li l-parti esterna tal-vettura tkun viżibbli għall-utenti l-oħra tat-triq, |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tiżdied is-sikurezza tat-trasport għandhom japplikaw approvazzjonijiet tat-tip komuni skont ECE-R48.*

**Emenda 198**
**Inés Ayala Sender**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**

Id-Direttiva 96/53/KE

Artikolu 8 – paragrafu 2 – inċiż 2 – punt ii

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| sinjalazzjoni matul il-jum u l-lejl, li tkun effikaċi f'kundizzjonijiet meteoroloġiċi ħżiena u li tippermetti li l-parti esterna tal-vettura ***tkun*** viżibbli għall-utenti l-oħra tat-triq, | sinjalazzjoni matul il-jum u l-lejl, li tkun effikaċi f'kundizzjonijiet meteoroloġiċi ħżiena u li tippermetti li l-parti esterna tal-vettura ***u l-perimetru tal-kaxxa, ikunu*** viżibbli għall-utenti l-oħra tat-triq, |

Or. es

**Emenda 199**
**Inés Ayala Sender**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Id-Direttiva 96/53/KE

Artikolu 8 – paragrafu 2 – inċiż 2 – punt ii a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ii a) disinn li ma jnaqqasx il-viżibbiltà tas-sewwieq tal-vettura ta' wara. Biex tiżdied il-viżibbiltà jistgħu jitpoġġew għall-eżistenza ta' sistemi addizzjonali biex jindirizzaw in-nuqqas ta' viżibbiltà bħal kameras tat-televiżjoni, sensuri, mirja, eċċ.*** |

Or. es

**Emenda 200**
**Inés Ayala Sender**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Id-Direttiva 96/53/KE

Artikolu 8 – paragrafu 2 – inċiż 2 – punt iii

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| disinn li jillimita r-riskji li ***jkollhom*** il-vetturi l-oħra u l-passiġġieri tagħhom f'każ ta' ħabta, | disinn li jillimita r-riskji ***għal utenti oħra tat-triq, b'mod partikolari l-utenti vulnerabbli (iċ-ċiklisti, in-nies*** li ***jimxu fit-triq, 'powered two-wheelers') kif ukoll*** il-vetturi l-oħra u l-passiġġieri tagħhom f'każ |

ta' ħabta,

Or. es

**Emenda 201**
**Ismail Ertug**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8 - paragrafu 2 - inċiż 2 - punt iv(a) ġdid

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(iv(a)) it-tul tat-tagħmir huwa limitat għall-għoli massimu ta' 500 mm kif definit f'1.1 tal-Anness I;*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Fid-disinn tal-partijiet tal-immuntar ajrudinamiċi japplika r-Regolament (UE) Nru 1230/2012. B'hekk l-installazzjonijiet ajrudinamiċi għandhom ikunu ddisinjati b'tali mod li, mingħajr ma jkabbru l-ispazju għat-tagħbija, ma jestendux iktar minn 50 ċentimetru 'l barra mill-parti ta' wara tal-vettura u l-vettura tista' tipparteċipa fit-trasport kombinat mingħajr restrizzjoni.*

**Emenda 202**
**Gesine Meissner**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8 – paragrafu 2 – inċiż 3 – punt ii

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***għat-trejlers u semitrejlers ikkonċernati, id-dħul fl-unitajiet ferrovjarji, marittimi u tax-xmajjar matul l-operazzjonijiet tat-trasport intermodali,*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Parti minuri biss tat-trasport tat-triq tikkostitwixxi trasport intermodali. Għaldaqstant ma hemm l-ebda ħtieġa li kull tagħmir ajrudinamiku jsir kompatibbli mat-trasport intermodali.*

*Dan jirrestrinġi l-iżviluppi attwali tas-suq kif ukoll l-innovazzjonijiet teknoloġiċi. Huwa wkoll kontroproduttiv għall-objettiv ġenerali ta' sostenibbiltà għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-konsum tal-fjuwil fl-operazzjonijiet ta' trasport tat-triq tal-merkanzija.*

**Emenda 203**
**Saïd El Khadraoui, Brian Simpson**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8 – paragrafu 2 – inċiż 3 – punt iii

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| dan it-tagħmir ikun jitgħawweġ***, jiddaħħal 'il ġewwa jew jinqala' faċilment mis-sewwieq.*** | dan it-tagħmir ikun jitgħawweġ ***u jitgħawweġ lura b'mod awtomatiku*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-proposta attwali tal-Kummissjoni tintroduċi l-possibbiltà li jiżdied id-daqs tal-ġwienaħ ta' wara sa ma jilħqu ż-2 metri u tintroduċi l-għażla ta' mmaniġġjar manwali. Dan jista' joħloq problemi għas-sewwieq f'termini ta' telf ta' żmien u jista' jkun ta' theddida għas-saħħa tas-sewwieq.*

**Emenda 204**
**Mathieu Grosch**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8 – paragrafu 2 – inċiż 3 – punt iii

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| dan it-tagħmir ikun jitgħawweġ***, jiddaħħal 'il ġewwa jew jinqala' faċilment mis-sewwieq.*** | Dan it-tagħmir ikun jitgħawweġ ***u jitgħawweġ lura b'mod awtomatiku*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Dan it-tagħmir għandu jkun jista' jitgħawweġ u jitgħawweġ lura b'mod awtomatiku sabiex ma jkunx ta' theddida għas-saħħa tas-sewwieq u sabiex jiżgura mmaniġġjar aħjar.*

**Emenda 205**
**Markus Ferber**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8 - paragrafu 2 - inċiż 3 - l-aħħar sentenza

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Il-fatt li jinqabeż it-tul massimu ma ***jwassalx għal żieda fil-kapaċità*** tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni tal-vetturi. | Il-fatt li jinqabeż it-tul massimu ***tiżdied il-kapaċità ta' tagħbija tal-vetturi, mingħajr*** ma ***jiżdied il-piż totali awtorizzat*** tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni tal-vetturi. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-enerġija b'mod kostanti, il-konċessjonijiet tat-tul għall-ajrudinamika għandhom jintużaw għal volumi addizzjonali għat-tagħbija.*

**Emenda 206**
**Markus Ferber**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Qabel il-kummerċjalizzazzjoni tiegħu, it-tagħmir ajrudinamiku miżjud u l-istallazzjoni tiegħu fuq il-vetturi jridu jiġu awtorizzati mill-Istati Membri ***li,*** għal dan il-għan, jagħtu ċertifikat. Dan jiċċertifika r-rispett tar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 ta' hawn fuq u jindika li t-tagħmir jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-titjib tal-prestazzjonijiet ajrudinamiċi. Iċ-ċertifikati tal-awtorizzazzjoni mogħtija fi Stat Membru huma rikonoxxuti mill-Istati Membri l-oħrajn. | Qabel il-kummerċjalizzazzjoni tiegħu, it-tagħmir ajrudinamiku miżjud u l-istallazzjoni tiegħu fuq il-vetturi jridu jiġu awtorizzati mill-Istati Membri***. Għall-awtorizzazzjoni tal-vetturi għandhom japplikaw regoli identiċi u prattiċi fl-Ewropa kollha. L-Istati Membri*** għal dan il-għan, jagħtu ċertifikat. Dan jiċċertifika r-rispett tar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 ta' hawn fuq u jindika li t-tagħmir jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-titjib tal-prestazzjonijiet ajrudinamiċi. Iċ-ċertifikati tal-awtorizzazzjoni mogħtija fi Stat Membru huma rikonoxxuti mill-Istati Membri l-oħrajn. |

Or. de

**Emenda 207**
**Jacqueline Foster**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Qabel il-kummerċjalizzazzjoni tiegħu, it-tagħmir ajrudinamiku miżjud u l-istallazzjoni tiegħu fuq il-vetturi jridu jiġu awtorizzati mill-Istati Membri li, għal dan il-għan, jagħtu ċertifikat. Dan jiċċertifika r-rispett tar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 ta' hawn fuq u jindika li t-tagħmir jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-titjib tal-prestazzjonijiet ajrudinamiċi. Iċ-ċertifikati tal-awtorizzazzjoni mogħtija fi Stat Membru huma rikonoxxuti mill-Istati Membri l-oħrajn. | Qabel il-kummerċjalizzazzjoni tiegħu, it-tagħmir ajrudinamiku miżjud u l-istallazzjoni tiegħu fuq il-vetturi jridu jiġu awtorizzati mill-Istati Membri li, għal dan il-għan, jagħtu ċertifikat. Dan jiċċertifika r-rispett tar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 ta' hawn fuq u jindika li t-tagħmir jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-titjib tal-prestazzjonijiet ajrudinamiċi. Iċ-ċertifikati tal-awtorizzazzjoni mogħtija fi Stat Membru huma rikonoxxuti mill-Istati Membri l-oħrajn***, soġġett għal-limitazzjonijiet fil-paragrafu 5***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din id-Direttiva għandha tkun allinjata mal-leġiżlazzjoni dwar l-Approvazzjoni tat-Tip eżistenti. Barra minn hekk, l-Istati Membri m'għandhomx jiġu sfurzati jaċċettaw vetturi b'tagħmir awtorizzat minn Stati Membri oħra li jista' jkollu effett negattiv fuq is-sikurezza tat-triq.*

**Emenda 208**
**Carlo Fidanza**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8 – paragrafu 3a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Vetturi ġodda N2 u N3 għandhom jużaw kabini ta' tratturi li huma konformi mar-rekwiżiti tas-sikurezza msemmija fl-Artikolu 9(2) minn għaxar snin mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*** |

Or. en

**Emenda 209**
**Patricia van der Kammen**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ddelegati, skont l-Artikolu 16, sabiex tikkompleta r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2. Dawn jieħdu l-forma ta' karatteristiċi tekniċi, ta' livelli minimi ta' prestazzjonijiet, ta' limiti tad-disinn u ta' proċeduri maħsuba għall-għoti ta' ċertifikat tat-test imsemmi fil-paragrafu 3.*** | ***imħassar*** |

Or. nl

**Emenda 210**
**Jacqueline Foster**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ddelegati, skont l-Artikolu 16, sabiex tikkompleta r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2. Dawn jieħdu l-forma ta' karatteristiċi tekniċi, tal-livelli minimi ta' prestazzjonijiet, ta' limiti tad-disinn u ta' proċeduri maħsuba għall-għoti ta' ċertifikat tat-test imsemmi fil-paragrafu 3. | Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ddelegati, skont l-Artikolu 16, sabiex tikkompleta r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2. Dawn ***għandhom jiġu implimentati fi ħdan il-qafas tal-Approvazzjoni tat-Tip tad-Direttiva 2007/46 u*** jieħdu l-forma ta' karatteristiċi tekniċi, tal-livelli minimi ta' prestazzjonijiet, ta' limiti tad-disinn u ta' proċeduri maħsuba għall-għoti ta' ċertifikat tat-test imsemmi fil-paragrafu 3. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din id-Direttiva għandha tkun allinjata mal-leġiżlazzjoni dwar l-Approvazzjoni tat-Tip eżistenti. Barra minn hekk, l-Istati Membri m'għandhomx jiġu sfurzati jaċċettaw vetturi*

*b'tagħmir awtorizzat minn Stati Membri oħra li jista' jkollu effett negattiv fuq is-sikurezza tat-triq.*

**Emenda 211**
**Dieter-Lebrecht Koch**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ddelegati, skont l-Artikolu 16, sabiex tikkompleta r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2. Dawn jieħdu l-forma ta' karatteristiċi tekniċi, tal-livelli minimi ta' prestazzjonijiet, ta' limiti tad-disinn u ta' proċeduri maħsuba għall-għoti ta' ċertifikat tat-test imsemmi fil-paragrafu 3. | Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ddelegati, skont l-Artikolu 16, sabiex tikkompleta r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2. Dawn jieħdu l-forma ta' karatteristiċi tekniċi, tal-livelli minimi ta' prestazzjonijiet, ta' limiti tad-disinn u ta' proċeduri maħsuba għall-għoti ta' ċertifikat tat-test imsemmi fil-paragrafu 3. ***Minħabba raġunijiet li m'hemmx kontroll fuqhom se jkun hemm interazzjonijiet bejn it-tagħmir li jservi għall-protezzjoni tal-qiegħ fuq wara u l-flaps, fl-istess waqt il-Kummissjoni Ewropea hija ddelegata s-setgħa li tadatta l-karatteristiċi tekniċi, il-livelli minimi ta' prestazzjoni eċċ. tal-protezzjoni tal-qiegħ għas-sitwazzjoni l-ġdida.*** |

Or. de

**Emenda 212**
**Inés Ayala Sender**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Id-Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ddelegati, skont l-Artikolu 16, sabiex tikkompleta r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2. Dawn jieħdu l-forma ta' karatteristiċi tekniċi, tal-livelli minimi ta' prestazzjonijiet, ta' limiti tad-disinn u ta' proċeduri maħsuba għall-għoti ta' ċertifikat | Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ddelegati, skont l-Artikolu 16, sabiex tikkompleta r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2. Dawn jieħdu l-forma ta' karatteristiċi tekniċi, tal-livelli minimi ta' prestazzjonijiet, ta' limiti tad-disinn u ta' proċeduri maħsuba għall-għoti ta' ċertifikat tat-test imsemmi fil-paragrafu 3. ***Fil-każ ta' tagħmir ta'*** |

| | |
|---|---|
| tat-test imsemmi fil-paragrafu 3. | ***sinjalazzjoni tal-ġejġ u l-perimetru msemmija fil paragrafu 2, il-Kummissjoni tiżviluppa regoli komuni armonizzati dwar il-perċezzjoni, it-tipi u l-luminożità biex ikun jista' jiġi identifikat it-tagħmir supplimentari.*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni għandha tarmonizza r-regoli dwar is-sinjalazzjoni tal-flaps, il-gejġ u l-perimetru biex ittejjeb il-viżibilità u żżid is-sigurtà fit-toroq.*

**Emenda 213**
**Patricia van der Kammen**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Sakemm jiġu adottati l-atti ddelegati, il-vetturi jew il-kombinazzjoni ta' vetturi mgħammra bit-tagħmir ajrudinamiku fuq wara tal-vetturi u li jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 u eżaminati skont il-paragrafu 3, jistgħu jiċċirkulaw jekk it-tul tagħhom ikun jaqbeż, sa massimu ta' żewġ metri, it-tul stabbilit fil-punt 1.1 tal-Anness I. Din il-miżura tranżitorja tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*** | ***imħassar*** |

Or. nl

**Emenda 214**
**Oldřich Vlasák**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Sakemm jiġu adottati*** l-atti ddelegati***, il-vetturi jew il-kombinazzjoni ta' vetturi*** | ***Il-Kummissjoni għandha tadotta*** l-atti ddelegati ***msemmija fl-Artikolu 8(4) mhux*** |

| | |
|---|---|
| ***mgħammra bit-tagħmir ajrudinamiku fuq*** wara ***tal-vetturi u li jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 u eżaminati skont il-paragrafu 3, jistgħu jiċċirkulaw jekk it-tul tagħhom ikun jaqbeż, sa massimu ta' żewġ metri, it-tul stabbilit fil-punt 1.1 tal-Anness I. Din il-miżura tranżitorja tapplika mid-data tad-dħul*** fis-seħħ ta' din id-Direttiva. | ***iktar tard minn sena*** wara ***d-dħul*** fis-seħħ ta' din id-Direttiva. |

Or. cs

*Ġustifikazzjoni*

*Għall-raġunijiet ta' sikurezza tat-traffiku tat-triq u l-iżvilupp mill-manifatturi tat-tagħmir propost, ikun xieraq li kemm jista' jkun malajr il-Kummissjoni tipprovdi speċifikazzjonijiet iżjed dettaljati tat-tagħmir propost.*

**Emenda 215**
**Corien Wortmann-Kool**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sakemm jiġu adottati l-atti ddelegati, il-vetturi jew il-kombinazzjoni ta' vetturi mgħammra bit-tagħmir ajrudinamiku fuq wara tal-vetturi u li jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija ***fil-paragrafu 2*** u eżaminati skont il-paragrafu 3, jistgħu jiċċirkulaw jekk it-tul tagħhom ikun jaqbeż, sa massimu ta' żewġ metri, it-tul stabbilit fil-punt 1.1 tal-Anness I. Din il-miżura tranżitorja tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. | Sakemm jiġu adottati l-atti ddelegati, il-vetturi jew il-kombinazzjoni ta' vetturi mgħammra bit-tagħmir ajrudinamiku fuq wara tal-vetturi u li ***tal-inqas*** jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija ***fl-ewwel*** u ***t-tieni inċiż tal-paragrafu 2 u*** eżaminati skont il-paragrafu 3, jistgħu jiċċirkulaw jekk it-tul tagħhom ikun jaqbeż, sa massimu ta' żewġ metri, it-tul stabbilit fil-punt 1.1 tal-Anness I. Din il-miżura tranżitorja tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Tul addizzjonali massimu ta' 500 mm diġà huwa stabbilit bir-Regolament 1230/2012. Dan it-tul ta' 500 mm jillimita l-flessibbiltà għal aktar innovazzjoni f'termini ta' tul tat-tagħmir ajrudinamiku. Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal 2 metri tippermetti din il-flessibbiltà. Għaldaqstant jeħtieġ li r-regoli jinbidlu biex tiġi żgurata l-kompatibbiltà mar-*

*regoli dwar il-piżijiet u d-dimensjonijiet ġodda. Huwa importanti wkoll li wieħed jikkunsidra l-kompatibbiltà mat-trasport intermodali għall-vetturi iżda dan m'għandux ikun obbligu għal kulħadd.*

**Emenda 216**
**Markus Ferber**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sakemm jiġu adottati l-atti ddelegati, il-vetturi jew il-kombinazzjoni ta' vetturi mgħammra bit-tagħmir ajrudinamiku fuq wara tal-vetturi u li jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 u eżaminati skont il-paragrafu 3, jistgħu jiċċirkulaw jekk it-tul tagħhom ikun jaqbeż, sa massimu ta' żewġ metri, it-tul stabbilit fil-punt 1.1 tal-Anness I. Din il-miżura tranżitorja tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. | Sakemm jiġu adottati l-atti ddelegati, il-vetturi jew il-kombinazzjoni ta' vetturi mgħammra bit-tagħmir ajrudinamiku fuq wara tal-vetturi u li jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 u eżaminati skont il-paragrafu 3, jistgħu jiċċirkulaw jekk it-tul tagħhom ikun jaqbeż, sa massimu ta' żewġ metri, it-tul stabbilit fil-punt 1.1 tal-Anness I. ***L-ispazju għat-tagħbija maħluq jista' jintuża bħala spazju addizzjonali għat-tagħbija mingħajr ma jiżdied il-piż totali awtorizzat tal-vettura kummerċjali.*** Din il-miżura tranżitorja tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. |

Or. de

**Emenda 217**
**Jacqueline Foster**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sakemm jiġu adottati l-atti ddelegati, il-vetturi jew il-kombinazzjoni ta' vetturi mgħammra bit-tagħmir ajrudinamiku fuq wara tal-vetturi u li jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 u eżaminati skont il-paragrafu 3, jistgħu jiċċirkulaw jekk it-tul tagħhom ikun jaqbeż, sa massimu ta' żewġ metri, it-tul stabbilit fil- | Sakemm jiġu adottati l-atti ddelegati, il-vetturi jew il-kombinazzjoni ta' vetturi mgħammra bit-tagħmir ajrudinamiku fuq wara tal-vetturi u li jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 u eżaminati skont il-paragrafu 3, jistgħu jiċċirkulaw jekk it-tul tagħhom ikun jaqbeż, sa massimu ta' żewġ metri, it-tul stabbilit fil- |

| | |
|---|---|
| punt 1.1 tal-Anness I. Din il-miżura tranżitorja tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. | punt 1.1 tal-Anness I. ***L-Istati Membri għandhom jaċċettaw l-użu ta' vetturi mgħammra b'dan it-tagħmir fit-territorji tagħhom għajr jekk ikollhom raġunijiet raġonevoli biex jemmnu li d-dispożizzjonijiet tekniċi li abbażi tagħhom inħareġ it-tagħmir mhumiex ekwivalenti għal dawk tagħhom.*** Din il-miżura tranżitorja tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din id-Direttiva għandha tkun allinjata mal-leġiżlazzjoni dwar l-Approvazzjoni tat-Tip eżistenti. Barra minn hekk, l-Istati Membri m'għandhomx jiġu sfurzati jaċċettaw vetturi b'tagħmir awtorizzat minn Stati Membri oħra li jista' jkollu effett negattiv fuq is-sikurezza tat-triq.*

**Emenda 218**
**Jim Higgins, Phil Prendergast, Petri Sarvamaa, Alain Cadec, Dominique Riquet**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sakemm jiġu adottati l-atti ddelegati, il-vetturi jew il-kombinazzjoni ta' vetturi mgħammra bit-tagħmir ajrudinamiku fuq wara tal-vetturi u li jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 u eżaminati skont il-paragrafu 3, jistgħu jiċċirkulaw jekk it-tul tagħhom ikun jaqbeż, sa massimu ta' żewġ metri, it-tul stabbilit fil-punt 1.1 tal-Anness I. Din il-miżura tranżitorja tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. | Sakemm jiġu adottati l-atti ddelegati, il-vetturi jew il-kombinazzjoni ta' vetturi mgħammra bit-tagħmir ajrudinamiku fuq wara tal-vetturi u li jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 u eżaminati skont il-paragrafu 3, jistgħu jiċċirkulaw jekk it-tul tagħhom ikun jaqbeż, sa massimu ta' żewġ metri, it-tul stabbilit fil-punt 1.1 tal-Anness I. Din il-miżura tranżitorja tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. ***Il-vetturi speċjalizzati, bħat-trasportaturi ta' vetturi, li minħabba d-disinn inerenti u miftuħ tagħhom ma jistgħux jibbenefikaw minn tagħmir ajrudinamiku fuq in-naħa ta' wara, jistgħu jużaw dawn iż-żewġ metri addizzjonali biex jottimizzaw l-effiċjenza tagħhom b'mezzi oħra bħal tagħbija ottimali bl-użu ta' sporġenzi fuq in-naħa*** |

| | |
|---|---|
| | ***ta' quddiem u ta' wara.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Minħabba d-disinn miftuħ fit-truf tagħhom, it-trasportaturi ta' vetturi bl-ebda mod ma huma ajrudinamiċi. Minħabba l-użu esklużiv tagħhom fi ħdan is-settur ta' loġistika tal-vetturi rfinuti, ma jkunux jistgħu jibbenefikaw minn titjib ajrudinamiku b'tagħmir immuntat fuq barra fuq in-naħa ta' wara. Dawn it-trasportaturi xorta għadhom jistgħu jżidu b'mod sinifikanti l-effiċjenza (fl-użu tal-fjuwil) tagħhom billi jużaw iż-żewġ metri addizzjonali proposti f'dan l-Artikolu sabiex jgħabbu 3 karozzi addizzjonali (minn 6 għal 9) fuq trasportatur wieħed.*

**Emenda 219**
**Inés Ayala Sender**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 8 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sakemm jiġu adottati l-atti ddelegati, il-vetturi jew il-kombinazzjoni ta' vetturi mgħammra bit-tagħmir ajrudinamiku fuq wara tal-vetturi u li jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 u eżaminati skont il-paragrafu 3, jistgħu jiċċirkulaw jekk it-tul tagħhom ikun jaqbeż, sa massimu ta' żewġ metri, it-tul stabbilit fil-punt 1.1 tal-Anness I. Din il-miżura tranżitorja tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. | Sakemm jiġu adottati l-atti ddelegati, il-vetturi jew il-kombinazzjoni ta' vetturi mgħammra bit-tagħmir ajrudinamiku fuq wara tal-vetturi u li jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 u eżaminati skont il-paragrafu 3, jistgħu jiċċirkulaw jekk it-tul tagħhom ikun jaqbeż, sa massimu ta' żewġ metri, it-tul stabbilit fil-punt 1.1 tal-Anness I. Din il-miżura tranżitorja tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. ***Il-vetturi speċjalizzati, bħat-trasportaturi ta' vetturi, li minħabba d-disinn inerenti tagħhom ma jistgħux jibbenefikaw minn tagħmir ajrudinamiku fuq in-naħa ta' quddiem jew ta' wara, jistgħu jużaw dawn iż-żewġ metri addizzjonali biex jottimizzaw l-effiċjenza tagħhom b'mezzi oħra bħal tagħbija ottimali bl-użu ta' sporġenzi fuq in-naħa ta' quddiem u ta' wara. Fi kwalunkwe każ il-kabina ta' trattur għandha tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 9.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*It-trasportaturi ta' vetturi, minħabba l-użu esklużiv tagħhom fi ħdan is-settur ta' loġistika tal-vetturi rfinuti, ma jkunux jistgħu jibbenefikaw minn titjib ajrudinamiku b'tagħmir immuntat fuq barra fuq in-naħa ta' wara. Dawn it-trasportaturi xorta għadhom jistgħu jżidu b'mod sinifikanti l-effiċjenza (fl-użu tal-fjuwil) tagħhom billi jużaw iż-żewġ metri addizzjonali proposti f'dan l-Artikolu sabiex jgħabbu 3 karozzi addizzjonali (minn 6 għal 9) fuq trasportatur wieħed.*

**Emenda 220**
**Bogusław Liberadzki**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Bil-għan li tittejjeb ***il-prestazzjoni*** ajrudinamika ***u s-sikurezza fit-triq*** tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi, it-tul massimu previst fil-punt 1.1 tal-Anness I, jista' jinqabeż għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti ppreċiżati fil-paragrafu 2 ta' hawn taħt. L-għan prinċipali ta' dan il-qbiż huwa li jippermetti l-bini ta' kabini ta' tratturi filwaqt li jittejbu l-karatteristiċi ajrudinamiċi tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni tal-vetturi***,*** u li ***jtejjeb is-sikurezza fit-triq***. | Bil-għan li tittejjeb ***is-sikurezza fit-triq u l-prestazzjoni*** ajrudinamika tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi, it-tul massimu previst fil-punt 1.1 tal-Anness I, jista' jinqabeż ***b'tul li jilħaq it-800 mm*** għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti ppreċiżati fil-paragrafu 2 ta' hawn taħt. L-għan prinċipali ta' dan il-qbiż huwa li jippermetti l-bini ta' kabini ta' tratturi ***aktar sikuri*** filwaqt li jittejbu l-karatteristiċi ajrudinamiċi tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni tal-vetturi u li ***jiġi permess titjib ulterjuri fl-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil***. |

Or. en

**Emenda 221**
**Eva Lichtenberger, Michael Cramer**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Bil-għan li tittejjeb ***il-prestazzjoni*** | Bil-għan li tittejjeb ***is-sikurezza fit-triq u l-*** |

ajrudinamika ***u s-sikurezza fit-triq*** tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi, it-tul massimu previst fil-punt 1.1 tal-Anness I, ***jista'*** jinqabeż għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti ppreċiżati fil-paragrafu 2 ta' hawn taħt. ***L-għan prinċipali*** ta' ***dan il-qbiż huwa li jippermetti l-bini ta'*** kabini ta' tratturi ***filwaqt li jittejbu l-karatteristiċi ajrudinamiċi*** tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni tal-vetturi, u ***li*** jtejjeb ***is-sikurezza fit-triq***.

***prestazzjoni*** ajrudinamika tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi, it-tul massimu previst fil-punt 1.1 tal-Anness I, ***ma jistax*** jinqabeż għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti ppreċiżati fil-paragrafu 2 ta' hawn taħt. ***Il-bini*** ta' kabini ta' tratturi ***għandu jtejjeb is-sikurezza fit-triq*** tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni tal-vetturi, u jtejjeb ***il-karatteristiċi ajrudinamiċi tagħhom***.

Or. en

**Emenda 222**
**Jörg Leichtfried**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Bil-għan li tittejjeb il-prestazzjoni ajrudinamika u s-sikurezza fit-triq tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi, it-tul massimu previst fil-punt 1.1 tal-Anness I, jista' jinqabeż għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti ppreċiżati fil-paragrafu 2 ta' hawn taħt. L-għan prinċipali ta' dan il-qbiż huwa li jippermetti l-bini ta' kabini ***ta' tratturi*** filwaqt li ***jittejbu l-karatteristiċi ajrudinamiċi*** tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni tal-vetturi***, u li jtejjeb is-sikurezza fit-triq***. | Bil-għan li tittejjeb il-prestazzjoni ajrudinamika u s-sikurezza fit-triq tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi, it-tul massimu previst fil-punt 1.1 tal-Anness I, jista' jinqabeż għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti ppreċiżati fil-paragrafu 2 ta' hawn taħt. L-għan prinċipali ta' dan il-qbiż huwa li jippermetti l-bini ta' kabini ***aktar sikuri*** filwaqt li ***tittejjeb il-prestazzjoni ajrudinamika*** tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni tal-vetturi. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Speċifikazzjoni ulterjuri għall-Emenda f'abbozz ta' rapport. Il-kelma "trattur" għandha titneħħa billi din tista' tapplika biss għall-vetturi artikolati. Madankollu, din id-Direttiva għandha tikkonċerna t-titjib tas-sikurezza fit-triq tal-kabini tat-trakkijiet kollha.*

**Emenda 223**
**Christine De Veyrac, Dominique Vlasto, Georges Bach**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Bil-għan li tittejjeb il-prestazzjoni ***ajrudinamika*** u s-sikurezza fit-triq tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi, it-tul massimu previst fil-punt 1.1 tal-Anness I, jista' jinqabeż għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti ppreċiżati ***fil-paragrafu 2*** ta' hawn taħt. L-għan prinċipali ta' dan il-qbiż huwa li jippermetti ***l-bini ta' kabini ta' tratturi filwaqt li jittejbu l-karatteristiċi ajrudinamiċi*** tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni tal-vetturi, u li ***jtejjeb*** is-sikurezza fit-triq. | Bil-għan li tittejjeb il-prestazzjoni ***f'termini ta' effiċjenza enerġetika*** u s-sikurezza fit-triq tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi, it-tul massimu previst fil-punt 1.1 tal-Anness I, jista' jinqabeż għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti ppreċiżati ***fil-paragrafu 2*** ta' hawn taħt. L-għan prinċipali ta' dan il-qbiż huwa li jippermetti ***t-titjib tal-prestazzjonijiet enerġetiċi*** tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni tal-vetturi, u li ***jsaħħaħ*** is-sikurezza fit-triq. ***Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ.*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Bil-għan li jiġi promoss it-trasport sostenibbli, huwa essenzjali li ssir referenza espliċita għall-kunċett ta' ffrankar enerġetiku. L-ajrudinamiżmu nnifsu mhux mira ta' din id-Direttiva, iżda sempliċiment għodda biex jintlaħaq l-għan. Sabiex tiġi evitata interpretazzjoni għalkollox ħażina min-naħa tal-atturi, ikun xieraq li jiġi ppreċiżat li dawn id-dispożizzjonijiet jemendaw il-miżuri stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 661/2009 dwar is-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur.*

**Emenda 224**
**Dieter-Lebrecht Koch**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Bil-għan li tittejjeb il-prestazzjoni ajrudinamika u s-sikurezza fit-triq tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi, it- | Bil-għan li tittejjeb il-prestazzjoni ajrudinamika u s-sikurezza fit-triq tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi, it- |

| | |
|---|---|
| tul massimu previst fil-punt 1.1 tal-Anness I, jista' jinqabeż għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti ppreċiżati fil-paragrafu 2 ta' hawn taħt. L-għan prinċipali ta' dan il-qbiż huwa li jippermetti l-bini ta' kabini ta' ***tratturi*** filwaqt li jittejbu l-karatteristiċi ajrudinamiċi tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni tal-vetturi, u li jtejjeb is-sikurezza fit-triq. | tul massimu previst fil-punt 1.1 tal-Anness I, jista' jinqabeż għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti ppreċiżati fil-paragrafu 2 ta' hawn taħt. L-għan prinċipali ta' dan il-qbiż huwa li jippermetti l-bini ta' kabini ***tas-sewwieqa*** ta' ***trattaturi*** filwaqt li jittejbu l-karatteristiċi ajrudinamiċi tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni tal-vetturi, u li jtejjeb is-sikurezza fit-triq ***kemm għal utenti tat-triq dgħajfin kif ukoll għal vetturi waqt kolliżjonijiet fuq in-naħa ta' wara***. |

Or. de

**Emenda 225**
**Brian Simpson**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Bil-għan li tittejjeb il-prestazzjoni ajrudinamika u s-sikurezza fit-triq tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi, it-tul massimu previst fil-punt 1.1 tal-Anness I, jista' jinqabeż għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti ppreċiżati fil-paragrafu 2 ta' hawn taħt. L-għan prinċipali ta' dan il-qbiż huwa li jippermetti l-bini ta' kabini ***ta' tratturi*** filwaqt li jittejbu ***l-karatteristiċi*** ajrudinamiċi tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni tal-vetturi, u li jtejjeb is-sikurezza fit-triq. | Bil-għan li tittejjeb il-prestazzjoni ajrudinamika u s-sikurezza fit-triq tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi, it-tul massimu previst fil-punt 1.1 tal-Anness I, jista' jinqabeż għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti ppreċiżati fil-paragrafu 2 ta' hawn taħt. L-għan prinċipali ta' dan il-qbiż huwa li jippermetti l-bini ta' kabini ***aktar sikuri,*** filwaqt li jittejbu ***wkoll il-karatteristiċi*** ajrudinamiċi tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni tal-vetturi, u li jtejjeb is-sikurezza fit-triq. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Hawnhekk jeħtieġ li l-prijorità tkun it-titjib tas-sikurezza fit-triq. Barra minn hekk ir-referenza għal trattur jeħtieġ li titneħħa billi din id-Direttiva għandha tkun ikkonċernata bit-titjib tas-sikurezza tat-trakkijiet kollha, mhux biss ta' dawk tat-trakkijiet artikolati.*

**Emenda 226**
**Ismail Ertug**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Bil-għan li tittejjeb il-prestazzjoni ajrudinamika u s-sikurezza fit-triq tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi, it-tul massimu previst ***fil-punt 1.1 tal-Anness I***, jista' jinqabeż għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti ppreċiżati fil-paragrafu 2 ta' hawn taħt. L-għan prinċipali ta' dan il-qbiż huwa li jippermetti l-bini ta' kabini ta' tratturi filwaqt li jittejbu l-karatteristiċi ajrudinamiċi tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni tal-vetturi, u li jtejjeb is-sikurezza fit-triq. | Bil-għan li tittejjeb il-prestazzjoni ajrudinamika u s-sikurezza fit-triq tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi, it-tul massimu previst ***fil-punt 1.1 tal-Anness I***, jista' jinqabeż ***sa massimu ta' 400 mm*** għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti ppreċiżati fil-paragrafu 2 ta' hawn taħt***, b'kundizzjoni li l-parteċipazzjoni tal-vetturi jew partijiet tal-vetturi (pereżempju l-kabina tas-sewwieq) fit-trasport kombinat ma tkunx ristretta***. L-għan prinċipali ta' dan il-qbiż huwa li jippermetti l-bini ta' kabini ta' tratturi filwaqt li jittejbu l-karatteristiċi ajrudinamiċi tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni tal-vetturi, u li jtejjeb is-sikurezza fit-triq. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*L-estensjoni tal-kabina tas-sewwieq tat-tratturi ttejjeb is-sikurezza tat-trasport u l-effiċjenza tal-enerġija. Madankollu waqt il-bdil għandu jkun żgurat, li l-vetturi jistgħu jibqgħu jipparteċipaw fit-trasport kombinat. Fl-istess waqt għandu jkun żgurat li l-vetturi huma kompatibbli mat-toroq rurali mimlijin tidwir li prinċipalment għandhom sehem kbir fit-traffiku transalpini. L-estensjoni tal-kabina tas-sewwieq tat-tratturi b'mhux iżjed minn 400 mm tiżgura dan.*

**Emenda 227**
**Silvia-Adriana Ţicău**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Bil-għan li tittejjeb il-prestazzjoni | Bil-għan li tittejjeb il-prestazzjoni |

| | |
|---|---|
| ajrudinamika u s-sikurezza fit-triq tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi, it-tul massimu previst fil-punt 1.1 tal-Anness I, jista' jinqabeż għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti ppreċiżati fil-paragrafu 2 ta' hawn taħt. ***L-għan prinċipali*** ta' dan il-qbiż huwa li jippermetti l-bini ta' kabini ta' tratturi filwaqt li jittejbu l-karatteristiċi ajrudinamiċi tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni tal-vetturi, u li jtejjeb is-sikurezza fit-triq. | ajrudinamika u s-sikurezza fit-triq tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi, it-tul massimu previst fil-punt 1.1 tal-Anness I, jista' jinqabeż għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti ppreċiżati fil-paragrafu 2 ta' hawn taħt. ***L-uniku għan*** ta' dan il-qbiż huwa li jippermetti l-bini ta' kabini ta' tratturi filwaqt li jittejbu l-karatteristiċi ajrudinamiċi tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni tal-vetturi, u li jtejjeb is-sikurezza fit-triq. |

Or. ro

**Emenda 228**
**Anna Ibrisagic**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Bil-għan li tittejjeb ***il-prestazzjoni ajrudinamika u s-sikurezza fit-triq*** tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi, it-tul massimu previst ***fil-punt 1.1 tal-Anness I***, jista' jinqabeż għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti ppreċiżati fil-paragrafu 2 ta' hawn taħt. L-għan prinċipali ta' dan il-qbiż huwa li jippermetti ***l-bini*** ta' ***kabini ta' tratturi filwaqt li jittejbu l-karatteristiċi ajrudinamiċi*** tal-vetturi ***jew tal-kombinazzjoni tal-vetturi, u li jtejjeb*** is-sikurezza fit-triq. | Bil-għan li tittejjeb ***l-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil*** tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi, it-tul massimu previst ***fil-punt 1.1 tal-Anness I***, jista' jinqabeż għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti ppreċiżati fil-paragrafu 2 ta' hawn taħt ***u jista' jinqabeż fil-limiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni Ewropea tal-approvazzjoni tat-tip (Direttiva 2007/46) u bir-rekwiżiti stabbiliti b'din id-Direttiva, li jeħtieġ li tiġi żviluppata aktar, skont il-proċeduri kif iddikjarat fl-Artikolu 16(3)***. L-għan prinċipali ta' dan il-qbiż huwa li jippermetti ***titjib fid-disinn tal-vetturi jew*** ta' ***kombinazzjonijiet*** tal-vetturi ***sabiex tittejjeb*** is-sikurezza fit-triq. ***Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 għandu jiġi emendat skont dan.*** |

Or. en

**Emenda 229**
**Christine De Veyrac, Dominique Vlasto, Georges Bach**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9 – paragrafu 2 – inċiż 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| it-titjib fil-prestazzjonijiet ***ajrudinamiċi*** tal-vetturi, | it-titjib fil-prestazzjonijiet ***enerġetiċi*** tal-vetturi, |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Bil-għan li jiġi promoss it-trasport sostenibbli, huwa essenzjali li ssir referenza espliċita għall-kunċett ta' ffrankar enerġetiku. L-ajrudinamiżmu nnifsu mhux mira ta' din id-Direttiva, iżda sempliċiment għodda biex jintlaħaq l-għan.*

**Emenda 230**
**Eva Lichtenberger, Michael Cramer**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9 – paragrafu 2 – inċiż 2 – punt i

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ittejjeb il-viżibbiltà għas-sewwieq tal-utenti vulnerabbli, ***b'mod partikolari billi*** tnaqqas il-parti mhux viżibbli li tkun taħt il-windskrin ta' quddiem**,** | ittejjeb il-viżibbiltà għas-sewwieq tal-utenti vulnerabbli, ***bit-titjib tat-teknoloġija, tad-daqs u tal-pożizzjonar tal-mirja u għaldaqstant*** tnaqqas ***fost oħrajn*** il-parti mhux viżibbli li tkun taħt il-windskrin ta' quddiem |

Or. en

**Emenda 231**
**Brian Simpson**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9 – paragrafu 2 – inċiż 2 – punt i

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ittejjeb il-viżibbiltà għas-sewwieq tal-utenti vulnerabbli, b'mod partikolari billi tnaqqas ***il-parti*** mhux viżibbli li ***tkun*** taħt il-windskrin ta' quddiem***,*** | ittejjeb ***il-viżjoni diretta sabiex titjieb*** il-viżibbiltà għas-sewwieq tal-utenti vulnerabbli, b'mod partikolari billi tnaqqas ***il-partijiet*** mhux viżibbli li ***jkunu*** taħt il-windskrin ta' quddiem ***u fil-ġenb tal-kabina*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-viżjoni diretta taħt il-windskrin ta' quddiem mhux biss għandha tittejjeb, iżda għandha tinkludi wkoll iż-żona fuq il-ġnub tal-vettura*

**Emenda 232**
**Dieter-Lebrecht Koch**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9 - paragrafu 2 - inċiż 2 - punt i

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ittejjeb il-viżibbiltà għas-sewwieq tal-utenti vulnerabbli, b'mod partikolari billi tnaqqas il-parti mhux viżibbli li tkun taħt il-windskrin ta' quddiem, | ittejjeb il-viżibbiltà għas-sewwieq tal-utenti vulnerabbli, b'mod partikolari billi tnaqqas il-parti mhux viżibbli li tkun taħt il-windskrin ta' quddiem, ***u permezz tat-tkabbir tat-twieqi tal-ġnub b'mod speċjali lejn in-naħa tas-saqajn, u permezz tal-istallazzjoni ta' mirja addizzjonali. Fejn isservi għall-viżibbiltà mtejba tal-utenti vulnerabbli, kif ukoll fil-partijiet, partikolarment fil-parti ta' wara tal-vettura, li wieħed ma jistax jarahom permezz tat-twieqi jew mirja, hija neċessarja l-istallazzjoni ta' sistema bil-kameras.*** |

Or. de

**Emenda 233**
**Brian Simpson**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9 – paragrafu 2 – inċiż 2 – punt ii

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| tnaqqas il-ħsarat f'każ ta' ħabta**,** | tnaqqas il-ħsarat f'każ ta' ħabta ***ma' vetturi oħra bit-titjib tal-prestazzjoni tal-assorbiment tal-enerġija tal-kabini*** |

Or. en

**Emenda 234**
**Inés Ayala Sender**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9 – paragrafu 2 – inċiż 2 – punt ii

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| tnaqqas il-ħsarat f'każ ta' ħabta, | tnaqqas il-ħsarat f'każ ta' ħabta, ***b'mod partikolari billi tippromwovi d-devjazzjoni tal-utenti vulnerabbli għall-ġnub u tevita li jintlaqat mill-kabina tat-trattur.*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa xieraq li l-kabini l-ġodda jiġu ddisinjati b'tali mod li jevitaw li jolqtu lil ċiklisti, nies li jimxu fit-triq, motoċiklisti f'ħabta minn quddiem peress li għalkemm jittejbu u jitrattbu t-truf tat-trattur, ir-riżultat jista' jkun fatali. Permezz ta' disinn tal-kabina li jiffavorixxi l-espulsjoni tan-nies li jimxu fit-triq/iċ-ċiklisti għall-ġenb, l-ewwel tiġi evitata d-daqqa fatali u t-tieni jitnaqqsu sostanzjalment il-ħsarat u jiżdiedu l-possibilitajiet ta' sopravivenza*

**Emenda 235**
**Eva Lichtenberger, Michael Cramer**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9 – paragrafu 2 – inċiż 2 – punt ii

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| tnaqqas il-ħsarat f'każ ta' ħabta, | tnaqqas il-ħsarat f'każ ta' ħabta ***bit-titjib tal-prestazzjoni tal-assorbiment tal-enerġija tal-kabini***, |

Or. en

**Emenda 236**
**Brian Simpson**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9 – paragrafu 2 – inċiż 2 – punt iia (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(iia) It-titjib tal-protezzjoni tal-persuni mexjin bl-aġġustament tad-disinn ta' quddiem sabiex jiġi minimizzat ir-riskju ta' overruns f'każ ta' kolliżjonijiet ma' utenti vulnerabbli tat-triq*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li jiġu indirizzati wkoll l-overruns*

**Emenda 237**
**Dieter-Lebrecht Koch**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9 – paragrafu 2 – inċiż 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| il-kumdità u s-sikurezza tas-sewwieqa. | il-kumdità ***fir-rigward tat-titjib tal-kwalità tal-post tax-xogħol*** u s-sikurezza tas-sewwieqa. |

Or. de

**Emenda 238**
**Bogusław Liberadzki**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9 – paragrafu 2 – l-aħħar sentenza

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Il-fatt li jinqabeż it-tul massimu ma | Il-fatt li jinqabeż it-tul massimu ***tal-kabina*** |

| | |
|---|---|
| jwassalx għal żieda fil-kapaċità tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni tal-vetturi. | ***tat-trattur bi 800 mm*** ma jwassalx għal żieda fil-kapaċità tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni tal-vetturi. |

Or. en

**Emenda 239**
**Eva Lichtenberger, Michael Cramer**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9 – paragrafu 2 – inċiż 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| il-kumdità u s-sikurezza tas-sewwieqa. | il-kumdità***, is-saħħa*** u s-sikurezza tas-sewwieqa. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Id-Direttiva Qafas 89/391 dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, bil-ġerarkija ta' prevenzjoni tagħha, tipprovdi l-qafas għall-eliminazzjoni mis-sors tal-vibrazzjoni tal-ġisem kollu u ta' sorsi ta' diżordni muskoluskeletali inklużi problemi fid-dahar. Ara wkoll: "Implikazzjonijiet tal-Istress u l-Istrejn tal-Imġiba fit-Traffiku tas-Sewwieqa HGV (BAST)" 2010*

**Emenda 240**
**Bogusław Liberadzki**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Qabel il-kummerċjalizzazzjoni tagħhom***,*** l-Istati Membri jeżaminaw il-prestazzjonijiet ajrudinamiċi ***tad-disinji l-ġodda*** tal-vetturi bil-mutur ***u għalhekk jagħtu ċertifikat****.* ***Dan jiċċertifika r-rispett tar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 ta' hawn fuq.*** Iċ-ċertifikati tat-test mogħtija fi Stat Membru huma rikonoxxuti mill-Istati Membri l-oħrajn. | Qabel il-kummerċjalizzazzjoni tagħhom l-Istati Membri jeżaminaw ***u jiċċertifikaw*** il-prestazzjonijiet ajrudinamiċi ***tad-disinn il-ġdid*** tal-vetturi bil-mutur. Iċ-ċertifikati tat-test mogħtija fi Stat Membru huma rikonoxxuti mill-Istati Membri l-oħrajn. ***Ir-riżultati tal-proċedura tat-testijiet u l-prestazzjoni ajrudinamika u valuri oħra tal-input tat-trakkijiet ittestjati għandhom isiru disponibbli għall-pubbliku.*** |

Or. en

**Emenda 241**
**Phil Bennion**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Qabel il-kummerċjalizzazzjoni tagħhom, l-Istati Membri jeżaminaw il-prestazzjonijiet ajrudinamiċi tad-disinji l-ġodda tal-vetturi bil-mutur u għalhekk jagħtu ċertifikat. Dan jiċċertifika ***r-rispett tar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2*** ta' hawn fuq. Iċ-ċertifikati tat-test mogħtija fi Stat Membru huma rikonoxxuti mill-Istati Membri l-oħrajn. | Qabel il-kummerċjalizzazzjoni tagħhom, l-Istati Membri jeżaminaw il-prestazzjonijiet ajrudinamiċi tad-disinji l-ġodda tal-vetturi bil-mutur u għalhekk jagħtu ċertifikat. ***It-test tal-prestazzjoni ajrudinamika ta' dawn il-vetturi għandu jkun konformi mar-regoli rilevanti għall-kejl tal-prestazzjoni ajrudinamika żviluppat mill-Kummissjoni Ewropea.*** Dan jiċċertifika ***l-konsistenza u l-konformità mar-rekwiżiti tal-paragrafu 2*** ta' hawn fuq. Iċ-ċertifikati tat-test mogħtija fi Stat Membru huma rikonoxxuti mill-Istati Membri l-oħrajn. |

Or. en

**Emenda 242**
**Jörg Leichtfried**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9 – paragrafu 3a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-qbiż tal-tul massimu permezz ta' adattamenti ajrudinamiċi skont l-Artikoli 8 u 9, għandha wkoll tingħata kunsiderazzjoni ġenerali tal-vettura jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi li tiżgura, li l-qabża sħiħa fit-tul ma tikkawżax konsegwenzi negattivi sinifikanti fuq is-sikurezza tat-trasport u fuq il-fluss tat-traffiku partikolarment minħabba parametri infrastrutturali stabbiliti.*** |

Or. de

**Emenda 243**
**Brian Simpson, Saïd El Khadraoui**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva ***96/53/KE***
Artikolu 9 – paragrafu 3a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Ir-rekwiżiti ta' sikurezza msemmija fl-Artikolu 9.2 u r-rekwiżiti tad-disinn tal-kabina msemmija fl-Artikolu 9a (ġdid) għandhom isiru obbligatorji għall-vetturi N2 u N3 ġodda kollha mill-1 ta' Jannar 2020.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Fl-interess tat-titjib tas-sikurezza fit-triq huwa essenzjali li jiġi awtorizzat it-titjib tas-sikurezza għat-trakkijiet kollha, inklużi t-trakkijiet urbani.*

**Emenda 244**
**Christine De Veyrac, Dominique Vlasto, Dominique Riquet**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 1 – paragrafu 3a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. [Fl-għaxar snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva,] il-vetturi ġodda għandhom jiġu mgħammra b'kabini ta' tratturi li jkunu konformi mar-rekwiżiti tas-sikurezza previsti fl-Artikolu 9(2).*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Wara li jitqies iċ-ċiklu tal-ħajja ta' kabina, ikun xieraq li hawnhekk ikun hawn qbil dwar dewmien biżżejjed li jippermetti lill-intrapriżi tas-settur biex jadattaw għall-emendi regolatorji, u biex tiġi żgurata kompetizzjoni libera u mhux imfixkla.*

**Emenda 245**
**Patricia van der Kammen**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***The requirements set out in paragraph 2 are adopted in accordance with paragraph 5 below. Il-Kummissjoni għandha tingħatalha s-setgħa li tadotta atti ddelegati dwar ir-rekwiżiiti li l-vaguni ġodda tat-trakter għandhom jilħqu skont l-Artikolu 16. Dawn jieħdu l-forma ta' karatteristiċi tekniċi, ta' livelli minimi ta' prestazzjonijiet, ta' limiti tad-disinn u ta' proċeduri maħsuba għall-għoti ta' ċertifikat tat-test imsemmi fil-paragrafu 3.*** | ***imħassar*** |

Or. nl

**Emenda 246**
**Oldřich Vlasák**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ir-rekwiżit stipulati fil-paragrafu 2 huma adottati skont il-paragrafu 5 ta' hawn taħt. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati li jikkonċernaw ir-rekwiżiti li l-kabini tat-tratturi ġodda jridu jissodisfaw skont l-Artikolu 16. Dawn jieħdu l-forma ta' karatteristiċi tekniċi, ta' livelli minimi ta' prestazzjonijiet, ta' limiti tad-disinn u ta' proċeduri maħsuba għall-għoti ta' ċertifikat tat-test imsemmi fil-paragrafu 3. | Ir-rekwiżit stipulati fil-paragrafu 2 huma adottati skont il-paragrafu 5 ta' hawn taħt. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati li jikkonċernaw ir-rekwiżiti li l-kabini tat-tratturi ġodda jridu jissodisfaw skont l-Artikolu 16. Dawn jieħdu l-forma ta' karatteristiċi tekniċi, ta' livelli minimi ta' prestazzjonijiet, ta' limiti tad-disinn u ta' proċeduri maħsuba għall-għoti ta' ċertifikat tat-test imsemmi fil-paragrafu 3. ***Il-Kummissjoni għandha tadotta l-atti ddelegati msemmija iktar 'il fuq mhux iktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*** |

Or. cs

*Ġustifikazzjoni*

*Għall-raġunijiet ta' sikurezza tat-traffiku tat-triq u l-iżvilupp mill-manifatturi tat-tagħmir propost, ikun xieraq li kemm jista' jkun malajr il-Kummissjoni tipprovdi speċifikazzjonijiet iżjed dettaljati tat-tagħmir propost.*

**Emenda 247**
**Jörg Leichtfried**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ddelegati, f'konformità mal-Artikolu 16, sabiex tikkompleta r-rekwiżiti li l-kabini l-ġodda ***tat-trattur iridu*** jissodisfaw. Dawn jieħdu l-forma ta' karatteristiċi tekniċi, ta' livelli minimi ta' prestazzjonijiet, ta' limiti tad-disinn u ta' proċeduri maħsuba għall-għoti ta' ċertifikat tat-test imsemmi fil-paragrafu 3. | Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ddelegati, f'konformità mal-Artikolu 16, sabiex tikkompleta r-rekwiżiti li l-kabini l-ġodda ***jridu*** jissodisfaw. Dawn jieħdu l-forma ta' karatteristiċi tekniċi, ta' livelli minimi ta' prestazzjonijiet, ta' limiti tad-disinn u ta' proċeduri maħsuba għall-għoti ta' ċertifikat tat-test imsemmi fil-paragrafu 3. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kelma "trattur" għandha titneħħa billi din tista' tapplika biss għall-vetturi artikolati. Madankollu, din id-Direttiva għandha tikkonċerna t-titjib tas-sikurezza fit-triq tal-kabini tat-trakkijiet kollha.*

**Emenda 248**
**Brian Simpson**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ddelegati, f'konformità mal-Artikolu 16, sabiex tikkompleta r-rekwiżiti li l-kabini l-ġodda ***tat-trattur iridu*** jissodisfaw. Dawn jieħdu | Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ddelegati, f'konformità mal-Artikolu 16, sabiex tikkompleta r-rekwiżiti li l-kabini l-ġodda ***jridu*** jissodisfaw. Dawn jieħdu l-forma ta' |

| | |
|---|---|
| l-forma ta' karatteristiċi tekniċi, ta' livelli minimi ta' prestazzjonijiet, ta' limiti tad-disinn u ta' proċeduri maħsuba għall-għoti ta' ċertifikat tat-test imsemmi fil-paragrafu 3. | karatteristiċi tekniċi, ta' livelli minimi ta' prestazzjonijiet, ta' limiti tad-disinn u ta' proċeduri maħsuba għall-għoti ta' ċertifikat tat-test imsemmi fil-paragrafu 3 ***u għandhom jiġu adottati mhux aktar tard minn sentejn wara l-pubblikazzjoni ta' din id-Direttiva***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Fl-interess tas-sikurezza fit-triq u t-tnaqqis ta' mwiet evitabbli u żejda fit-toroq tagħna huwa essenzjali li dawn ir-regoli ġodda jiġu adottati mill-aktar fis possibbli.*

**Emenda 249**
**Phil Bennion**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta atti ddelegati, f'konformità mal-Artikolu 16, sabiex tikkompleta r-rekwiżiti li l-kabini l-ġodda tat-trattur iridu jissodisfaw. Dawn jieħdu l-forma ta' karatteristiċi tekniċi, ta' livelli minimi ta' prestazzjonijiet, ta' limiti tad-disinn u ta' proċeduri maħsuba għall-għoti ta' ċertifikat tat-test imsemmi fil-paragrafu 3. | ***Mhux aktar tard minn sena mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Direttiva,*** il-Kummissjoni ***għandha*** tadotta atti ddelegati, f'konformità mal-Artikolu 16 ***fi ħdan il-qafas tar-regolamenti tan-NU/KEE***, sabiex tikkompleta r-rekwiżiti li l-kabini l-ġodda tat-trattur iridu jissodisfaw. Dawn jieħdu l-forma ta' karatteristiċi tekniċi, ta' livelli minimi ta' prestazzjonijiet ***tas-sikurezza u tal-ajrudinamika***, ta' limiti tad-disinn u ta' proċeduri maħsuba għall-għoti ta' ċertifikat tat-test imsemmi fil-paragrafu 3. |

Or. en

**Emenda 250**
**Inés Ayala Sender**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Id-Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ddelegati, skont l-Artikolu 16, sabiex tikkompleta r-rekwiżiti li jridu jintlaħqu mill-kabini l-ġodda tat-trattur imsemmija fil-paragrafu 2. Dawn jieħdu l-forma ta' karatteristiċi tekniċi, ta' livelli minimi ta' prestazzjonijiet, ta' limiti tad-disinn u ta' proċeduri maħsuba għall-għoti ta' ċertifikat tat-test ***fejn jindika t-titjib tal-prestazzjoni aerodinamika*** imsemmi fil-paragrafu 3. | Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ddelegati, skont l-Artikolu 16, sabiex tikkompleta r-rekwiżiti li jridu jintlaħqu mill-kabini l-ġodda tat-trattur imsemmija fil-paragrafu 2. Dawn jieħdu l-forma ta' karatteristiċi tekniċi, ta' livelli minimi ta' prestazzjonijiet, ta' limiti tad-disinn u ta' proċeduri maħsuba għall-għoti ta' ċertifikat tat-test imsemmi fil-paragrafu 3. ***Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni se tikkonsulta mal-partijiet interessati, (bennejja, sewwieqa, assoċjazzjonijiet li jiżguraw is-sigurtà fit-toroq, awtoritajiet tat-traffiku, ċentri ta' taħriġ, eċċ) u se tippubblika rapport dwar ir-riżultat ta' din il-konsultazzjoni.*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa neċessarju li l-Kummissjoni tkun meħtieġa twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa mal-partijiet interessati, pereżempju mas-sewwieqa, ladarba r-rekwiżiti l-ġodda se jaffettwaw direttament u jistgħu jipprovdu kontribuzzjonijiet interessanti.*

**Emenda 251**
**Eva Lichtenberger, Michael Cramer**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ddelegati, f'konformità mal-Artikolu 16, sabiex tikkompleta r-rekwiżiti li l-kabini l-ġodda tat-trattur iridu jissodisfaw. Dawn jieħdu l-forma ta' karatteristiċi tekniċi***, ta' livelli minimi ta' prestazzjonijiet, ta' limiti tad-disinn*** u ta' proċeduri maħsuba għall-għoti ta' ċertifikat tat-test imsemmi fil-paragrafu 3. | Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ddelegati, f'konformità mal-Artikolu 16, sabiex tikkompleta r-rekwiżiti li l-kabini l-ġodda tat-trattur iridu jissodisfaw. Dawn jieħdu l-forma ta' karatteristiċi tekniċi u ta' proċeduri maħsuba għall-għoti ta' ċertifikat tat-test imsemmi fil-paragrafu 3 ***u għandhom jiġu adottati mhux aktar tard minn sentejn wara l-pubblikazzjoni ta' din id-Direttiva***. |

Or. en

**Emenda 252**
**Eva Lichtenberger, Michael Cramer**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(7a) Jiżdied l-Artikolu 9a li ġej:*** |
| | ***Artikolu 9a*** |
| | ***Ir-rekwiżiti ta' sikurezza msemmija fl-Artikolu 9.2 għandhom isiru obbligatorji għall-vetturi N2 u N3 ġodda kollha mill-1 ta' Jannar 2016.*** |

Or. en

**Emenda 253**
**Brian Simpson, Saïd El Khadraoui**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(7a) Jiżdied l-Artikolu 9a:*** |
| | ***Artikolu 9a*** |
| | ***1. Bil-għan li jittejbu s-sikurezza u l-kumdità tas-sewwieqa, u fl-aħħar nett li jiġi żgurat it-titjib tas-sikurezza fit-toroq tal-vetturi fl-ambitu ta' din id-Direttiva, ir-rekwiżiti ta' sikurezza u kumdità li għandhom jintlaħqu mill-kabini tas-sewwieq huma dawn li ġejjin:*** |
| | ***onformità mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva Qafas 89/391/KEE dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, bil-ġerarkija tagħha ta' miżuri ta' prevenzjoni għall-eliminazzjoni ta' sorsi tal-vibrazzjoni tal-ġisem kollu u ta' diżordni muskoluskeletali;*** |

***l-kabina tas-sewwieq tiġi mgħammra b'karatteristiċi ta' sikurezza, l-ewwel u fuq kollox b'punt ta' ħruġ sigur mill-kabina f'każ ta' nar;***

***ż-żieda fid-daqs tal-kabina tas-sewwieq għall-iżgurar ta':***

***(i) Żieda fl-ispazju bejn is-sedil tas-sewwieq u l-couchette;***

***(ii) Żieda fid-daqs tal-couchette tas-sewwieq;***

***(iii) Spazju adegwat għal żewġ sewwieqa, meta l-vettura tkun magħmula għal żewġ sewwieqa;***

***(iv) Spazju għall-ħżin adegwat għall-affarijiet personali tas-sewwieq.***

***2. Qabel il-kummerċjalizzazzjoni tagħhom, l-Istati Membri jeżaminaw il-karatteristiċi ta' sikurezza u kumdità tad-disinji l-ġodda tal-vetturi bil-mutur u għalhekk jagħtu ċertifikat. Dan jiċċertifika r-rispett tar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1 ta' hawn fuq. Iċ-ċertifikati tat-test mogħtija fi Stat Membru huma rikonoxxuti mill-Istati Membri l-oħrajn.***

***3. Bl-iżvilupp ulterjuri tal-kriterji speċifikati fil-paragrafu 1 ta' hawn fuq, il-Kummissjoni għandha tiġi mgħejuna minn kumitat magħmul minn Stati Membri, esperti u msieħba soċjali. Il-kumitat jiżviluppa karatteristiċi tekniċi, livelli minimi ta' prestazzjonijiet u proċeduri maħsuba għall-għoti ta' ċertifikat tat-test bl-indikazzjoni taż-żieda tas-sikurezza u l-kumdità tas-sewwieqa msemmi fil-paragrafu 1.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa essenzjali li nużaw din l-opportunità biex intejbu d-daqs, is-sikurezza u l-kumdità tal-kabina tas-sewwieq. Dan it-tibdil sempliċi fl-ambjent tal-ħidma tas-sewwieqa għandu l-potenzjal li jkollu effett pożittiv fuq l-idoneità tas-sewwieq li jsuq b'mod sikur, u b'hekk jikkontribwixxi għat-titjib tas-sikurezza fit-toroq.*

**Emenda 254**
**Mathieu Grosch, Dieter-Lebrecht Koch**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 9a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Jiżdied l-Artikolu 9a:*** |
| | ***Artikolu 9a*** |
| | ***Bil-għan li jittejbu s-sikurezza u l-kumdità tas-sewwieq, u fl-aħħar nett li jiġi żgurat it-titjib tas-sikurezza fit-toroq tal-vetturi fl-ambitu ta' din id-Direttiva, ir-rekwiżiti ta' sikurezza u kumdità li għandhom jintlaħqu mill-kabini tas-sewwieqa huma dawn li ġejjin:*** |
| | ***onformità mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva Qafas 89/391/KEE dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, bil-ġerarkija tagħha ta' miżuri ta' prevenzjoni għall-eliminazzjoni ta' sorsi tal-vibrazzjoni tal-ġisem kollu u ta' diżordni muskoluskeletali;*** |
| | ***l-kabina tas-sewwieq tiġi mgħammra b'karatteristiċi ta' sikurezza, l-ewwel u fuq kollox b'punt ta' ħruġ sigur mill-kabina f'każ ta' nar;*** |
| | ***ż-żieda fid-daqs tal-kabina tas-sewwieq biex tadatta għar-rekwiżiti ta' kumdità u sikurezza għas-sedili u l-couchettes tas-sewwieq waqt li jiġu kkunsidrati sitwazzjonijiet ta' emerġenza.*** |

Or. en

**Emenda 255**
**Oldřich Vlasák**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 10a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-piżijiet massimi tal-vetturi bi propulsjoni ***ibrida jew bi propulsjoni kompletament elettrika*** huma dawk indikati fil-punt 2.3.1 tal-Anness I. | Il-piżijiet massimi tal-vetturi bi propulsjoni ***alternattiva, li ma jużawx esklussivament fjuwils fossili u li għalhekk ma jipproduċux tniġġis jew jipproduċu ammonti żgħar ħafna ta' tniġġis,*** huma dawk indikati fil-punt 2.3.1 tal-Anness I. |

Or. cs

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tinżamm in-newtralità teknoloġika tal-leġiżlazzjoni proposta, huwa essenzjali li jiġu inklużi t-teknoloġiji tal-futur – bħaċ-ċelloli tal-fjuwil tal-idroġenu.*

**Emenda 256**
**Philippe De Backer**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 10a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-piżijiet massimi tal-vetturi bi ***propulsjoni ibrida jew bi propulsjoni kompletament elettrika*** huma dawk indikati ***fil-punt 2.3.1*** tal-Anness I. | Il-piżijiet massimi tal-vetturi ***li jaħdmu*** bi ***fjuwil alternattiv*** huma dawk indikati ***fil-punt 2.5*** tal-Anness I. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li jkun hemm stabbilita leġiżlazzjoni li tkun newtrali mil-lat teknoloġiku, għaldaqstant il-vetturi kollha li jużaw fjuwils alternattivi għandhom jitħallew iżidu l-piż tagħhom.*

**Emenda 257**
**Phil Bennion**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Direttiva 96/53/KE
L-Artikolu 10a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-piżijiet massimi tal-vetturi ***bi propulsjoni ibrida jew bi propulsjoni kompletament elettrika*** huma dawk indikati ***fil-punt 2.3.1*** tal-Anness I. | Il-piżijiet massimi tal-vetturi ***mgħammra b'teknoloġija b'livell baxx tal-karbonju*** huma dawk indikati ***fil-punt 2.3.4*** tal-Anness I. |

Or. en

**Emenda 258**
**Hubert Pirker**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 10a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-vetturi ***bi propulsjoni ibrida jew elettrika*** għandhom, madankollu, jirrispettaw il-limiti indikati fil-punt 3 tal-Anness I: piżijiet massimi awtorizzati għal kull fus. | Il-vetturi ***b'motorizzazzjoni alternattiva*** għandhom, madankollu, jirrispettaw il-limiti indikati fil-punt 3 tal-Anness I: piżijiet massimi awtorizzati għal kull fus. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Il-formulazzjoni hija konformi mal-prinċipju bażiku tan-newtralità teknoloġika.*

**Emenda 259**
**Phil Bennion**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Direttiva 96/53/KE
L-Artikolu 10a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-vetturi ***bi propulsjoni ibrida jew elettrika*** għandhom, madankollu, jirrispettaw il-limiti indikati fil-punt 3 tal-Anness I: piżijiet massimi awtorizzati għal kull fus. | Il-vetturi ***mgħammra b'teknoloġija b'livell baxx tal-karbonju*** għandhom, madankollu, jirrispettaw il-limiti indikati fil-punt 3 tal-Anness I: piżijiet massimi awtorizzati għal kull fus. |

Or. en

**Emenda 260**
**Bogusław Liberadzki**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9a (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 10aa (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-vetturi N2 u N3 ġodda għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' sikurezza msemmija fl-Artikolu 9.2 mill-1 ta' Jannar 2020 'il quddiem.*** |

Or. en

**Emenda 261**
**Georges Bach, Bogusław Liberadzki**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9a (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 10ab (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Sal-aħħar tal-2018, il-Kummissjoni għandha tirrevedi din id-Direttiva sabiex tanalizza l-impatti tal-użu transfruntier tal-vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi li jaqbżu d-dimensjonijiet massimi stabbiliti mill-Anness I. Il-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni għandha tanalizza l-impatti fuq is-sikurezza fit-triq, fuq l-ispustament modali, il-konsegwenzi fuq l-infrastruttura u fuq l-ambjent. Fuq il-bażi tar-riżultati ta' din il-valutazzjoni tal-impatt, il-Kummissjoni għandha, jekk ikun xieraq, tagħmel proposta leġiżlattiva biex temenda d-Direttiva.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Hija meħtieġa analiżi komprensiva tal-konsegwenzi tal-użu ta' LHV fit-trasport tat-triq internazzjonali qabel ma jitneħħew ir-restrizzjonijiet. Din il-valutazzjoni tal-impatt għandha tinkludi l-effetti fuq is-sikurezza tat-triq, fuq l-ispustament modali, fuq l-ambjent u l-*

*emissjonijiet ta' $CO_2$ u fuq l-infrastruttura.*

**Emenda 262**
**Anne E. Jensen**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 11 – paragrafu 1 – l-ewwel parti

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Id-dimensjonijiet massimi stabbiliti fil-punti 1.1 u 1.6 ***tal-Anness I*** jistgħu jinqabżu bi 15-il ċentimetru għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi li jittrasportaw ***kontenituri*** jew kaxex skambjabbli ta' ***45 pied, fil-każ fejn it-trasport fit-triq tal-kontejner jew tal-iswap body ikun jagħmel parti mit-trasport intermodali***. | Id-dimensjonijiet massimi stabbiliti fil-punti 1.1 u 1.6 ***tal-Anness I*** jistgħu jinqabżu bi 15-il ċentimetru għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi li jittrasportaw ***kontejners*** jew kaxex skambjabbli ta' ***45 pied***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-użu estiż ta' kontejners ta' 45 pied m'għandux ikun limitat għall-operazzjonijiet ta' trasport intermodali.*

**Emenda 263**
**Markus Ferber**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 11 – paragrafu 1 – l-ewwel parti

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Id-dimensjonijiet ***massimi stabbiliti fil-punti 1.1 u 1.6 tal-Anness I jistgħu jinqabżu bi 15-il ċentimetru għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni*** ta' vetturi ***li jittrasportaw kontenituri jew kaxex skambjabbli*** ta' ***45 pied, fil-każ fejn it-trasport fit-triq tal-kontejner jew tal-iswap body ikun jagħmel parti mit-trasport*** intermodali. | ***Għat-tisħiħ tat-trasport intermodali/kombinat u għaż-żieda fl-effiċjenza tal-enerġija,*** id-dimensjonijiet ***tal-vetturi/kombinazzjoni*** ta' vetturi ***se jiġu adattati għall-unitajiet*** ta' ***trasport*** intermodali ***u f'konformità mad-dimensjonijiet massimi awtorizzati kif stabbiliti fl-Anness I***. |

Or. de

**Emenda 264**
**Eva Lichtenberger, Michael Cramer**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 11 – paragrafu 1 – l-ewwel parti

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Id-dimensjonijiet massimi stabbiliti fil-punti 1.1 u 1.6 ***tal-Anness I jistgħu jinqabżu bi 15-il ċentimetru għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni*** ta' ***vetturi li jittrasportaw kontenituri jew kaxex skambjabbli ta' 45 pied, fil-każ fejn it-trasport fit-triq tal-kontejner jew tal-iswap body ikun jagħmel parti mit-trasport intermodali***. | Id-dimensjonijiet massimi stabbiliti fil-punti 1.1 u 1.6 ***tal-Anness I ma jistgħux jipperikolaw l-iżviluppi pożittivi fis-sistemi*** ta' ***trasport kombinat bħas-sistemi intermodali orizzontali jew bimodali***. |

Or. en

**Emenda 265**
**Peter van Dalen**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 11 – paragrafu 1 – l-ewwel parti

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Id-dimensjonijiet massimi stabbiliti fil-punti 1.1 u 1.6 tal-Anness I jistgħu jinqabżu bi ***15-il*** ċentimetru għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi li jittrasportaw ***kontenituri*** jew kaxex skambjabbli ta' 45 pied, fil-każ fejn it-trasport fit-triq tal-kontejner jew tal-iswap body ikun jagħmel parti mit-trasport intermodali. | Id-dimensjonijiet massimi stabbiliti fil-punti 1.1 u 1.6 tal-Anness I jistgħu jinqabżu bi ***80*** ċentimetru għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi li jittrasportaw ***kontejners*** jew kaxex skambjabbli ta' 45 pied, fil-każ fejn it-trasport fit-triq tal-kontejner jew tal-iswap body ikun jagħmel parti mit-trasport intermodali. |

Or. nl

**Emenda 266**
**Philippe De Backer**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**

Direttiva 96/53/KE

Artikolu 11 – paragrafu 1 – l-ewwel parti

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Id-dimensjonijiet massimi stabbiliti fil-punti 1.1 u 1.6 tal-Anness I jistgħu jinqabżu bi ***15-il*** ċentimetru għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi li jittrasportaw ***kontenituri*** jew kaxex skambjabbli ta' 45 pied, fil-każ fejn it-trasport fit-triq tal-kontejner jew ***tal-iswap body ikun*** jagħmel parti mit-trasport intermodali. | Id-dimensjonijiet massimi stabbiliti fil-punti 1.1 u 1.6 tal-Anness I jistgħu jinqabżu bi ***80*** ċentimetru għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi li jittrasportaw ***kontejners*** jew kaxex skambjabbli ta' 45 pied, fil-każ fejn it-trasport fit-triq tal-kontejner jew ***tal-kaxxa skambjabbli jkun*** jagħmel parti mit-trasport intermodali. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Żieda ta' 15-il ċentimetru fit-tul tista' mhux dejjem tkun suffiċjenti għall-vetturi involuti fit-trasport ta' kontejners ta' 45 pied. Il-Belġju, pereżempju, jippermetti estensjoni ta' 77 ċentimetru għat-trasport ta' kontejner ta' 45 pied minn u lejn terminal intermodali fit-territorju nazzjonali. Għaldaqstant hija meħtieġa emenda li tipproponi estensjoni oħra.*

**Emenda 267**
**Georgios Koumoutsakos**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**
Direttiva 96/53/KE

Artikolu 11 – paragrafu 1 – l-ewwel parti

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Id-dimensjonijiet massimi stabbiliti fil-punti 1.1 u 1.6 tal-Anness I jistgħu jinqabżu bi 15-il ċentimetru għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi li jittrasportaw ***kontenituri*** jew kaxex skambjabbli ta' 45 pied, fil-każ fejn it-trasport fit-triq tal-kontejner jew ***tal-iswap body ikun*** jagħmel parti mit-trasport intermodali. | Id-dimensjonijiet massimi stabbiliti fil-punti 1.1 u 1.6 tal-Anness I jistgħu jinqabżu bi 15-il ċentimetru ***u dawk fil-punt 1.2(a) b'5 ċentimetri*** għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi li jittrasportaw ***kontejners ta' 45 pied, kontejners wiesgha b'palits*** jew kaxex skambjabbli ta' 45 pied, fil-każ fejn it-trasport fit-triq tal-kontejner jew ***tal-kaxxa skambjabbli jkun*** jagħmel parti mit-trasport intermodali. |

Or. en

**Emenda 268**
**Anne E. Jensen**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 11 – paragrafu 1 – it-tieni parti

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Minħabba dan l-Artikolu u l-punt 2.2.2 c) tal-Anness I, l-operazzjoni tat-trasport intermodali tuża, tal-inqas, il-ferrovija, it-trasport bix-xmara jew it-trasport marittimu. Tkun tikkonsisti wkoll minn parti li tinvolvi t-triq fil-bidu jew lejn it-tmiem tal-vjaġġ tagħha. Kull parti li tinvolvi t-triq ma tistax tkopri aktar minn 300 km tat-territorju tal-Unjoni Ewropea, jew sal-eqreb terminali li bejniethom ikun hemm servizz regolari. Operazzjoni tat-trasport titqies ukoll bħala trasport intermodali jekk tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa, ikun xi jkun it-tul tal-vjaġġi fit-triq inizjali u dawk finali. Il-vjaġġ inizjali u l-vjaġġ finali fit-triq f'operazzjoni li tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa, jibdew mill-punt tat-tagħbija tal-merkanzija sal-eqreb port marittimu xieraq għall-vjaġġ inizjali u/jew f'dak il-każ bejn l-eqreb port marittimu xieraq u l-punt ta' żbark tal-merkanzija għall-vjaġġ finali.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-użu estiż ta' kontejners ta' 45 pied m'għandux ikun limitat għall-operazzjonijiet ta' trasport intermodali.*

**Emenda 269**
**Patricia van der Kammen**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 11 – paragrafu 1 – it-tieni parti

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Minħabba dan l-Artikolu u l-punt 2.2.2 c) tal-Anness I, l-operazzjoni tat-trasport intermodali tuża, tal-inqas, il-ferrovija, it-trasport bix-xmara jew it-trasport marittimu. Tkun tikkonsisti wkoll minn parti li tinvolvi t-triq fil-bidu jew lejn it-tmiem tal-vjaġġ tagħha. Kull parti li tinvolvi t-triq ma tistax tkopri aktar minn 300 km tat-territorju tal-Unjoni Ewropea, jew sal-eqreb terminali li bejniethom ikun hemm servizz regolari. Operazzjoni tat-trasport titqies ukoll bħala trasport intermodali jekk tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa, ikun xi jkun it-tul tal-vjaġġi fit-triq inizjali u dawk finali. Il-vjaġġ inizjali u l-vjaġġ finali fit-triq f'operazzjoni li tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa, jibdew mill-punt tat-tagħbija tal-merkanzija sal-eqreb port marittimu xieraq għall-vjaġġ inizjali u/jew f'dak il-każ bejn l-eqreb port marittimu xieraq u l-punt ta' żbark tal-merkanzija għall-vjaġġ finali.*** | ***imħassar*** |

Or. nl

**Emenda 270**
**Hubert Pirker**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 11 – paragrafu 1 – it-tieni parti

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Minħabba dan l-Artikolu u l-punt 2.2.2 c) tal-Anness I, l-operazzjoni tat-trasport intermodali tuża, tal-inqas, il-ferrovija, it-trasport bix-xmara jew it-trasport marittimu. Tkun tikkonsisti wkoll minn parti li tinvolvi t-triq fil-bidu jew lejn it-tmiem tal-vjaġġ tagħha. Kull ***parti li tinvolvi t-triq ma tistax tkopri aktar minn 300 km tat-territorju tal-Unjoni Ewropea***, | Minħabba dan l-Artikolu u l-punt 2.2.2 ***(***c) tal-Anness I, l-operazzjoni tat-trasport intermodali tuża, tal-inqas, il-ferrovija, it-trasport bix-xmara jew it-trasport marittimu. Tkun tikkonsisti wkoll minn parti li tinvolvi t-triq fil-bidu jew lejn it-tmiem tal-vjaġġ tagħha. Kull ***wieħed minn dawn il-komponenti tat-toroq jinvolvi triq li hija stabbilita mill-Istati Membri*** |

jew sal-eqreb terminali li bejniethom ikun hemm servizz regolari. Operazzjoni tat-trasport titqies ukoll bħala trasport intermodali jekk tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa, ikun xi jkun it-tul tal-vjaġġi fit-triq inizjali u dawk finali. Il-vjaġġ inizjali u l-vjaġġ finali fit-triq f'operazzjoni li tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa, jibdew mill-punt tat-tagħbija tal-merkanzija sal-eqreb port marittimu xieraq għall-vjaġġ inizjali u/jew f'dak il-każ bejn l-eqreb port marittimu xieraq u l-punt ta' żbark tal-merkanzija għall-vjaġġ finali.

***f'konformità mal-infrastruttura eżistenti u l-kundizzjonijiet ġeografiċi***, jew sal-eqreb terminali li bejniethom ikun hemm servizz regolari. Operazzjoni tat-trasport titqies ukoll bħala trasport intermodali jekk tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa, ikun xi jkun it-tul tal-vjaġġi fit-triq inizjali u dawk finali. Il-vjaġġ inizjali u l-vjaġġ finali fit-triq f'operazzjoni li tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa, jibdew mill-punt tat-tagħbija tal-merkanzija sal-eqreb port marittimu xieraq għall-vjaġġ inizjali u/jew f'dak il-każ bejn l-eqreb port marittimu xieraq u l-punt ta' żbark tal-merkanzija għall-vjaġġ finali.

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Stabbilizzazzjoni stretta u dipendenti fuq il-kilometri tat-trasport li jsir fil-kuntest tat-trasport intermodali fit-triq, fil-prattika mhux se tkun tista' tiġi implimentata b'mod li jagħmel sens u ma tieħu ebda kunsiderazzjoni tal-effiċjenza, l-ekonomija, l-ambjent kif ukoll ukoll il-kundizzjonijiet infrastrutturali u ġeografiċi fl-Istati Membri individwali.*

**Emenda 271**
**Petri Sarvamaa**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 11 – paragrafu 1 – it-tieni parti

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Minħabba dan l-Artikolu u l-punt 2.2.2 c) tal-Anness I, l-operazzjoni tat-trasport intermodali tuża, tal-inqas, il-ferrovija, it-trasport bix-xmara jew it-trasport marittimu. Tkun tikkonsisti wkoll minn parti li tinvolvi t-triq fil-bidu ***jew*** lejn it-tmiem tal-vjaġġ tagħha. Kull parti li tinvolvi t-triq ma tistax tkopri aktar minn 300 km tat-territorju tal-Unjoni Ewropea, jew sal-eqreb terminali li bejniethom ikun hemm servizz regolari. Operazzjoni tat-trasport titqies ukoll bħala trasport intermodali jekk tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa, ikun xi jkun | Minħabba dan l-Artikolu u l-punt 2.2.2 ***(***c) tal-Anness I, l-operazzjoni tat-trasport intermodali tuża, tal-inqas, il-ferrovija, it-trasport bix-xmara jew it-trasport marittimu. Tkun tikkonsisti wkoll minn parti li tinvolvi t-triq fil-bidu ***u/jew*** lejn it-tmiem tal-vjaġġ tagħha. Kull parti li tinvolvi t-triq ma tistax tkopri aktar minn 300 km ***jew 50 %*** tat-territorju tal-Unjoni Ewropea, jew sal-eqreb terminali li bejniethom ikun hemm servizz regolari. Operazzjoni tat-trasport titqies ukoll bħala trasport intermodali jekk tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa, |

| | |
|---|---|
| it-tul tal-vjaġġi fit-triq inizjali u dawk finali. Il-vjaġġ inizjali u l-vjaġġ finali fit-triq f'operazzjoni li tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa, jibdew mill-punt tat-tagħbija tal-merkanzija sal-eqreb port marittimu xieraq għall-vjaġġ inizjali u/jew f'dak il-każ bejn l-eqreb port marittimu xieraq u l-punt ta' żbark tal-merkanzija għall-vjaġġ finali. | ikun xi jkun it-tul tal-vjaġġi fit-triq inizjali u dawk finali. Il-vjaġġ inizjali u l-vjaġġ finali fit-triq f'operazzjoni li tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa, jibdew mill-punt tat-tagħbija tal-merkanzija sal-eqreb port marittimu xieraq għall-vjaġġ inizjali u/jew f'dak il-każ bejn l-eqreb port marittimu xieraq u l-punt ta' żbark tal-merkanzija għall-vjaġġ finali. |

Or. en

**Emenda 272**
**Dieter-Lebrecht Koch**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 11 – paragrafu 1 – it-tieni parti

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Minħabba dan l-Artikolu u l-punt 2.2.2 c) tal-Anness I, l-operazzjoni tat-trasport intermodali tuża, tal-inqas, il-ferrovija, it-trasport bix-xmara jew it-trasport marittimu. Tkun tikkonsisti wkoll minn parti li tinvolvi t-triq fil-bidu jew lejn it-tmiem tal-vjaġġ tagħha. Kull parti li tinvolvi t-triq ma tistax tkopri aktar minn ***300 km*** tat-territorju tal-Unjoni Ewropea, jew sal-eqreb terminali li bejniethom ikun hemm servizz regolari. Operazzjoni tat-trasport titqies ukoll bħala trasport intermodali jekk tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa, ikun xi jkun it-tul tal-vjaġġi fit-triq inizjali u dawk finali. Il-vjaġġ inizjali u l-vjaġġ finali fit-triq f'operazzjoni li tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa, jibdew mill-punt tat-tagħbija tal-merkanzija sal-eqreb port marittimu xieraq għall-vjaġġ inizjali u/jew f'dak il-każ bejn l-eqreb port marittimu xieraq u l-punt ta' żbark tal-merkanzija għall-vjaġġ finali. | Minħabba dan l-Artikolu u l-punt 2.2.2 ***(***c) tal-Anness I, l-operazzjoni tat-trasport intermodali tuża, tal-inqas, il-ferrovija, it-trasport bix-xmara jew it-trasport marittimu. Tkun tikkonsisti wkoll minn parti li tinvolvi t-triq fil-bidu jew lejn it-tmiem tal-vjaġġ tagħha. Kull parti li tinvolvi t-triq ma tistax tkopri aktar minn ***500 km*** tat-territorju tal-Unjoni Ewropea, jew sal-eqreb terminali li bejniethom ikun hemm servizz regolari. Operazzjoni tat-trasport titqies ukoll bħala trasport intermodali jekk tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa, ikun xi jkun it-tul tal-vjaġġi fit-triq inizjali u dawk finali. Il-vjaġġ inizjali u l-vjaġġ finali fit-triq f'operazzjoni li tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa, jibdew mill-punt tat-tagħbija tal-merkanzija sal-eqreb port marittimu xieraq għall-vjaġġ inizjali u/jew f'dak il-każ bejn l-eqreb port marittimu xieraq u l-punt ta' żbark tal-merkanzija għall-vjaġġ finali. |

Or. de

**Emenda 273**
**Ismail Ertug**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 11 – paragrafu 1 – it-tieni parti

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Minħabba dan l-Artikolu u l-punt 2.2.2 c) tal-Anness I, l-operazzjoni tat-trasport intermodali tuża, tal-inqas, il-ferrovija, it-trasport bix-xmara jew it-trasport marittimu. Tkun tikkonsisti wkoll minn parti li tinvolvi t-triq fil-bidu jew lejn it-tmiem tal-vjaġġ tagħha. Kull parti li tinvolvi t-triq ma tistax tkopri aktar minn ***300 km*** tat-territorju tal-Unjoni Ewropea, jew sal-eqreb terminali li bejniethom ikun hemm servizz regolari. ***Operazzjoni tat-trasport titqies ukoll bħala trasport intermodali jekk tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa, ikun xi jkun it-tul tal-vjaġġi fit-triq inizjali u dawk finali. Il-vjaġġ inizjali u l-vjaġġ finali fit-triq f'operazzjoni li tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa, jibdew mill-punt tat-tagħbija tal-merkanzija sal-eqreb port marittimu xieraq għall-vjaġġ inizjali u/jew f'dak il-każ bejn l-eqreb port marittimu xieraq u l-punt ta' żbark tal-merkanzija għall-vjaġġ finali.*** | Minħabba dan l-Artikolu u l-punt 2.2.2 ***(***c) tal-Anness I, l-operazzjoni tat-trasport intermodali ***jew kombinat*** tuża, tal-inqas, il-ferrovija, it-trasport bix-xmara jew it-trasport marittimu. Tkun tikkonsisti wkoll minn parti li tinvolvi t-triq fil-bidu jew lejn it-tmiem tal-vjaġġ tagħha. Kull parti li tinvolvi t-triq ma tistax tkopri aktar minn ***150 kilometru distanza tal-ajru*** tat-territorju tal-Unjoni Ewropea, jew sal-eqreb terminali li bejniethom ikun hemm servizz regolari. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Awtorevoli għad-definizzjoni tat-trasport intermodali jew kombinat hija d-Direttiva 92/106/KEE applikabbli, li tillimita l-proporzjon tat-trasport bit-triq għal 150 kilometru.*

**Emenda 274**
**Silvia-Adriana Țicău**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 11 – paragrafu 1 – it-tieni parti

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Minħabba dan l-Artikolu u l-punt 2.2.2 c) tal-Anness I, l-operazzjoni tat-trasport intermodali tuża, tal-inqas, il-ferrovija, it-trasport bix-xmara ***jew*** it-trasport marittimu. Tkun tikkonsisti wkoll minn parti li tinvolvi t-triq fil-bidu jew lejn it-tmiem tal-vjaġġ tagħha. Kull parti li tinvolvi t-triq ma tistax tkopri aktar minn 300 km tat-territorju tal-Unjoni Ewropea, jew sal-eqreb terminali li bejniethom ikun hemm servizz regolari. Operazzjoni tat-trasport titqies ukoll bħala trasport intermodali jekk tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira ***fl-Ewropa***, ikun xi jkun it-tul tal-vjaġġi fit-triq inizjali u dawk finali. ***Il-vjaġġ inizjali u l-vjaġġ finali fit-triq f'operazzjoni li tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa, jibdew mill-punt tat-tagħbija tal-merkanzija sal-eqreb port marittimu xieraq għall-vjaġġ inizjali u/jew f'dak il-każ bejn l-eqreb port marittimu xieraq u l-punt ta' żbark tal-merkanzija għall-vjaġġ finali.*** | Minħabba dan l-Artikolu u l-punt 2.2.2 ***(***c) tal-Anness I, l-operazzjoni tat-trasport intermodali tuża, tal-inqas, il-ferrovija, it-trasport bix-xmara ***u/jew*** it-trasport marittimu. Tkun tikkonsisti wkoll minn parti li tinvolvi t-triq fil-bidu jew lejn it-tmiem tal-vjaġġ tagħha. Kull parti li tinvolvi t-triq ma tistax tkopri aktar minn 300 km tat-territorju tal-Unjoni Ewropea, jew sal-eqreb terminali li bejniethom ikun hemm servizz regolari. Operazzjoni tat-trasport titqies ukoll bħala trasport intermodali jekk tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira ***u/jew bix-xmara***, ikun xi jkun it-tul tal-vjaġġi fit-triq inizjali u dawk finali. |

Or. ro

**Emenda 275**
**Inés Ayala Sender**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 11 – paragrafu 1 – it-tieni parti

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Minħabba dan l-Artikolu u l-punt 2.2.2 c) tal-Anness I, l-operazzjoni tat-trasport intermodali tuża, tal-inqas, il-ferrovija, it-trasport bix-xmara jew it-trasport marittimu. Tkun tikkonsisti wkoll minn parti li tinvolvi t-triq fil-bidu ***jew*** lejn it-tmiem tal-vjaġġ tagħha. ***Kull parti li tinvolvi t-triq ma tistax tkopri*** aktar minn ***300 km tat-territorju tal-Unjoni Ewropea,*** | Minħabba dan l-Artikolu u l-punt 2.2.2 ***(***c) tal-Anness I, l-operazzjoni tat-trasport intermodali tuża, tal-inqas, il-ferrovija, it-trasport bix-xmara jew it-trasport marittimu. Tkun tikkonsisti wkoll minn parti li tinvolvi t-triq fil-bidu ***u/jew*** lejn it-tmiem tal-vjaġġ tagħha. ***Għal dawn l-operazzjonijiet, it-total tal-partijiet tat-triq ma jistax ikopri*** aktar minn ***30 % tad-*** |

| | |
|---|---|
| jew sal-eqreb terminali li bejniethom ikun hemm servizz regolari. Operazzjoni tat-trasport titqies ukoll bħala trasport intermodali jekk tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa, ***ikun xi jkun it-tul tal-vjaġġi fit-triq inizjali u dawk finali***. Il-vjaġġ inizjali u l-vjaġġ finali fit-triq f'operazzjoni li tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa, jibdew mill-punt tat-tagħbija tal-merkanzija sal-eqreb port marittimu xieraq għall-vjaġġ inizjali u/jew f'dak il-każ bejn l-eqreb port marittimu xieraq u l-punt ta' żbark tal-merkanzija għall-vjaġġ finali. | ***distanza ġenerali totali*** jew sal-eqreb terminali li bejniethom ikun hemm servizz regolari. Operazzjoni tat-trasport titqies ukoll bħala trasport intermodali jekk tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa, ***u t-taqsima tat-trasport marittimu tikkostitwixxi tal-inqas 20 % tad-distanza ġenerali totali***. Il-vjaġġ inizjali u l-vjaġġ finali fit-triq f'operazzjoni li tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa, jibdew mill-punt tat-tagħbija tal-merkanzija sal-eqreb port marittimu xieraq għall-vjaġġ inizjali u/jew f'dak il-każ bejn l-eqreb port marittimu xieraq u l-punt ta' żbark tal-merkanzija għall-vjaġġ finali. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-proposta tal-Kummissjoni tistabbilixxi limitu arbitrarju għall-vjaġġi multimodali ta' 300 km. Din l-emenda tipprova tipproponi mod alternattiv ta' kejl tal-multimodalità bil-proporzjon tal-vjaġġ fit-triq mad-distanza ġenerali totali. Din l-emenda tipprova wkoll toħloq bilanċ bejn id-dispożizzjonijiet dwar is-settur marittimu billi l-Kummissjoni tissuġġerixxi li jiġi kkunsidrat it-trasport kollu bil-baħar fuq distanzi qosra kombinat ma' vjaġġi multimodali u fit-toroq tkun xi tkun id-distanza.*

**Emenda 276**
**Philippe De Backer**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 11 – paragrafu 1 – it-tieni parti

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Minħabba dan l-Artikolu u l-punt 2.2.2 c) tal-Anness I, l-operazzjoni tat-trasport intermodali tuża, tal-inqas, il-ferrovija, it-trasport bix-xmara jew it-trasport marittimu. Tkun tikkonsisti wkoll minn parti li tinvolvi t-triq fil-bidu ***jew*** lejn it-tmiem tal-vjaġġ tagħha. ***Kull parti li tinvolvi t-triq ma tistax tkopri aktar minn 300 km tat-territorju tal-Unjoni Ewropea, jew sal-eqreb terminali li bejniethom ikun hemm servizz regolari.*** Operazzjoni tat-trasport titqies ukoll bħala trasport | Minħabba dan l-Artikolu u l-punt 2.2.2 ***(***c) tal-Anness I, l-operazzjoni tat-trasport intermodali tuża, tal-inqas, il-ferrovija, it-trasport bix-xmara jew it-trasport marittimu. Tkun tikkonsisti wkoll minn parti li tinvolvi t-triq fil-bidu ***u/jew*** lejn it-tmiem tal-vjaġġ tagħha. Operazzjoni tat-trasport titqies ukoll bħala trasport intermodali jekk tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa, ikun xi jkun it-tul tal-vjaġġi fit-triq inizjali u dawk |

| | |
|---|---|
| intermodali jekk tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa, ikun xi jkun it-tul tal-vjaġġi fit-triq inizjali u dawk finali. ***Il-vjaġġ inizjali u l-vjaġġ finali fit-triq f'operazzjoni li tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa, jibdew mill-punt tat-tagħbija tal-merkanzija sal-eqreb port marittimu xieraq għall-vjaġġ inizjali u/jew f'dak il-każ bejn l-eqreb port marittimu xieraq u l-punt ta' żbark tal-merkanzija għall-vjaġġ finali.*** | finali. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Limitu ta' 300 km jidher pjuttost arbitrarju. Għadd ta' operazzjonijiet u benefiċċji intermodali eżistenti ma jkunux possibbli b'limitu fuq il-vjaġġ tat-triq ta' 300 km. Ir-referenza għall-"eqreb port marittimu xieraq" hija pjuttost vaga. L-għażla ta' port wieħed tiddependi minn fatturi differenti u għaldaqstant għandha ssir abbażi ta' każ b'każ.*

**Emenda 277**
**Phil Bennion**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 11 – paragrafu 1 – it-tieni parti

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Minħabba dan l-Artikolu u l-punt 2.2.2 c) tal-Anness I, l-operazzjoni tat-trasport intermodali tuża, tal-inqas, il-ferrovija, it-trasport bix-xmara jew it-trasport marittimu. Tkun tikkonsisti wkoll minn parti li tinvolvi t-triq fil-bidu ***jew*** lejn it-tmiem tal-vjaġġ tagħha. Kull parti li tinvolvi t-triq ma tistax tkopri aktar minn 300 km tat-territorju tal-Unjoni Ewropea, jew sal-eqreb terminali li bejniethom ikun hemm servizz regolari. Operazzjoni tat-trasport titqies ukoll bħala trasport intermodali jekk tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa, ikun xi jkun it-tul tal-vjaġġi fit-triq inizjali u dawk finali. Il-vjaġġ inizjali u l-vjaġġ finali fit-triq f'operazzjoni li tuża t-trasport | Minħabba dan l-Artikolu u l-punt 2.2.2 ***(***c) tal-Anness I, l-operazzjoni tat-trasport intermodali tuża, tal-inqas, il-ferrovija, it-trasport bix-xmara jew it-trasport marittimu. Tkun tikkonsisti wkoll minn parti li tinvolvi t-triq fil-bidu ***u/jew*** lejn it-tmiem tal-vjaġġ tagħha. Kull parti li tinvolvi t-triq ma tistax tkopri aktar minn 300 km tat-territorju tal-Unjoni Ewropea, jew sal-eqreb terminali li bejniethom ikun hemm servizz regolari. Operazzjoni tat-trasport titqies ukoll bħala trasport intermodali jekk tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa, ikun xi jkun it-tul tal-vjaġġi fit-triq inizjali u dawk finali***, biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn l-Istati Membri***. Il-vjaġġ inizjali |

| | |
|---|---|
| marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa, jibdew mill-punt tat-tagħbija tal-merkanzija sal-eqreb port marittimu xieraq għall-vjaġġ inizjali u/jew f'dak il-każ bejn l-eqreb port marittimu xieraq u l-punt ta' żbark tal-merkanzija għall-vjaġġ finali. | u l-vjaġġ finali fit-triq f'operazzjoni li tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa, jibdew mill-punt tat-tagħbija tal-merkanzija sal-eqreb port marittimu xieraq għall-vjaġġ inizjali u/jew f'dak il-każ bejn l-eqreb port marittimu xieraq u l-punt ta' żbark tal-merkanzija għall-vjaġġ finali. |

Or. en

**Emenda 278**
**Georgios Koumoutsakos**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 11 – paragrafu 1 – it-tieni parti

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Minħabba dan l-Artikolu u l-punt 2.2.2 c) tal-Anness I, l-operazzjoni tat-trasport intermodali tuża, tal-inqas, il-ferrovija, it-trasport bix-xmara jew it-trasport marittimu. Tkun tikkonsisti wkoll minn parti li tinvolvi t-triq fil-bidu ***jew*** lejn it-tmiem tal-vjaġġ tagħha. ***Kull parti li tinvolvi t-triq ma tistax tkopri aktar minn 300 km tat-territorju tal-Unjoni Ewropea, jew sal-eqreb terminali li bejniethom ikun hemm servizz regolari.*** Operazzjoni tat-trasport titqies ukoll bħala trasport intermodali jekk tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira ***fl-Ewropa, ikun xi jkun it-tul tal-vjaġġi fit-triq inizjali u dawk finali. Il-vjaġġ inizjali u l-vjaġġ finali fit-triq f'operazzjoni li tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa, jibdew mill-punt tat-tagħbija tal-merkanzija sal-eqreb port marittimu xieraq għall-vjaġġ inizjali u/jew f'dak il-każ bejn l-eqreb port marittimu xieraq u l-punt ta' żbark tal-merkanzija għall-vjaġġ finali.*** | Minħabba dan l-Artikolu u l-punt 2.2.2 ***(***c) tal-Anness I, l-operazzjoni tat-trasport intermodali tuża, tal-inqas, il-ferrovija, it-trasport bix-xmara jew it-trasport marittimu. Tkun tikkonsisti wkoll minn parti li tinvolvi t-triq fil-bidu ***u/jew*** lejn it-tmiem tal-vjaġġ tagħha. Operazzjoni tat-trasport titqies ukoll bħala trasport intermodali jekk tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira***.*** |

Or. en

**Emenda 279**
**Jacqueline Foster**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***11) [...]*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ma hemm l-ebda evidenza fil-Valutazzjoni tal-Impatt tagħhom li l-kost tal-implimentazzjoni ta' dan l-infurzar huwa ġustifikat mill-benefiċċji u jista' jinvolvi kostijiet sinifikanti.*

**Emenda 280**
**Peter van Dalen**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri jistabbilixxu sistema ta' preselezzjoni u ta' kontroll li għandha fil-mira l-vetturi jew il-kombinazzjoni ta' vetturi fiċ-ċirkolazzjoni, sabiex jassiguraw ir-rispett tal-obbligi ta' din id-Direttiva. | L-Istati Membri jistabbilixxu sistema ta' preselezzjoni u ta' kontroll li għandha fil-mira l-vetturi jew il-kombinazzjoni ta' vetturi fiċ-ċirkolazzjoni, ***mingħajr diskriminazzjoni abbażi taċ-ċittadinanza tax-xufiera jew l-imprendituri tat-trasport,*** sabiex jassiguraw ir-rispett tal-obbligi ta' din id-Direttiva. |

Or. nl

**Emenda 281**
**Eva Lichtenberger, Michael Cramer**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri jistabbilixxu sistema ta' preselezzjoni ***u ta' kontroll*** li għandha fil-mira ***l-vetturi*** jew il-kombinazzjoni ta' | L-Istati Membri jistabbilixxu sistema ta' preselezzjoni***,*** li għandha fil-mira ***u twettaq kontrolli fuq il-vetturi*** jew il- |

| | |
|---|---|
| vetturi fiċ-ċirkolazzjoni, sabiex jassiguraw ir-rispett tal-obbligi ta' din id-Direttiva. | kombinazzjoni ta' vetturi fiċ-ċirkolazzjoni, sabiex jassiguraw ir-rispett tal-obbligi ta' din id-Direttiva. |

Or. en

**Emenda 282**
**Phil Bennion**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri jistabbilixxu sistema ta' preselezzjoni u ta' kontroll li għandha fil-mira l-vetturi jew il-kombinazzjoni ta' vetturi fiċ-ċirkolazzjoni, sabiex jassiguraw ir-rispett tal-obbligi ta' din id-Direttiva. | L-Istati Membri jistabbilixxu sistema ta' ***klassifikazzjoni tar-riskji għal*** preselezzjoni u ta' kontroll li għandha fil-mira l-vetturi jew il-kombinazzjoni ta' vetturi fiċ-ċirkolazzjoni, sabiex jassiguraw ir-rispett tal-obbligi***, b'mod partikolari l-obbligi stabbiliti skont l-Artikolu 4a (ġdid),*** ta' din id-Direttiva. |

Or. en

**Emenda 283**
**Patricia van der Kammen**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri jistabbilixxu sistema ta' preselezzjoni u ta' kontroll li għandha fil-mira l-vetturi jew il-kombinazzjoni ta' vetturi fiċ-ċirkolazzjoni, sabiex jassiguraw ir-rispett tal-obbligi ta' din id-Direttiva. | L-Istati Membri ***jistgħu*** jistabbilixxu sistema ta' preselezzjoni u ta' kontroll li għandha fil-mira l-vetturi jew il-kombinazzjoni ta' vetturi fiċ-ċirkolazzjoni, sabiex jassiguraw ir-rispett tal-obbligi ta' din id-Direttiva. |

Or. nl

**Emenda 284**
**Peter van Dalen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Fuq talba ta' Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tinvestiga jekk Stat Membru jikkonformax mar-rekwiżit ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni taħt il-paragrafu 1. Jekk l-investigazzjoni tiżvela li l-Istat Membru mhux jikkonforma ma' dan ir-rekwiżit, il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa kontra l-Istat Membru kkonċernat.*** |

Or. nl

**Emenda 285**
**Patricia van der Kammen**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Wara li tgħaddi l-iskadenza ta' sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jagħmlu miżuri ta' piż fuq il-vetturi jew fuq il-kombinazzjoni ta' vetturi fiċ-ċirkolazzjoni. Dawn il-miżuri ta' preselezzjoni għandhom l-għan li jidentifikaw il-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' ksur u li għandhom jiġu kkontrollati manwalment. Dawn jistgħu jsiru bl-għajnuna ta' sistemi awtomatiċi mqiegħda fuq l-infrastrutturi, jew ta' sistemi abbord il-vetturi skont il-paragrafu 6 ta' hawn taħt. Is-sistemi awtomatiċi għandhom jippermettu l-identifikazzjoni tal-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' eċċess fil-piż massimu awtorizzat. Peress li dawn is-sistemi awtomatiċi għandhom jintużaw biss għal skopijiet ta' preselezzjoni, u mhux jiddefinixxu reat, m'għandhomx jiġu*** | ***imħassar*** |

***ċċertifikati mill-Istati Membri.***

Or. nl

**Emenda 286**
**Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Wara li tgħaddi l-iskadenza ta' sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jagħmlu miżuri ta' piż fuq il-vetturi jew fuq il-kombinazzjoni ta' vetturi fiċ-ċirkolazzjoni. Dawn il-miżuri ta' preselezzjoni għandhom l-għan li jidentifikaw il-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' ksur u li għandhom jiġu kkontrollati manwalment. Dawn jistgħu jsiru bl-għajnuna ta' sistemi awtomatiċi mqiegħda fuq l-infrastrutturi, jew ta' sistemi abbord il-vetturi skont il-paragrafu 6 ta' hawn taħt. Is-sistemi awtomatiċi għandhom jippermettu l-identifikazzjoni tal-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' eċċess fil-piż massimu awtorizzat. ***Peress li dawn is-sistemi awtomatiċi għandhom jintużaw biss*** għal ***skopijiet*** ta' preselezzjoni, ***u mhux jiddefinixxu reat, m'għandhomx*** jiġu ***ċċertifikati mill-Istati Membri***. | Wara li tgħaddi l-iskadenza ta' sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jagħmlu miżuri ta' piż fuq il-vetturi jew fuq il-kombinazzjoni ta' vetturi fiċ-ċirkolazzjoni. Dawn il-miżuri ta' preselezzjoni għandhom l-għan li jidentifikaw il-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' ksur u li għandhom jiġu kkontrollati manwalment. Dawn jistgħu jsiru bl-għajnuna ta' sistemi awtomatiċi mqiegħda fuq l-infrastrutturi, jew ta' sistemi abbord il-vetturi skont il-paragrafu 6 ta' hawn taħt. Is-sistemi awtomatiċi għandhom jippermettu l-identifikazzjoni tal-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' eċċess fil-piż massimu awtorizzat. ***Meta tinkiseb ċertifikazzjoni korretta*** għal ***sistemi*** ta' preselezzjoni, ***dawn is-sistemi jistgħu jintużaw biex*** jiġu ***applikati penali awtomatiċi meta jiġu skoperti reati***. |

Or. pl

*Ġustifikazzjoni*

*Ma jidhirx raġonevoli li l-użu tas-sistemi awtomatiċi jiġi ristrett biss għal preselezzjoni meta, sakemm jiġu applikati l-piżijiet stazzjonarji ċċertifikati, is-sistemi jkunu jistgħu jintużaw ukoll biex jimponu penali awtomatiċi meta jiġi skopert reat.*

**Emenda 287**
**Anne E. Jensen**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**

Direttiva 96/53/KE

Artikolu 12 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Wara li tgħaddi l-iskadenza ta' sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jagħmlu miżuri ta' piż fuq il-vetturi jew fuq il-kombinazzjoni ta' vetturi fiċ-ċirkolazzjoni. Dawn il-miżuri ta' preselezzjoni għandhom l-għan li jidentifikaw il-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' ksur u li għandhom jiġu kkontrollati manwalment. Dawn ***jistgħu jsiru*** bl-għajnuna ta' sistemi awtomatiċi mqiegħda fuq l-infrastrutturi, ***jew ta'*** sistemi abbord il-vetturi skont il-paragrafu 6 ta' hawn taħt. Is-sistemi awtomatiċi għandhom jippermettu l-identifikazzjoni tal-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' eċċess fil-piż massimu awtorizzat. Iċ-ċertifikazzjoni ta' dawn is-sistemi awtomatiċi min-naħa tal-Istati Membri, li ma jkunux intużaw ħlief għal preselezzjoni u mhux biex jikkaratterizzaw il-ksur, mhijiex obbligatorja. | Wara li tgħaddi l-iskadenza ta' sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jagħmlu miżuri ta' piż fuq il-vetturi jew fuq il-kombinazzjoni ta' vetturi fiċ-ċirkolazzjoni. Dawn il-miżuri ta' preselezzjoni għandhom l-għan li jidentifikaw il-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' ksur u li għandhom jiġu kkontrollati manwalment. Dawn ***għandhom primarjament isiru*** bl-għajnuna ta' sistemi awtomatiċi mqiegħda fuq l-infrastrutturi, ***issupplimentati b'***sistemi abbord il-vetturi skont il-paragrafu 6 ta' hawn taħt. Is-sistemi awtomatiċi għandhom jippermettu l-identifikazzjoni tal-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' eċċess fil-piż massimu awtorizzat. Iċ-ċertifikazzjoni ta' dawn is-sistemi awtomatiċi min-naħa tal-Istati Membri, li ma jkunux intużaw ħlief għal preselezzjoni u mhux biex jikkaratterizzaw il-ksur, mhijiex obbligatorja. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-preselezzjoni għandha prinċipalment issir b'tagħmir li jiġi mmaniġġjat mill-awtorità kompetenti biex jiġi żgurat l-aqwa livell ta' preċiżjoni possibbli u jiġi evitat it-tbagħbis.*

**Emenda 288**
**Saïd El Khadraoui, Brian Simpson**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Wara li tgħaddi l-iskadenza ta' sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jagħmlu miżuri ta' piż fuq il-vetturi jew fuq il- | Wara li tgħaddi l-iskadenza ta' sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jagħmlu miżuri ta' piż fuq il-vetturi jew fuq il- |

| | |
|---|---|
| kombinazzjoni ta' vetturi fiċ-ċirkolazzjoni. Dawn il-miżuri ta' preselezzjoni għandhom l-għan li jidentifikaw il-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' ksur u li għandhom jiġu kkontrollati manwalment. Dawn jistgħu jsiru bl-għajnuna ta' sistemi awtomatiċi mqiegħda fuq l-infrastrutturi, jew ta' sistemi abbord il-vetturi skont il-paragrafu 6 ta' hawn taħt. Is-sistemi awtomatiċi għandhom jippermettu l-identifikazzjoni tal-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' eċċess fil-piż massimu awtorizzat. ***Iċ-ċertifikazzjoni ta' dawn is-sistemi awtomatiċi min-naħa tal-Istati Membri, li ma jkunux intużaw ħlief għal preselezzjoni u mhux biex jikkaratterizzaw il-ksur, mhijiex obbligatorja.*** | kombinazzjoni ta' vetturi fiċ-ċirkolazzjoni. Dawn il-miżuri ta' preselezzjoni għandhom l-għan li jidentifikaw il-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' ksur u li għandhom jiġu kkontrollati manwalment. Dawn jistgħu jsiru bl-għajnuna ta' sistemi awtomatiċi mqiegħda fuq l-infrastrutturi, jew ta' sistemi abbord il-vetturi skont il-paragrafu 6 ta' hawn taħt. Is-sistemi awtomatiċi għandhom jippermettu l-identifikazzjoni tal-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' eċċess fil-piż massimu awtorizzat. |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tippreżenta proċeduri u speċifikazzjonijiet komuni sabiex is-senser tal-piż abbord il-vetturi jsir tagħmir affidabbli, adatt għall-infurzar tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll jekk is-senser tal-piż, meta interkonness mat-takografu diġitali, jistax ikun utli għall-infurzar ta' leġiżlazzjoni oħra dwar it-trasport tat-triq. Jekk ikun xieraq, il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-proposti leġiżlattivi meħtieġa.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*It-tagħbija żejda tikkostitwixxi problema sinifikanti fis-settur tat-trasport tat-triq u twassal għal impatti negattivi fuq is-sikurezza, l-infrastruttura, l-ambjent u l-kompetizzjoni. Sabiex jiġi indirizzat b'mod effettiv il-ksur relatat mat-tagħbija żejda, is-senser tal-piż abbord il-vetturi jista' jikkostitwixxi għodda tal-infurzar. Waqt li jiġi kkunsidrat il-progress teknoloġiku fis-settur, jidher li fil-futur qarib l-interkonnessjoni tat-takografu diġitali u s-senser tal-piż abbord il-vetturi tista' sseħħ.*

**Emenda 289**
**Peter van Dalen**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**

Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Wara li tgħaddi l-iskadenza ta' sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jagħmlu miżuri ta' piż fuq il-vetturi jew fuq il-kombinazzjoni ta' vetturi fiċ-ċirkolazzjoni. Dawn il-miżuri ta' preselezzjoni għandhom l-għan li jidentifikaw il-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' ksur u li għandhom jiġu kkontrollati manwalment. Dawn ***jistgħu jsiru*** bl-għajnuna ta' sistemi awtomatiċi mqiegħda fuq l-infrastrutturi***, jew ta' sistemi abbord il-vetturi skont il-paragrafu 6 ta' hawn taħt***. Is-sistemi awtomatiċi għandhom jippermettu l-identifikazzjoni tal-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' eċċess fil-piż massimu awtorizzat. Peress li dawn is-sistemi awtomatiċi għandhom jintużaw biss għal skopijiet ta' preselezzjoni, u mhux jiddefinixxu reat, m'għandhomx jiġu ċċertifikati mill-Istati Membri. | Wara li tgħaddi l-iskadenza ta' sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jagħmlu miżuri ta' piż fuq il-vetturi jew fuq il-kombinazzjoni ta' vetturi fiċ-ċirkolazzjoni. Dawn il-miżuri ta' preselezzjoni għandhom l-għan li jidentifikaw il-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' ksur u li għandhom jiġu kkontrollati manwalment. Dawn ***għandhom isiru*** bl-għajnuna ta' sistemi awtomatiċi mqiegħda fuq l-infrastrutturi. Is-sistemi awtomatiċi għandhom jippermettu l-identifikazzjoni tal-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' eċċess fil-piż massimu awtorizzat. Peress li dawn is-sistemi awtomatiċi għandhom jintużaw biss għal skopijiet ta' preselezzjoni, u mhux jiddefinixxu reat, m'għandhomx jiġu ċċertifikati mill-Istati Membri. |

Or. nl

**Emenda 290**
**Phil Bennion**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Wara li tgħaddi l-iskadenza ta' sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jagħmlu miżuri ta' piż fuq il-vetturi jew fuq il-kombinazzjoni ta' vetturi fiċ-ċirkolazzjoni. Dawn il-miżuri ta' preselezzjoni għandhom l-għan li jidentifikaw il-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' ksur u li għandhom jiġu kkontrollati manwalment. Dawn jistgħu jsiru bl-għajnuna ta' sistemi awtomatiċi | Wara li tgħaddi l-iskadenza ta' sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jagħmlu miżuri ta' piż fuq il-vetturi jew fuq il-kombinazzjoni ta' vetturi fiċ-ċirkolazzjoni. Dawn ***Dawn*** il-miżuri ta' preselezzjoni ***bbażati fuq sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskji*** għandhom l-għan li ***jżidu l-effiċjenza tal-verifiki u*** jidentifikaw il-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' ksur u |

mqiegħda fuq l-infrastrutturi, jew ta' sistemi abbord il-vetturi skont il-paragrafu 6 ta' hawn taħt. Is-sistemi awtomatiċi għandhom jippermettu l-identifikazzjoni tal-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' eċċess fil-piż massimu awtorizzat. Iċ-ċertifikazzjoni ta' dawn is-sistemi awtomatiċi min-naħa tal-Istati Membri, li ma jkunux intużaw ħlief għal preselezzjoni u mhux biex jikkaratterizzaw il-ksur, mhijiex obbligatorja.

li għandhom jiġu kkontrollati manwalment. Dawn jistgħu jsiru bl-għajnuna ta' sistemi awtomatiċi mqiegħda fuq l-infrastrutturi, ***bħar-Rikonoxximent Awtomatiku tal-Pjanċa tan-Numru ta' Reġistrazzjoni kombinat ma' teknoloġija ta' piż li jiċċaqlaq,*** jew ta' sistemi abbord il-vetturi skont il-paragrafu 6 ta' hawn taħt. Is-sistemi awtomatiċi għandhom jippermettu l-identifikazzjoni tal-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' eċċess fil-piż massimu awtorizzat. Iċ-ċertifikazzjoni ta' dawn is-sistemi awtomatiċi min-naħa tal-Istati Membri, li ma jkunux intużaw ħlief għal preselezzjoni u mhux biex jikkaratterizzaw il-ksur, mhijiex obbligatorja.

Or. en

**Emenda 291**
**Artur Zasada**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Wara li tgħaddi l-iskadenza ta' sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jagħmlu miżuri ta' piż fuq il-vetturi jew fuq il-kombinazzjoni ta' vetturi fiċ-ċirkolazzjoni. Dawn il-miżuri ta' preselezzjoni għandhom l-għan li jidentifikaw il-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' ksur u li għandhom jiġu kkontrollati manwalment. Dawn jistgħu jsiru bl-għajnuna ta' sistemi awtomatiċi mqiegħda fuq l-infrastrutturi, jew ta' sistemi abbord il-vetturi skont il-paragrafu 6 ta' hawn taħt. Is-sistemi awtomatiċi għandhom jippermettu l-identifikazzjoni tal-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' eċċess fil-piż massimu awtorizzat. ***Peress li dawn is-sistemi awtomatiċi għandhom jintużaw biss għal skopijiet ta' preselezzjoni, u mhux jiddefinixxu reat, m'għandhomx jiġu*** | Wara li tgħaddi l-iskadenza ta' sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jagħmlu miżuri ta' piż fuq il-vetturi jew fuq il-kombinazzjoni ta' vetturi fiċ-ċirkolazzjoni. Dawn il-miżuri ta' preselezzjoni għandhom l-għan li jidentifikaw il-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' ksur u li għandhom jiġu kkontrollati manwalment. Dawn jistgħu jsiru bl-għajnuna ta' sistemi awtomatiċi mqiegħda fuq l-infrastrutturi, jew ta' sistemi abbord il-vetturi skont il-paragrafu 6 ta' hawn taħt. Is-sistemi awtomatiċi għandhom jippermettu l-identifikazzjoni tal-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' eċċess fil-piż massimu awtorizzat. |

***ċċertifikati mill-Istati Membri.***

Or. pl

**Emenda 292**
**Silvia-Adriana Ţicău**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Wara li tgħaddi l-iskadenza ta' sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jagħmlu miżuri ta' piż fuq il-vetturi jew fuq il-kombinazzjoni ta' vetturi fiċ-ċirkolazzjoni. Dawn il-miżuri ta' preselezzjoni għandhom l-għan li jidentifikaw il-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' ksur u li għandhom jiġu kkontrollati manwalment. Dawn ***jistgħu jsiru*** bl-għajnuna ta' sistemi awtomatiċi mqiegħda fuq l-infrastrutturi, jew ta' sistemi abbord il-vetturi skont ***il-paragrafu 6*** ta' hawn taħt. Is-sistemi awtomatiċi għandhom jippermettu l-identifikazzjoni tal-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' eċċess fil-piż massimu awtorizzat. ***Iċ-ċertifikazzjoni ta' dawn is-sistemi awtomatiċi min-naħa tal-Istati Membri, li ma jkunux intużaw ħlief għal preselezzjoni u mhux biex jikkaratterizzaw il-ksur, mhijiex obbligatorja.*** | Wara li tgħaddi l-iskadenza ta' sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jagħmlu miżuri ta' piż fuq il-vetturi jew fuq il-kombinazzjoni ta' vetturi fiċ-ċirkolazzjoni. Dawn il-miżuri ta' preselezzjoni għandhom l-għan li jidentifikaw il-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' ksur u li għandhom jiġu kkontrollati manwalment. Dawn ***għandhom isiru*** bl-għajnuna ta' sistemi awtomatiċi mqiegħda fuq l-infrastrutturi, jew ta' sistemi abbord il-vetturi***, bħat-takografiji intelliġenti,*** skont ***ir-Regolament UE 2014/... (ir-Regolament dwar apparat*** ta' ***reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq) u l-paragrafu 6 ta'*** hawn taħt. Is-sistemi awtomatiċi għandhom jippermettu l-identifikazzjoni tal-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' eċċess fil-piż massimu awtorizzat. |

Or. ro

**Emenda 293**
**Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri jipproċedu għal għadd ta' | L-Istati Membri***, filwaqt li jqisu l-mezzi u*** |

| | |
|---|---|
| miżuri ta' preselezzjoni ***li jirrappreżentaw tal-anqas piż għal 2000 vettura-kilometru*** f'***medja annwali***. | ***r-riżorsi disponibbli, għandhom*** jipproċedu għal għadd ***xieraq*** ta' miżuri ta' preselezzjoni f'***kull sena kalendarja***. |

Or. pl

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rekwiżit li jitteħdu numru ta' miżuri ta' preselezzjoni ekwivalenti għal mill-inqas piż wieħed għal kull 2 000 vettura fis-sena bħala medja, li, skont l-informazzjoni provduta mill-Kummissjoni, tippermetti li kull vettura tiġi spezzjonata bħala medja kull tlett ijiem, ma jidhirx li hija soluzzjoni xierqa b'rabta mar-riżultati antiċipati.*

**Emenda 294**
**Anne E. Jensen**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri jipproċedu għal għadd ta' miżuri ta' preselezzjoni li ***jirrappreżentaw tal-anqas piż għal 2000 vettura-kilometru f'medja annwali***. | L-Istati Membri jipproċedu għal għadd ta' miżuri ta' preselezzjoni li ***għandhom ikunu proporzjonali mal-għadd totali ta' dawn il-vetturi rreġistrati u/jew li joperaw fit-territorju tagħhom***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri għandhom jitħallew jiddeċiedu l-għadd ta' vetturi li għandhom jintgħażlu minn qabel għall-kontrolli billi jikkunsidraw l-għadd ta' dawn il-vetturi rreġistrati u/jew li joperaw fit-territorju tagħhom.*

**Emenda 295**
**Markus Ferber**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri jipproċedu għal għadd ta' miżuri ta' preselezzjoni li jirrappreżentaw tal-anqas ***piż għal 2000 vettura-kilometru*** | L-Istati Membri jipproċedu għal għadd ta' miżuri ta' preselezzjoni li jirrappreżentaw tal-anqas ***[ ] % tal-prestazzjoni tat-traffiku*** |

| | |
|---|---|
| *f'medja annwali.* | ***li tkun saret fit-territorju tagħhom permezz tal-vetturi msemmija fl-Artikolu 2 (tkm jew Pkm). Il-vetturi li mhumiex irreġistrati fit-territorju tagħhom għandhom ikunu inklużi fil-kwota ta' spezzjonijiet b'mod proporzjonat għall-kontribut tagħhom għall-volum ta' traffiku totali.*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kejl ta' preselezzjoni għandu jkun adattat għad-densità ta' kontroll emendata tal-ispezzjoni teknika fit-triq.*

**Emenda 296**
**Patricia van der Kammen**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri ***jipproċedu għal għadd*** ta' ***miżuri*** ta' ***preselezzjoni li jirrappreżentaw tal-anqas piż għal 2000 vettura-kilometru f'medja annwali***. | L-Istati Membri ***għandhom jiddeċiedu kemm iwettqu verifiki. Medja*** ta' ***piż għal 2 000 vettura-kilometru fis-sena tista' tkun indikatur konvenjenti għal numru xieraq*** ta' ***kejl***. |

Or. nl

**Emenda 297**
**Artur Zasada**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri jipproċedu għal għadd ta' miżuri ta' preselezzjoni li jirrappreżentaw tal-anqas piż għal ***2000*** vettura-kilometru f'medja annwali. | L-Istati Membri jipproċedu għal għadd ta' miżuri ta' preselezzjoni li jirrappreżentaw tal-anqas piż għal ***4 000*** vettura-kilometru f'medja annwali. |

Or. pl

**Emenda 298**
**Phil Bennion**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri jaraw li l-awtoritajiet kompetenti jiskambjaw l-informazzjoni neċessarja sabiex il-kontrolli jsiru aktar effikaċi fil-livell tal-Unjoni u sabiex dawn jiġu ffaċilitati, b'mod partikolari permezz tal-punt ta' kuntatt nazzjonali responsabbli għall-iskambju ta' informazzjoni mal-Istati Membri l-oħrajn. Din l-informazzjoni neċessarja tinkludi, b'mod partikolari, l-identifikazzjoni ta' min iwettaq il-ksur, id-deskrizzjoni tal-ksur imwettaq u s-sanzjonijiet applikati flimkien mal-istat ta' rispettabbiltà tal-intrapriża kkonċernata. Il-punt ta' kuntatt huwa magħżul skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament 1071/2009/KE. | L-Istati Membri jaraw li l-awtoritajiet kompetenti***, permezz ta' punt ta' kuntatt uniku,*** jiskambjaw l-informazzjoni neċessarja sabiex il-kontrolli jsiru aktar effikaċi fil-livell tal-Unjoni u sabiex dawn jiġu ffaċilitati, b'mod partikolari permezz tal-punt ta' kuntatt nazzjonali responsabbli għall-iskambju ta' informazzjoni mal-Istati Membri l-oħrajn. Din l-informazzjoni neċessarja tinkludi, b'mod partikolari, l-identifikazzjoni ta' min iwettaq il-ksur, id-deskrizzjoni tal-ksur imwettaq u s-sanzjonijiet applikati flimkien mal-istat ta' rispettabbiltà tal-intrapriża kkonċernata. Il-punt ta' kuntatt huwa magħżul skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament 1071/2009/KE. |

Or. en

**Emenda 299**
**Patricia van der Kammen**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' eċċess fil-piż wara li tkun twettqet il-preselezzjoni skont il-paragrafu 2, huma s-suġġett ta' miżura waħda jew aktar minn fost dawn li ġejjin:*** | ***imħassar*** |
| ***(i) kontroll fit-triq permezz ta' tagħmir ta' kejl approvat wara l-interċettazzjoni tal-vettura,*** | |

| | |
|---|---|
| ***(ii) notifika li tintbagħat lill-intrapriża tat-trasport bl-informazzjoni li tikkonċerna s-suspett fil-konfront tal-eċċess fil-piż tal-vettura,*** | |
| ***kontroll tal-intrapriża tat-trasport fil-postijiet tagħha, b'mod partikolari f'każ ta' reċividità wara li tintbagħat l-informazzjoni msemmija f'(ii).*** | |

Or. nl

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa kompitu tal-Istati Membri li jorganizzaw l-infurzar u l-penali.*

**Emenda 300**
**Markus Ferber**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 5 – punt i

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| kontroll fit-triq permezz ta' tagħmir ta' kejl approvat wara l-interċettazzjoni tal-vettura, | kontroll ***manwali*** fit-triq permezz ta' tagħmir ta' kejl approvat wara l-interċettazzjoni tal-vettura, |

Or. de

**Emenda 301**
**Anne E. Jensen**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 5 – punt i

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| kontroll fit-triq permezz ta' tagħmir ta' kejl approvat wara l-interċettazzjoni tal-vettura, | kontroll fit-triq permezz ta' tagħmir ta' kejl approvat wara l-interċettazzjoni tal-vettura, ***sabiex tinħareġ sanzjoni jekk applikabbli*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kontrolli u s-sanzjonar qatt ma għandhom jiġu awtomizzati iżda għandhom jiżguraw il-kuntatt bejn l-awtoritajiet u s-sewwieq/trasportatur. Għaldaqstant huwa speċifikat meta sanzjoni tista' tiġi applikata u meta n-notifika tista' tkun biss għal informazzjoni. Barra minn hekk, ma jkun hemm l-ebda ħtieġa għal kontroll fuq il-post meta l-piż żejjed fit-triq ikun relatat.*

**Emenda 302**
**Oldřich Vlasák**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 5 – punt ii

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***notifika li tintbagħat lill-intrapriża tat-trasport bl-informazzjoni li tikkonċerna s-suspett fil-konfront tal-eċċess fil-piż tal-vettura,*** | ***imħassar*** |

Or. cs

*Ġustifikazzjoni*

*Din id-dispożizzjoni tidher li hi mingħajr bażi. Sempliċi suspett li mhux sostnut minn spezzjoni fit-triq jista' jkun insuffiċjenti biex jittieħdu passi ulterjuri kontra l-intrapriża tat-trasport.*

**Emenda 303**
**Anne E. Jensen**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 5 – punt ii

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| notifika li tintbagħat lill-intrapriża tat-trasport bl-informazzjoni li tikkonċerna s-suspett fil-konfront tal-eċċess fil-piż tal-vettura, | notifika li tintbagħat lill-intrapriża tat-trasport bl-informazzjoni li tikkonċerna s-suspett fil-konfront tal-eċċess fil-piż tal-vettura, ***għal finijiet ta' informazzjoni biss*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kontrolli u s-sanzjonar qatt ma għandhom jiġu awtomizzati iżda għandhom jiżguraw il-*

*kuntatt bejn l-awtoritajiet u s-sewwieq/trasportatur. Għaldaqstant huwa speċifikat meta sanzjoni tista' tiġi applikata u meta n-notifika tista' tkun biss għal informazzjoni. Barra minn hekk, ma jkun hemm l-ebda ħtieġa għal kontroll fuq il-post meta l-piż żejjed fit-triq ikun relatat.*

**Emenda 304**
**Oldřich Vlasák**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 5 – punt iii

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***kontroll tal-intrapriża tat-trasport fil-postijiet tagħha, b'mod partikolari f'każ ta' reċidività wara li tintbagħat l-informazzjoni msemmija f'(ii).*** | ***imħassar*** |

Or. cs

*Ġustifikazzjoni*

*Din id-dispożizzjoni tidher li hi mingħajr bażi. Sempliċi suspett li mhux sostnut minn spezzjoni fit-triq jista' jkun insuffiċjenti biex jittieħdu passi ulterjuri kontra l-intrapriża tat-trasport.*

**Emenda 305**
**Anne E. Jensen**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 5 – punt iii

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***kontroll tal-intrapriża tat-trasport fil-postijiet tagħha, b'mod partikolari f'każ ta' reċidività wara li tintbagħat l-informazzjoni msemmija f'(ii).*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kontrolli u s-sanzjonar qatt ma għandhom jiġu awtomizzati iżda għandhom jiżguraw il-kuntatt bejn l-awtoritajiet u s-sewwieq/trasportatur. Għaldaqstant huwa speċifikat meta sanzjoni tista' tiġi applikata u meta n-notifika tista' tkun biss għal informazzjoni. Barra minn hekk, ma jkun hemm l-ebda ħtieġa għal kontroll fuq il-post meta l-piż żejjed fit-triq ikun*

*relatat.*

**Emenda 306**
**Peter van Dalen**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-fatt li l-vetturi u l-kombinazzjoni ta' vetturi jiġu mgħammra b'tagħmir ta' ppeżar abbord (piż totali u piż għal kull fus) li jippermetti li f'kull mument ikunu jistgħu jiġu kkomunikati d-dettalji tal-ippeżar; mill-vettura li tkun qed tiċċirkola lejn l-awtorità li tkun qed twettaq il-kontrolli fit-triq jew li tkun responsabbli għar-regoli tat-trasport tal-merkanzija. Il-komunikazzjoni ssir permezz ta' interfaċċja ddefinita bl-istandards CEN DSRC EN 12253, EN 12795, EN 12834, EN 13372 u ISO 14906.*** | ***imħassar*** |

[13] ***DSRC: Dedicated Short Range Communications.***

Or. nl

**Emenda 307**
**Oldřich Vlasák**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri ***għandhom*** jinkoraġġixxu l-fatt li l-vetturi u l-kombinazzjoni ta' vetturi jiġu mgħammra b'tagħmir ta' ppeżar abbord (piż totali u piż għal kull fus) li jippermetti li f'kull mument ikunu jistgħu jiġu | Skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri ***jistgħu*** jinkoraġġixxu l-fatt li l-vetturi u l-kombinazzjoni ta' vetturi jiġu mgħammra b'tagħmir ta' ppeżar abbord (piż totali u piż għal kull fus) li jippermetti li f'kull mument ikunu jistgħu jiġu kkomunikati d- |

kkomunikati d-dettalji tal-ippeżar; mill-vettura li tkun qed tiċċirkola lejn l-awtorità li tkun qed twettaq il-kontrolli fit-triq jew li tkun responsabbli għar-regoli tat-trasport tal-merkanzija. Il-komunikazzjoni ssir permezz ta' interfaċċja ddefinita bl-istandards CEN DSRC[13] EN 12253, EN 12795, EN 12834, EN 13372 u ISO 14906.

[13] DSRC: Dedicated short Range Communications

dettalji tal-ippeżar; mill-vettura li tkun qed tiċċirkola lejn l-awtorità li tkun qed twettaq il-kontrolli fit-triq jew li tkun responsabbli għar-regoli tat-trasport tal-merkanzija. Il-komunikazzjoni ssir permezz ta' interfaċċja ddefinita bl-istandards CEN DSRC[13] EN 12253, EN 12795, EN 12834, EN 13372 u ISO 14906.

[13] DSRC: Dedicated short Range Communications

Or. cs

*Ġustifikazzjoni*

*Jekk Stat Membru jiddeċiedi li jagħżel sistema ta' preselezzjoni esklussivament ibbażata fuq l-infrastruttura, it-tagħmir installat fuq il-vetturi mhuwiex meħtieġ.*

**Emenda 308**
**Jörg Leichtfried**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Skont il-paragrafu 1, ***l-Istati Membri*** għandhom ***jinkoraġġixxu l-fatt li l-vetturi u l-kombinazzjoni ta' vetturi*** jiġu mgħammra b'***tagħmir*** ta' ppeżar abbord (piż totali u piż għal kull fus) li jippermetti li f'kull mument ikunu jistgħu jiġu kkomunikati d-dettalji tal-ippeżar***;*** mill-vettura li tkun qed tiċċirkola lejn l-awtorità li tkun qed twettaq il-kontrolli fit-triq jew li tkun responsabbli għar-regoli tat-trasport tal-merkanzija. Il-komunikazzjoni ssir permezz ta' interfaċċja ddefinita bl-istandards CEN DSRC[13] EN 12253, EN 12795, EN 12834, EN 13372 u ISO 14906. | Skont il-paragrafu 1, ***vetturi ġodda N2 u N3*** għandhom jiġu mgħammra b'***sistemi*** ta' ppeżar abbord (piż totali u piż għal kull fus) li jippermetti li f'kull mument ikunu jistgħu jiġu kkomunikati d-dettalji tal-ippeżar mill-vettura li tkun qed tiċċirkola lejn l-awtorità li tkun qed twettaq il-kontrolli fit-triq jew li tkun responsabbli għar-regoli tat-trasport tal-merkanzija. Il-komunikazzjoni ssir permezz ta' interfaċċja ddefinita bl-istandards CEN DSRC[13] EN 12253, EN 12795, EN 12834, EN 13372 u ISO 14906. ***L-informazzjoni għandha tkun aċċessibbli wkoll għas-sewwieq.*** |
| [13] DSRC: Dedicated ***short Range*** Communications | [13] DSRC: Dedicated ***Short-Range*** Communications |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Korrezzjoni għall-Emenda f'abbozz ta' rapport. "Sistemi" hija aktar newtrali mil-lat teknoloġiku minn "tagħmir".*

**Emenda 309**
**Corien Wortmann-Kool**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-fatt*** li l-vetturi u l-kombinazzjoni ta' vetturi jiġu mgħammra b'tagħmir ta' ppeżar abbord (piż totali u piż għal kull fus) li jippermetti li f'kull mument ikunu jistgħu jiġu kkomunikati d-dettalji tal-ippeżar***;*** mill-vettura li tkun qed tiċċirkola lejn l-awtorità li tkun qed twettaq il-kontrolli fit-triq jew li tkun responsabbli għar-regoli tat-trasport tal-merkanzija. ***Il-komunikazzjoni ssir permezz ta' interfaċċja ddefinita bl-istandards CEN DSRC[13] EN 12253, EN 12795, EN 12834, EN 13372 u ISO 14906.*** | ***Il-Kummissjoni għandha tagħmel eżaminazzjoni ulterjuri u tħejji rapport dwar il-possibbiltà*** li l-vetturi u l-kombinazzjoni ta' vetturi jiġu mgħammra b'tagħmir ta' ppeżar abbord (piż totali u piż għal kull fus) li jippermetti li f'kull mument ikunu jistgħu jiġu kkomunikati d-dettalji tal-ippeżar mill-vettura li tkun qed tiċċirkola lejn l-awtorità li tkun qed twettaq il-kontrolli fit-triq jew li tkun responsabbli għar-regoli tat-trasport tal-merkanzija. ***F'dan ir-rapport, il-Kummissjoni għandha b'mod partikolari tittratta l-kwistjonijiet li ġejjin:*** |
| | ***l-kundizzjonijiet għad-determinazzjoni tal-konformità legali u mhux legali*** |
| | ***t-tnaqqis tal-piż amministrattiv fuq it-trasportaturi*** |
| | ***-approssimazzjoni tal-proċeduri tal-infurzar u l-interoperabilità ta' tagħmir abbord ta' ppeżar. Dan għandu jinkludi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kumplimentari li jippermettu li tiġi żgurata l-interoperabilità sħiħa fil-livell tal-Unjoni tat-tagħmir abbord ta' ppeżar, sabiex l-awtoritajiet ta' kull Stat Membru jkunu jistgħu jikkomunikaw bl-istess mod mal-vetturi jew mal-kombinazzjoni ta' vetturi rreġistrati fi kwalunkwe Stat Membru u, f'dak il-każ, tiġi skambjata informazzjoni*** |

***li tkun waslet mal-awtoritajiet ta' Stati Membri oħrajn.***

***l-kundizzjonijiet għall-ksur f'każ ta' funzjonament ħażin.***

***agħmir interoperabbli għall-ispetturi biex jaqraw u jinterpretaw b'mod korrett l-informazzjoni kkomunikata mit-tagħmir.***

***ttestjar fuq il-post rigoruż tat-tagħmir.***

***Ir-rapport tal-Kummissjoni jista' jiġi akkumpanjat, jekk ikun xieraq, minn proposti dwar l-installazzjoni ta' sensers abbord ta' ppeżar fil-vetturi tqal tal-merkanzija ġodda.***

---

***[13] DSRC: Dedicated short Range Communications***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni għandha l-ewwel teżamina l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-installazzjoni ta' sensers abbord ta' ppeżar, jekk it-teknoloġija tkun preċiża u affidabbli u meta tiġi applikata mill-Istati Membri, billi dan jista' jwassal għal piż żejjed għat-trasportaturi. Jekk le, ikollhom l-effett oppost li jdewmu l-vetturi li jkunu konformi.*

**Emenda 310**
**Anne E. Jensen**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-fatt li l-vetturi u l-kombinazzjoni ta' vetturi jiġu mgħammra b'tagħmir ta' ppeżar abbord (piż totali u piż għal kull fus) li jippermetti li f'kull mument ikunu jistgħu jiġu kkomunikati d-dettalji tal-ippeżar***;*** mill-vettura li tkun qed tiċċirkola lejn l-awtorità li tkun qed twettaq il-kontrolli fit-triq jew li tkun responsabbli għar-regoli tat-trasport tal-merkanzija. Il- | Skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-fatt li l-vetturi u l-kombinazzjoni ta' vetturi jiġu mgħammra b'tagħmir ta' ppeżar abbord (piż totali u piż għal kull fus) li jippermetti li f'kull mument ikunu jistgħu jiġu kkomunikati d-dettalji tal-ippeżar mill-vettura li tkun qed tiċċirkola lejn l-awtorità li tkun qed twettaq il-kontrolli fit-triq jew li tkun responsabbli għar-regoli tat-trasport tal-merkanzija. ***It-*** |

| | |
|---|---|
| komunikazzjoni ssir permezz ta' interfaċċja ddefinita bl-istandards CEN DSRC[13] EN 12253, EN 12795, EN 12834, EN 13372 u ISO 14906. | ***tagħmir għandu jikkunsidra r-regoli nazzjonali għall-piżijiet applikabbli fit-territorju fejn id-dejta tkun qiegħda tiġi kkomunikata mill-vettura.*** Il-komunikazzjoni ssir permezz ta' interfaċċja ddefinita bl-istandards CEN DSRC[13] EN 12253, EN 12795, EN 12834, EN 13372 u ISO 14906. |
| [13] DSRC: Dedicated short Range Communications | [13] DSRC: Dedicated short Range Communications |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Is-sistema għandha tikkunsidra n-nuqqas ta' applikazzjoni uniformi fl-UE kollha ta' limiti massimi ta' piż awtorizzat.*

**Emenda 311**
**Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ddelegati, skont l-Artikolu 16 fir-rigward ta'*** | ***imħassar*** |
| ***l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kumplimentari li jippermettu li tiġi żgurata l-interoperabilità sħiħa fil-livell tal-Unjoni, it-tagħmir abbord ta' ppeżar imsemmi fil-paragrafu 6 hawn fuq, sabiex l-awtoritajiet ta' kull Stat Membru jkunu jistgħu jikkomunikaw bl-istess mod mal-vetturi u mal-kombinazzjoni ta' vetturi rreġistrati fl-Istat Membru kollha u f'dak il-każ, tiġi skambjata informazzjoni li tkun waslet mal-awtoritajiet ta' Stati Membri oħrajn.*** | |
| ***il-proċeduri ta' kontroll tal-preselezzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-*** | |

| | |
|---|---|
| ***mezzi materjali użati għall-kontrolli tal-preselezzjoni, ir-rekwiżiti tal-preċiżjoni u r-regoli tal-użu ta' dawn il-mezzi materjali. Dawn il-proċeduri, l-ispeċifikazzjonijiet u r-regoli tal-użu għandhom l-għan li jiżguraw li l-kontrolli jsiru bl-istess mod fl-Istati Membri kollha filwaqt li b'dan il-mod jiġi garantit trattament ugwali għat-trasportaturi kollha fit-territorju kollu tal-Unjoni.*** | |

Or. pl

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kamp ta' applikazzjoni attwali tal-atti delegati proposti fl-Artikolu 12 huwa wiesa' wisq. Il-Kummissjoni għandha d-dritt li tiddefinixxi, fost l-oħrajn, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi addizzjonali, proċeduri għall-kontrolli tal-preselezzjoni, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, ir-rekwiżiti tal-preċiżjoni u l-istruzzjonijiet għall-użu tat-tagħmir użat għal dawn il-verifiki ta' preselezzjoni. Fil-futur, dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jikkawżaw piżijiet finanzjarji fuq il-baġits tal-Istati Membri.*

**Emenda 312**
**Oldřich Vlasák**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti ddelegati, skont l-Artikolu 16, rigward:*** | ***imħassar*** |
| ***l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kumplimentari li jippermettu li tiġi żgurata l-interoperabilità sħiħa fil-livell tal-Unjoni, it-tagħmir abbord ta' ppeżar imsemmi fil-paragrafu 6 hawn fuq, sabiex l-awtoritajiet ta' kull Stat Membru jkunu jistgħu jikkomunikaw bl-istess mod mal-vetturi u mal-kombinazzjoni ta' vetturi rreġistrati fl-Istat Membru kollha u f'dak il-każ, tiġi skambjata informazzjoni li tkun waslet mal-awtoritajiet ta' Stati Membri oħrajn.*** | |

***il-proċeduri ta' kontroll tal-preselezzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-mezzi materjali użati għall-kontrolli tal-preselezzjoni, ir-rekwiżiti tal-preċiżjoni u r-regoli tal-użu ta' dawn il-mezzi materjali. Dawn il-proċeduri, l-ispeċifikazzjonijiet u r-regoli tal-użu għandhom l-għan li jiżguraw li l-kontrolli jsiru bl-istess mod fl-Istati Membri kollha filwaqt li b'dan il-mod jiġi garantit trattament ugwali għat-trasportaturi kollha fit-territorju kollu tal-Unjoni.***

Or. cs

*Ġustifikazzjoni*

*Is-setgħat proposti huma wesgħin b'mod mhux ġustifikabbli. Jekk, skont l-Artikolu 12(2) propost, is-sistemi awtomatiċi m'għandhomx għalfejn ikunu ċċertifikati mill-Istati Membri u jservu biss biex jistabbilixxu suspett ta' reat, imbagħad mhux ċar għaliex il-proċeduri tal-kontrolli tal-preselezzjoni għandhom ikunu armonizzati bl-istess mod bħar-rekwiżiti ta' preċiżjoni u l-istruzzjonijiet għall-użu tat-tagħmir.*

**Emenda 313**
**Peter van Dalen**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ddelegati, skont l-Artikolu 16 fir-rigward ta'*** | ***imħassar*** |
| ***l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kumplimentari li jippermettu li tiġi żgurata l-interoperabilità sħiħa fil-livell tal-Unjoni, it-tagħmir abbord ta' ppeżar imsemmi fil-paragrafu 6 hawn fuq, sabiex l-awtoritajiet ta' kull Stat Membru jkunu jistgħu jikkomunikaw bl-istess mod mal-vetturi u mal-kombinazzjoni ta' vetturi rreġistrati fl-Istat Membru kollha u f'dak il-każ, tiġi skambjata informazzjoni li tkun waslet mal-awtoritajiet ta' Stati*** | |

***Membri oħrajn.***

***il-proċeduri ta' kontroll tal-preselezzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-mezzi materjali użati għall-kontrolli tal-preselezzjoni, ir-rekwiżiti tal-preċiżjoni u r-regoli tal-użu ta' dawn il-mezzi materjali. Dawn il-proċeduri, l-ispeċifikazzjonijiet u r-regoli tal-użu għandhom l-għan li jiżguraw li l-kontrolli jsiru bl-istess mod fl-Istati Membri kollha filwaqt li b'dan il-mod jiġi garantit trattament ugwali għat-trasportaturi kollha fit-territorju kollu tal-Unjoni.***

Or. nl

**Emenda 314**
**Patricia van der Kammen**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ddelegati, skont l-Artikolu 16 fir-rigward ta'*** | ***imħassar*** |
| ***l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kumplimentari li jippermettu li tiġi żgurata l-interoperabilità sħiħa fil-livell tal-Unjoni, it-tagħmir abbord ta' ppeżar imsemmi fil-paragrafu 6 hawn fuq, sabiex l-awtoritajiet ta' kull Stat Membru jkunu jistgħu jikkomunikaw bl-istess mod mal-vetturi u mal-kombinazzjoni ta' vetturi rreġistrati fl-Istat Membru kollha u f'dak il-każ, tiġi skambjata informazzjoni li tkun waslet mal-awtoritajiet ta' Stati Membri oħrajn.*** | |
| ***il-proċeduri ta' kontroll tal-preselezzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-mezzi materjali użati għall-kontrolli tal-preselezzjoni, ir-rekwiżiti tal-preċiżjoni u*** | |

***r-regoli tal-użu ta' dawn il-mezzi materjali. Dawn il-proċeduri, l-ispeċifikazzjonijiet u r-regoli tal-użu għandhom l-għan li jiżguraw li l-kontrolli jsiru bl-istess mod fl-Istati Membri kollha filwaqt li b'dan il-mod jiġi garantit trattament ugwali għat-trasportaturi kollha fit-territorju kollu tal-Unjoni.***

Or. nl

**Emenda 315**
**Corien Wortmann-Kool**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 7 – inċiż 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kumplimentari li jippermettu li tiġi żgurata l-interoperabilità sħiħa fil-livell tal-Unjoni, it-tagħmir abbord ta' ppeżar imsemmi fil-paragrafu 6 hawn fuq, sabiex l-awtoritajiet ta' kull Stat Membru jkunu jistgħu jikkomunikaw bl-istess mod mal-vetturi u mal-kombinazzjoni ta' vetturi rreġistrati fl-Istat Membru kollha u f'dak il-każ, tiġi skambjata informazzjoni li tkun waslet mal-awtoritajiet ta' Stati Membri oħrajn.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 316**
**Silvia-Adriana Țicău**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 7 – inċiż 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| il-proċeduri ta' kontroll tal-preselezzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal- | il-proċeduri ta' kontroll tal-preselezzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal- |

| | |
|---|---|
| mezzi materjali użati għall-kontrolli tal-preselezzjoni, ir-rekwiżiti tal-preċiżjoni u r-regoli tal-użu ta' dawn il-mezzi materjali. Dawn il-proċeduri, l-ispeċifikazzjonijiet u r-regoli tal-użu għandhom l-għan li jiżguraw li l-kontrolli jsiru bl-istess mod fl-Istati Membri kollha filwaqt li b'dan il-mod jiġi garantit trattament ugwali għat-trasportaturi kollha fit-territorju kollu tal-Unjoni. | mezzi materjali użati għall-kontrolli tal-preselezzjoni, ir-rekwiżiti tal-preċiżjoni u r-regoli tal-użu ***u r-regoli li jirregolaw l-approvazzjoni*** ta' dawn il-mezzi materjali. Dawn il-proċeduri, l-ispeċifikazzjonijiet u r-regoli tal-użu għandhom l-għan li jiżguraw li l-kontrolli jsiru bl-istess mod fl-Istati Membri kollha filwaqt li b'dan il-mod jiġi garantit trattament ugwali għat-trasportaturi kollha fit-territorju kollu tal-Unjoni. |

Or. ro

**Emenda 317**
**Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 12 – paragrafu 7a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Dawn il-kwistjonijiet għandhom jiġu regolati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.*** |

Or. pl

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kamp ta' applikazzjoni attwali tal-atti delegati proposti fl-Artikolu 12 huwa wiesa' wisq. Il-Kummissjoni għandha d-dritt li tiddefinixxi, fost l-oħrajn, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi addizzjonali, proċeduri għall-kontrolli tal-preselezzjoni, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, ir-rekwiżiti tal-preċiżjoni u l-istruzzjonijiet għall-użu tat-tagħmir użat għal dawn il-verifiki ta' preselezzjoni. Fil-futur, dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jikkawżaw piżijiet finanzjarji fuq il-baġits tal-Istati Membri.*

**Emenda 318**
**Oldřich Vlasák**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(12) [...]*** | ***imħassar*** |

Or. cs

*Ġustifikazzjoni*

*Id-diviżjoni proposta tar-reati hija ddettaljata ħafna u tikkostitwixxi interferenza fis-setgħat tal-Istati Membri li jagħżlu l-pieni effettivi tagħhom stess.*

**Emenda 319**
**Jacqueline Foster**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***12) [...]*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għandha tkun ir-responsabbiltà tal-Istati Membri li jiddeċiedu r-reġimi nazzjonali ta' infurzar tagħhom u l-penalitajiet li għandhom jiġu imposti.*

**Emenda 320**
**Phil Bennion**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 13 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Piż żejjed ta' bejn 10 u ***20 %*** tal-piż massimu awtorizzat fil-punti 2, 3, 4.1 u 4.3 tal-Anness 1 huwa meqjus bħala ksur gravi skont it-tifsira ta' din id-Direttiva. Dan iwassal għal sanzjoni finanzjarja u għaż-żamma immedjata tal-vettura sabiex din tinħatt sakemm tilħaq il-piż massimu awtorizzat. | Piż żejjed ta' bejn 10 u ***15 %*** tal-piż massimu awtorizzat fil-punti 2, 3, 4.1 u 4.3 tal-Anness 1 huwa meqjus bħala ksur gravi skont it-tifsira ta' din id-Direttiva. Dan iwassal għal sanzjoni finanzjarja u għaż-żamma immedjata tal-vettura sabiex din tinħatt sakemm tilħaq il-piż massimu awtorizzat. |

Or. en

**Emenda 321**
**Markus Ferber**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 13 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Piż żejjed ta' 20 % tal-piż massimu awtorizzat fil-punti 2, 3, 4.1 u 4.3 tal-Anness 1 huwa meqjus bħala ksur serju ħafna skont it-tifsira ta' din id-Direttiva, minħabba r-riskji kbar għall-utenti l-oħra tat-triq. Dan iwassal għal żamma immedjata tal-vettura sabiex din tinħatt sakemm tilħaq il-piż massimu awtorizzat flimkien ma' sanzjoni ***finanzjarja. Għandha tiġi implimentata l-proċedura tat-telf ta' rispettabbiltà tal-intrapriża tat-trasport skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) 1071/2009[14].*** | Piż żejjed ta' 20 % tal-piż massimu awtorizzat fil-punti 2, 3, 4.1 u 4.3 tal-Anness 1 huwa meqjus bħala ksur serju ħafna skont it-tifsira ta' din id-Direttiva, minħabba r-riskji kbar għall-utenti l-oħra tat-triq. Dan iwassal għal żamma immedjata tal-vettura sabiex din tinħatt sakemm tilħaq il-piż massimu awtorizzat flimkien ma' sanzjoni**.** |

***[14] (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51).***

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li l-piż żejjed ta' 5 % huwa kkunsidrat bħala reat u mhux konsegwenza legali ta' ksur ta' reati kriminali, il-frażi sanzjoni finanzjarja għandha tiġi sostituta bil-kelma sanzjoni. Apparti dan japplika immedjatament l-obbligu ta' proċediment kummerċjali legali tat-telf tar-rispettabbiltà skont ir-Regolament 1071/2009. Għalhekk referenza għal dan hija superfluwi.*

**Emenda 322**
**Phil Bennion**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 13 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Piż żejjed ta' ***20 %*** tal-piż massimu awtorizzat fil-punti 2, 3, 4.1 u 4.3 tal-Anness 1 huwa meqjus bħala ksur serju ħafna skont it-tifsira ta' din id-Direttiva, minħabba r-riskji kbar għall-utenti l-oħra tat-triq. Dan iwassal għal żamma immedjata tal-vettura sabiex din tinħatt sakemm tilħaq il-piż massimu awtorizzat flimkien ma' sanzjoni finanzjarja. Għandha tiġi implimentata l-proċedura tat-telf ta' | Piż żejjed ta' ***15 %*** tal-piż massimu awtorizzat fil-punti 2, 3, 4.1 u 4.3 tal-Anness 1 huwa meqjus bħala ksur serju ħafna skont it-tifsira ta' din id-Direttiva, minħabba r-riskji kbar għall-utenti l-oħra tat-triq. Dan iwassal għal żamma immedjata tal-vettura sabiex din tinħatt sakemm tilħaq il-piż massimu awtorizzat flimkien ma' sanzjoni finanzjarja. Għandha tiġi implimentata l-proċedura tat-telf ta' |

| | |
|---|---|
| rispettabbiltà tal-intrapriża tat-trasport skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) 1071/200914[14], | rispettabbiltà tal-intrapriża tat-trasport skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) 1071/200914[14], |
| [14] ĠU L300, 14.11.2009, p. 51. | [14] ĠU L300, 14.11.2009, p. 51. |

Or. en

**Emenda 323**
**Antonio Cancian, Carlo Fidanza**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 13 – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Tul żejjed jew wisa' żejda ta' anqas minn 2 % tad-dimensjonijiet massimi indikati fil-punt 1 tal-Anness 1 tippermetti avviż bil-miktub lill-intrapriża tat-trasport, li jista' jwassal għal sanzjoni, jekk il-liġi nazzjonali tipprevedi dan it-tip ta' sanzjoni. | Tul żejjed***, għoli żejjed*** jew wisa' żejda ta' anqas minn 2 % tad-dimensjonijiet massimi indikati fil-punt 1 tal-Anness 1 tippermetti avviż bil-miktub lill-intrapriża tat-trasport, li jista' jwassal għal sanzjoni, jekk il-liġi nazzjonali tipprevedi dan it-tip ta' sanzjoni. |

Or. it

**Emenda 324**
**Franco Frigo, David-Maria Sassoli**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 13 – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Tul żejjed ***jew*** wisa' żejda ta' anqas minn 2 % tad-dimensjonijiet massimi indikati fil-punt 1 tal-Anness 1 tippermetti avviż bil-miktub lill-intrapriża tat-trasport, li jista' jwassal għal sanzjoni, jekk il-liġi nazzjonali tipprevedi dan it-tip ta' sanzjoni. | Tul żejjed***,*** wisa' żejda ***jew għoli żejjed*** ta' anqas minn 2 % tad-dimensjonijiet massimi indikati fil-punt 1 tal-Anness 1 tippermetti avviż bil-miktub lill-intrapriża tat-trasport, li jista' jwassal għal sanzjoni, jekk il-liġi nazzjonali tipprevedi dan it-tip ta' sanzjoni. |

Or. it

**Emenda 325**
**Jörg Leichtfried**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 13 – paragrafu 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Tul żejjed jew wisa' żejda ta' bejn ***2 sa 20 %*** tad-dimensjonijiet massimi indikati fil-punt 1 tal-Anness 1, kemm jekk tal-piż imbarkat jew tal-vettura innifisha, iwasslu għal sanzjoni finanzjarja. L-awtoritajiet tal-kontroll iwaqqfu l-vettura sakemm tinħatt jekk it-tul żejjed jew il-wisa' żejda jkunu minħabba t-tagħbija, jew sakemm jinkiseb permess speċjali mill-intrapriża tat-trasport, skont l-Artikolu 4(3); | Tul żejjed jew wisa' żejda ta' bejn ***1 sa 10 %*** tad-dimensjonijiet massimi indikati fil-punt 1 tal-Anness 1, kemm jekk tal-piż imbarkat jew tal-vettura innifisha, iwasslu għal sanzjoni finanzjarja ***għall-intrapriża tat-trasport***. L-awtoritajiet tal-kontroll iwaqqfu l-vettura sakemm tinħatt jekk it-tul żejjed jew il-wisa' żejda jkunu minħabba t-tagħbija, jew sakemm jinkiseb permess speċjali mill-intrapriża tat-trasport, skont l-Artikolu 4(3); |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*It-tul żejjed jew il-wisa' żejda ġeneralment tikkonċerna xi karatteristiċi ta' kostruzzjoni ta' vettura. Għall-kuntrarju tat-tagħbija żejda tal-vettura, dan ma jistax jiġi influwenzat mis-sewwieq professjonali. L-emenda toħloq is-sigurtà legali u għalhekk tiżgura li l-awtoritajiet ma jqisux lis-sewwieq professjonali bħala responsabbli iżda l-intrapriża tat-trasport jew is-sid irreġistrat.*

**Emenda 326**
**Jörg Leichtfried**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 18 – paragrafu 8

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Tul żejjed jew wisa' żejda tat-tagħbija jew tal-vettura ta' aktar minn ***20 %*** tad-dimensjonijiet massimi indikati fil-punt 1 tal-Anness 1 huma meqjusa bħala ksur serju ħafna skont it-tifsira ta' din id-Direttiva, minħabba r-riskji kbar għall-utenti l-oħra tat-triq. Dan iwassal għal sanzjonijiet finanzjarji u għaż-żamma | Tul żejjed jew wisa' żejda tat-tagħbija jew tal-vettura ta' aktar minn ***10 %*** tad-dimensjonijiet massimi indikati fil-punt 1 tal-Anness 1 huma meqjusa bħala ksur serju ħafna skont it-tifsira ta' din id-Direttiva, minħabba r-riskji kbar għall-utenti l-oħra tat-triq. Dan iwassal għal sanzjonijiet finanzjarji ***għall-intrapriża tat-*** |

| | |
|---|---|
| immedjata tal-vettura min-naħa tal-awtoritajiet tal-kontroll, sakemm tinħatt il-vettura jew sakemm jinkiseb permess speċjali mill-intrapriża tat-trasport skont l-Artikolu 4(3) jekk it-tul żejjed jew il-wisa' żejda jkunu minħabba t-tagħbija. Għandha tiġi implimentata l-proċedura tat-telf ta' rispettabbiltà tal-intrapriża tat-trasport skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) 1071/2009. | ***trasport*** u għaż-żamma immedjata tal-vettura min-naħa tal-awtoritajiet tal-kontroll, sakemm tinħatt il-vettura jew sakemm jinkiseb permess speċjali mill-intrapriża tat-trasport skont l-Artikolu 4(3) jekk it-tul żejjed jew il-wisa' żejda jkunu minħabba t-tagħbija. Għandha tiġi implimentata l-proċedura tat-telf ta' rispettabbiltà tal-intrapriża tat-trasport skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) 1071/2009. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*It-tul żejjed jew il-wisa' żejda ġeneralment tikkonċerna xi karatteristiċi tal-kostruzzjoni, li ma jistgħux jiġu influwenzati mis-sewwieq professjonali. L-emenda toħloq is-sigurtà legali u għalhekk tiżgura li s-sid irreġistrat jew l-intrapriża tat-trasport bħala responsabbli mill-awtoritajiet u mhux is-sewwieq professjonali.*

**Emenda 327**
**Oldřich Vlasák**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12a (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 13

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12a) L-Artikolu 13 għandu jinbidel b'dan li ġej:*** |
| | ***Artikolu 13*** |
| | ***L-Istati Membri għandhom, f'konformità mal-arranġamenti kostituzzjonali nazzjonali, jistabbilixxu regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Dawk il-pieni għandhom ikunu effettivi, proporzjonali, dissważivi u nondiskriminatorji u f'konformità mal-kategoriji tal-ksur kif definiti fid-Direttiva 2006/22/KE.*** |

Or. cs

*Ġustifikazzjoni*

*Id-diviżjoni proposta tar-reati hija ddettaljata ħafna u tikkostitwixxi interferenza fis-setgħat tal-Istati Membri li jagħżlu l-pieni effettivi tagħhom stess.*

**Emenda 328**
**Anne E. Jensen**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 14

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għat-trasport ***tal-kontejners***, il-burdnar jagħti lit-trasportatur tat-triq, fdat bit-trasport tal-kontejner min-naħa tal-burdnar, dikjarazzjoni li tindika l-piż ***tal-kontejner ittrasportat***. Il-burdnar ikun responsabbli f'każ li ***din*** l-informazzjoni tkun nieqsa jew żbaljata, u t-trasportatur huwa responsabbli f'każ ta' tagħbija żejda tal-vettura. | Għat-trasport ***ta' merkanzija***, ***inkluż kontejners, kaxex skambjabbli jew kwalunkwe tagħbija oħra,*** il-burdnar jagħti lit-trasportatur tat-triq, fdat bit-trasport tal-kontejner min-naħa tal-burdnar, ***qabel it-tagħbija,*** dikjarazzjoni ***bil-miktub*** li tindika l-piż ***gross tat-tagħbija ttrasportata***. ***Din id-dikjarazzjoni tista' tiġi ppreżentata b'mezzi elettroniċi. Irrispettivament mill-forma tiegħu, id-dokument li jiddikjara l-piż gross tat-tagħbija għandu jiġi ffirmat minn persuna awtorizzata kif suppost mill-burdnar.*** Il-burdnar ikun responsabbli f'każ li l-informazzjoni ***dwar il-piż gross tat-tagħbija*** tkun nieqsa jew żbaljata, u t-trasportatur huwa responsabbli f'każ ta' tagħbija żejda tal-vettura. ***Fl-operazzjonijiet ta' trasport intermodali, l-informazzjoni dwar il-piż gross ta' unità ta' tagħbija intermodali mimlija, inkluż kontejner u/jew kaxxa skambjabbli, għandha tiġi pprovduta lill-parti li jkun imissha tiegħu l-kustodja tal-unità ta' tagħbija intermodali.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-responsabbiltà konġunta tal-burdnar m'għandhiex tkun limitata biss għat-trasport tal-kontejners iżda għandha tinkludi t-trasport ta' kull tagħbija.*

**Emenda 329**
**Markus Ferber**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 14

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għat-trasport tal-kontejners, il-burdnar jagħti lit-trasportatur tat-triq, fdat bit-trasport tal-kontejner min-naħa tal-burdnar, dikjarazzjoni li tindika l-piż tal-kontejner ittrasportat. Il-burdnar ikun responsabbli f'każ li din l-informazzjoni tkun nieqsa jew żbaljata, u ***t-trasportatur huwa responsabbli*** f'każ ta' tagħbija żejda tal-vettura. | Għat-trasport tal-kontejners, il-burdnar jagħti lit-trasportatur tat-triq, fdat bit-trasport tal-kontejner min-naħa tal-burdnar, dikjarazzjoni li tindika l-piż tal-kontejner ittrasportat. Il-burdnar ikun responsabbli f'każ li din l-informazzjoni tkun nieqsa jew żbaljata, u f'każ ta' tagħbija żejda tal-vettura ***bħall-fergħat kollha tat-trasport li huma involuti fit-trasport***. |

Or. de

**Emenda 330**
**Gesine Meissner**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 14

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għat-trasport ***tal-kontejners***, il-burdnar jagħti lit-trasportatur tat-triq, fdat bit-trasport tal-kontejner min-naħa tal-burdnar, dikjarazzjoni li tindika l-piż tal-kontejner ittrasportat. Il-burdnar ikun responsabbli f'każ li ***din*** l-informazzjoni tkun nieqsa jew żbaljata, u t-trasportatur huwa responsabbli f'każ ta' tagħbija żejda tal-vettura. | Għat-trasport ***ta' merkanzija***, ***inkluż kontejners, kaxex skambjabbli jew kwalunkwe tagħbija oħra,*** il-burdnar jagħti lit-trasportatur tat-triq, fdat bit-trasport tal-kontejner min-naħa tal-burdnar, dikjarazzjoni ***bil-miktub*** li tindika l-piż ***gross*** tal-kontejner ittrasportat. ***Din id-dikjarazzjoni tista' tiġi ppreżentata b'mezzi elettroniċi. Irrispettivament mill-forma tiegħu, id-dokument li jiddikjara l-piż gross tat-tagħbija għandu jiġi ffirmat minn persuna awtorizzata kif suppost mill-burdnar.*** Il-burdnar ikun responsabbli f'każ li l-informazzjoni ***dwar il-piż gross tat-tagħbija*** tkun nieqsa jew żbaljata, u t-trasportatur huwa responsabbli f'każ ta' tagħbija żejda tal-vettura. ***Fl-*** |

| | |
|---|---|
| | ***operazzjonijiet ta' trasport intermodali, l-informazzjoni dwar il-piż gross ta' unità ta' tagħbija intermodali mimlija, inkluż kontejner u/jew kaxxa skambjabbli, għandha tiġi pprovduta lill-parti li jkun imissha tieħu l-kustodja tal-unità ta' tagħbija intermodali.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-responsabbiltà konġunta tal-burdnar m'għandhiex tkun limitata biss għat-trasport tal-kontejners iżda għandha tinkludi t-trasport ta' kull tagħbija.*

**Emenda 331**
**Patricia van der Kammen**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 15

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Kull sentejn, fl-ewwel trimestru tas-sena kalendarja, l-Istati Membri jippreżentaw rapport lill-Kummissjoni dwar il-kontrolli li jkunu twettiqu matul is-sentejn kalendarji ta' qabel, ir-riżultati ta' dawn il-kontrolli, u s-sanzjonijiet applikati fuq min ikun wettaq il-ksur. Il-Kummissjoni tistabbilixxi analiżi ta' dawn ir-rapporti u tibgħatha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fit-tieni trimestru tas-sena kalendarju.*** | ***imħassar*** |

Or. nl

**Emenda 332**
**Jacqueline Foster**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 16 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Is-setgħa li tadotta atti ddelegati | Is-setgħa li tadotta atti ddelegati msemmija |

| | |
|---|---|
| msemmija ***fl-Artikolu 8***(4)***, fl-Artikolu 9***(5) ***u fl-Artikolu 12(7) tingħata*** lill-Kummissjoni għal ***tul indeterminat*** ta' ***żmien*** li jibda mill-[data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. | ***fl-Artikoli 8***(4) ***u fl-Artikolu 9***(5) ***għandha tiġi kkonferita*** lill-Kummissjoni għal ***perijodu massimu*** ta' ***5 snin*** li jibda mill-[data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*It-tul ta' żmien meħtieġ sabiex il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati, m'għandux ikun indeterminat.*

**Emenda 333**
**Silvia-Adriana Țicău**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 16 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Is-setgħa li tadotta atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 8(4), fl-Artikolu 9(5) u fl-Artikolu 12(7) tingħata lill-Kummissjoni għal ***tul indeterminat*** ta' ***żmien*** li jibda mill-[data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. | Is-setgħa li tadotta atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 8(4), fl-Artikolu 9(5) u fl-Artikolu 12(7) tingħata lill-Kummissjoni għal ***perjodu*** ta' ***seba' snin*** li jibda mill-[data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tas-setgħa ddelegata mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' seba' snin. Is-setgħa ddelegata għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' tul identiku, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonawx għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perjodu.*** |

Or. ro

**Emenda 334**
**Jacqueline Foster**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 16 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-għoti tas-setgħa msemmi ***fl-Artikolu 8***(4) u ***fl-Artikolu 9***(5) ***u fl-Artikolu 12(7),*** jista' jiġi rrevokat f'kull ħin mill-Parlament Ewropew ***u*** mill-Kunsill. Id-deċiżjoni ta' revoka ttemm l-għoti tas-setgħat ippreċiżati. Hi tibda tapplika mill-ewwel jum wara dak tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, jew f'data oħra li tippreċiża. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att iddelegat li jkun diġà fis-seħħ. | L-għoti tas-setgħa msemmi ***fl-Artikoli 8***(4) u ***9***(5) jista' jiġi rrevokat f'kull ħin mill-Parlament Ewropew ***jew*** mill-Kunsill. Id-deċiżjoni ta' revoka ttemm l-għoti tas-setgħat ippreċiżati. Hi tibda tapplika mill-ewwel jum wara dak tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, jew f'data oħra li tippreċiża. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att iddelegat li jkun diġà fis-seħħ. |

Or. en

**Emenda 335**
**Jacqueline Foster**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 16 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Att iddelegat, adottat skont l-Artikolu 8(4) u l-Artikolu 9(5) ***u l-Artikolu 12(7)***, jidħol biss fis-seħħ jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jkunux oġġezzjonaw fi żmien xahrejn min-notifika ta' dan l-att liż-żewġ istituzzjonijiet jew jekk, qabel ma tkun għaddiet id-data ta' skadenza, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li ma joġġezzjonawx. Din l-iskadenza tista' titwal b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. | Att iddelegat, adottat skont l-Artikolu 8(4) u l-Artikolu 9(5), jidħol biss fis-seħħ jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jkunux oġġezzjonaw fi żmien xahrejn min-notifika ta' dan l-att liż-żewġ istituzzjonijiet jew jekk, qabel ma tkun għaddiet id-data ta' skadenza, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li ma joġġezzjonawx. Din l-iskadenza tista' titwal b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. |

Or. en

**Emenda 336**
**Jörg Leichtfried**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15a (ġdid)**

Direttiva 96/53/KE

Artikolu 16a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15a) Jiżdied l-Artikolu 16a li ġej:*** |
| | ***Artikolu 16a*** |
| | ***Mhux aktar tard minn [ħames snin mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-effetti ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari rigward l-impatt ta' din id-Direttiva fuq l-ispustament modali.*** |

Or. en

**Emenda 337**
**Bogusław Liberadzki**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15a (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Artikolu 16a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15a) Jiżdied l-Artikolu 16a li ġej:*** |
| | ***Artikolu 16a*** |
| | ***Sal-01.01.2016 il-Kummissjoni għandha tlesti reviżjoni ta' din id-Direttiva u, jekk ikun xieraq, fuq bażi ta' din ir-reviżjoni u l-valutazzjoni tal-impatt tagħha, għandha tissottometti proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-01.01.2017, għall-awtorizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' sikurezza stabbiliti bl-Artikolu 9.2 għall-vetturi M2 u M3 ġodda kollha.*** |

Or. en

**Emenda 338**
**Bogusław Liberadzki**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 – punt aa (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Anness I – punt 1.1 – inċiż 8a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) Għandu jiżdied il-punt li ġej: "trasportaturi ta' vetturi b'tagħbija: 20.75m"*** |

Or. en

**Emenda 339**
**Jim Higgins, Phil Prendergast, Gesine Meissner, Dominique Riquet, Alain Cadec, Petri Sarvamaa**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 – punt aa (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Anness I – punt 1.1 – inċiż 8a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) Għandu jiżdied il-punt li ġej:*** <br> ***trasportaturi ta' vetturi b'tagħbija: 20.75 m*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Tul b'tagħbija armonizzat għat-trasportaturi ta' vetturi speċjalizzati ta' minimu ta' 20.75 m fl-UE kollha jfisser differenza li tasal sa 3 karozzi mgħobbija fuq trasportatur uniku (minn 6 sa 9), li jirriżulta f'żieda tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil, inqas trakkijiet meħtieġa għall-istess volum ta' tagħbija, inqas kostijiet (esterni) u inqas $CO_2$ għal kull karozza ġdida ttrasportata. Billi dawn il-vetturi diġà huma permessi fil-parti l-kbira tat-territorji nazzjonali fl-UE, ma hemm l-ebda riskju addizzjonali dwar is-sikurezza tat-triq jew il-kapaċitajiet tal-infrastrutturi.*

**Emenda 340**
**Peter van Dalen**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 – punt aa (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Anness I – punt 1.1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) Punt 1.1, 18.75, huwa mibdul b': 25.25*** |

Or. nl

**Emenda 341**
**Jörg Leichtfried**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 - punt b**
Direttiva 96/53/KE
Anness I - punt 2.2.2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Vettura bil-mutur bi 3 fusijiet b'semitrejler li jkollu 2 jew 3 fusijiet u li jkun qed ***jitrasporta***, fi trasport ***intermodali***, unità waħda jew aktar ta' trasport intermodali, għal tul massimu totali ta' 40 jew 45 pied: 44 tunnellata. | Vettura bil-mutur bi 3 fusijiet b'semitrejler li jkollu 2 jew 3 fusijiet u li jkun qed ***jittrasporta***, fi trasport ***kombinat***, unità waħda jew aktar ta' trasport intermodali, għal tul massimu totali ta' 40 jew 45 pied: 44 tunnellata. |

Or. de

**Emenda 342**
**Carlo Fidanza, Antonio Cancian**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 – punt b**
Direttiva 96/53/KE
Anness 1 – punt 2.2.2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Vettura bil-mutur ***bi 3 fusijiet*** b'semitrejler li jkollu 2 jew ***3 fusijiet*** u li jkun qed ***jitrasporta***, fi trasport intermodali, unità waħda jew aktar ta' trasport intermodali, għal tul massimu totali ta' ***40 jew 45 pied: 44 tunnellata***. | Vettura bil-mutur b'***2 jew 3 fusijiet b'***semitrejler li jkollu 2 jew ***3 fusijiet*** u li jkun qed ***jittrasporta***, fi trasport intermodali, unità waħda jew aktar ta' trasport intermodali, għal tul massimu totali ta' ***45 pied: 44 tunnellata***. |

Or. it

**Emenda 343**
**Markus Ferber**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 - punt b**
Direttiva 96/53/KE
Anness I - punt 2.2.2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Vettura bil-mutur bi 3 fusijiet b'semitrejler li jkollu 2 jew 3 fusijiet u li jkun qed ***jitrasporta***, fi trasport intermodali, unità waħda jew aktar ta' trasport intermodali, ***għal*** tul massimu ***totali*** ta' ***40 jew*** 45 pied: 44 tunnellata. | Vettura bil-mutur bi 3 fusijiet b'semitrejler li jkollu 2 jew 3 fusijiet u li jkun qed ***jittrasporta***, fi trasport intermodali, unità waħda jew aktar ta' trasport intermodali, ***skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva (pereżempju kaxex skambjabbli, kontejners b'***tul massimu ta' 45 pied***)***: 44 tunnellata. |

Or. de

**Emenda 344**
**Franco Frigo, David-Maria Sassoli**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 – punt b**
Direttiva 96/53/KE
Anness 1 – punt 2.2.2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Vettura bil-mutur ***bi 3 fusijiet*** b'semitrejler li jkollu 2 jew ***3 fusijiet*** u li jkun qed ***jitrasporta***, fi trasport intermodali, unità waħda jew aktar ta' trasport intermodali, għal tul massimu totali ta' ***40 jew 45 pied: 44 tunnellata***. | Vettura bil-mutur b'***2 jew 3 fusijiet b'***semitrejler li jkollu 2 jew ***3 fusijiet*** u li jkun qed ***jittrasporta***, fi trasport intermodali, unità waħda jew aktar ta' trasport intermodali, għal tul massimu totali ta' ***45 pied: 44 tunnellata***. |

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*Il-previżjoni ta' fus ieħor għall-vettura tfisser żieda fl-ispiża, reżistenza akbar għat-tidwir u konsum akbar b'konsegwenza ta' żieda fl-emissjonijiet. It-tul massimu ta' 45 pied huwa biżżejjed.*

**Emenda 345**
**Silvia-Adriana Țicău**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 – punt b**

Direttiva 96/53/KE
Annes I – Punt 2.2.2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Vettura bil-mutur bi 3 fusijiet b'semitrejler li jkollu 2 jew 3 fusijiet u li jkun qed ***jitrasporta***, fi trasport intermodali, unità waħda jew aktar ta' trasport intermodali, għal tul massimu totali ta' 40 ***jew 45*** pied: 44 tunnellata. | Vettura bil-mutur bi 3 fusijiet b'semitrejler li jkollu 2 jew 3 fusijiet u li jkun qed ***jittrasporta***, fi trasport intermodali, unità waħda jew aktar ta' trasport intermodali, għal tul massimu totali ta' 40 pied: 44 tunnellata. |

Or. ro

**Emenda 346**
**Jim Higgins, Phil Prendergast, Gesine Meissner**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 – punt ab (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Anness I – punt 1.4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ab) Il-punt 1.4 jinbidel bid-dispożizzjoni li ġejja:*** ***1.4 Superstrutturi u oġġetti tal-merkanzija standardizzati li jistgħu jitneħħew bħal kontejners huma inklużi fid-dimensjonijiet speċifikati fil-punti 1.1, 1.2, 1.3, 1.6, 1.7, 1.8 u 4.4. Minħabba n-natura indiviżibbli tal-vetturi rfinuti bħal karozzi ġodda mgħobbija fuq trasportaturi speċjalizzati, dawn it-trasportaturi b'tagħbija jistgħu jaqbżu d-dimensjonijiet fil-punt 1.1 sal-punt permess mir-regolamenti u l-kundizzjonijiet tal-infrastruttura u sakemm dawn it-trasportaturi ta' vetturi, meta jkunu vojta, jikkonformaw bis-sħiħ mal-punti msemmija hawn fuq.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Iż-"żona griża" attwali fid-Direttiva 96/53/KE rigward id-differenzjazzjoni bejn tul*

*b'tagħbija u tul mingħajr tagħbija għall-vetturi tista' tiġi rimedjata billi jiġi ċċarat li t-trasportaturi tal-vetturi huma permessi jgħabbu vetturi rfinuti bħal karozzi ġodda sal-kapaċità ottimali tagħhom – sal-punt permess mir-regolamenti u l-kundizzjonijiet tal-infrastruttura nazzjonali – sakemm jikkonformaw mal-limitu attwali ta' 18.75 m meta jkunu vojta. Dawn il-vetturi ma jistgħux jibbenefikaw minn tibdil ajrudinamiku skont id-Direttiva l-ġdida.*

**Emenda 347**
**Peter van Dalen**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 – punt ba (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Anness I – punt 2.2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) Għandu jiddaħħal il-punt 2.2*** <br> ***- Ecocombis 60 t*** |

Or. nl

**Emenda 348**
**Philippe De Backer**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 –punt c**
Direttiva 96/53/KE
Anness I – punt 2.3.1 – inċiż 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***"Vetturi bil-mutur b'żewġ fusijiet li mhumiex xarabank u bi propulsjoni ibrida jew elettrika: 19-il tunnellata."*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għall-introduzzjoni ta' approċċ aktar newtrali mil-lat teknoloġiku li jinkludi l-vetturi u x-xarabanks kollha, għandu jiddaħħal il-punt 2.5.*

**Emenda 349**
**Oldřich Vlasák**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 –punt c**
Direttiva 96/53/KE
Anness I – punt 2.3.1 – inċiż 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| vetturi bil-mutur b'żewġ fusijiet li mhumiex xarabank u bi propulsjoni ibrida jew elettrika: ***19-il tunnellata*** | vetturi bil-mutur b'żewġ fusijiet li mhumiex xarabank u bi propulsjoni ibrida jew elettrika: ***18-il tunnellata*** |

Or. cs

*Ġustifikazzjoni*

*Minħabba l-inevitabbiltà li fil-futur jkollna nissostitwixxu l-fjuwils fossili b'fjuwils alternattivi, mhux xieraq li tintroduċi eżenzjonijiet dwar il-piż massimu permess. Eżenzjoni għall-vetturi li jużaw il-fjuwil alternattiv fl-aħħar twassal għal żieda ġenerali fil-piż tal-vetturi, bl-effetti kollha negattivi assoċjati li din ikollha fuq il-qagħda tal-infrastruttura tat-trasport.*

**Emenda 350**
**Hubert Pirker**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 - punt c**
Direttiva 96/53/KE
Anness I - punt 2.3.1 - inċiż 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Xarabank b'żewġ fusijiet: ***19-il tunnellata***. | Xarabank b'żewġ fusijiet: ***19.5 tunnellati***. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Tagħmir addizzjonali għat-titjib tas-sikurezza tat-trasport, għas-sodisfar tar-rekwiżiti għall-faċilitazzjoni tal-aċċess għal persuni li għandhom mobbiltà ristretta kif ukoll tagħmir għat-titjib tal-ħarsien ambjentali u tal-kumdità tas-sewqan jeħtieġu adattament xieraq tal-piż massimu awtorizzat għal xarabank b'żewġ fusijiet. Hekk biss jista' jkun żgurat li s-settur jista' jibqa' jforni servizzi ta' kwalità u fl-istess ħin jagħmel użu sħiħ tal-kapaċitajiet tax-xarabanks.*

**Emenda 351**
**Dieter-Lebrecht Koch**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 - punt c**
Direttiva 96/53/KE
Anness I - punt 2.3.1 - inċiż 3

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Xarabank b'żewġ fusijiet: ***19 tunnellata***. | Xarabank b'żewġ fusijiet: ***19.5 tunnellati***. |

Or. de

**Emenda 352**
**Ismail Ertug**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 - punt c**
Direttiva 96/53/KE
Anness I - punt 2.3.1 - inċiż 3

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Xarabank b'żewġ fusijiet: ***19 tunnellata***. | Xarabank b'żewġ fusijiet: ***19.5 tunnellati***. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Iż-żieda tal-piż totali massimu ta' xarabanks b'żewġ fusijiet għal 19.5 tunnellati hija xierqa, sabiex ikunu kkunsidrati r-rekwiżiti tal-vetturi applikabbli (is-sigurtà, il-partijiet li jnaqqsu l-istorbju, il-miżuri li jtejbu l-ħarsien tal-ambjent) u ż-żieda fil-piż ta' xarabanks vojta li dawn iġibu magħhom.*

**Emenda 353**
**Markus Ferber**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 - punt c**
Direttiva 96/53/KE
Anness I - punt 2.3.1 - inċiż 3

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Xarabank b'żewġ fusijiet: ***19 tunnellata***. | Xarabank b'żewġ fusijiet: ***19.5 tunnellati***. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Biż-żieda kostanti fil-piż tax-xarabanks vojta bħala riżultat ta' tiġdid teknoloġiku, il-piż massimu totali ta' xarabanks b'żewġ fusijiet għandu jiżdied għal 19.5 tunnellati, sabiex il-vetturi ma jkunux ristretti fir-rigward tal-prestazzjoni jew il-kapaċità għall-passiġġieri. Inkella dan jippreskludi l-miri tal-effiċjenza u tal-ħarsien ambjentali li jinsabu fil-proposta tad-Direttiva.*

**Emenda 354**
**Corien Wortmann-Kool, Petri Sarvamaa**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 –punt c**
Direttiva 96/53/KE
Anness I – punt 2.3.1 – inċiż 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| xarabank b'żewġ fusijiet: ***19-il tunnellata."*** | xarabank b'żewġ fusijiet: ***19.5 tunnellati*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni Ewropea kkonkludiet li minn perspettiva ta' sikurezza kif ukoll minn dik ambjentali, jeżisti kunsens li l-piż massimu awtorizzat tal-kowċis tat-turs b'żewġ fusijiet għandu jkun ta' 19.5 tunnellati minflok 19-il tunnellata.*

**Emenda 355**
**Georges Bach**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 –punt c**
Direttiva 96/53/KE
Anness I – punt 2.3.1 – inċiż 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| xarabank b'żewġ fusijiet: ***19-il*** tunnellata | xarabank b'żewġ fusijiet: ***20*** tunnellata |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-piż massimu għandu jiġi adattat għall-ammeljoramenti teknoloġiċi l-aktar reċenti tax-xarabanks dwar is-sikurezza, il-miżuri ambjentali u l-aċċess għall-persuni b'mobilità mnaqqsa.*

**Emenda 356**
**Mathieu Grosch**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 –punt c**
Direttiva 96/53/KE
Anness I – punt 2.3.1 – inċiż 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| xarabank b'żewġ fusijiet: ***19-il tunnellata*** | xarabank b'żewġ fusijiet: ***19.5 tunnellati*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-piż massimu tax-xarabanks b'żewġ fusijiet għandu jiżdied għal 19.5 tunnellati sabiex jiġu kkunsidrati d-dimensjonijiet differenti bħal żieda fil-piż tal-passiġġieri u tal-bagalji, titjib teknoloġiku (teknoloġiji aktar ekoloġiċi u aktar sikuri għall-persuni b'diżabilità, eċċ) li jwasslu għal żieda fil-piż totali tal-vettura.*

**Emenda 357**
**Thomas Ulmer**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 - punt c**
Direttiva 96/53/KE
Anness I - punt 2.3.1 - inċiż 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Xarabank b'żewġ fusijiet: ***19 tunnellata***. | Xarabank b'żewġ fusijiet: ***19.5 tunnellati***. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Bl-introduzzjoni ta' sistemi ta' prestazzjoni ogħla għall-kontroll tal-emissjonijiet jiżdied ukoll il-piż totali tal-vettura.*

**Emenda 358**
**Phil Bennion**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 –punt ca (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Anness I – punt 2.3.4 (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) Għandu jiżdied il-punt li ġej:*** |
| | ***2.3.4 Teknoloġiji b'livell baxx tal-karbonju: il-piż massimu huwa dak imsemmi fil-punt 2.3.1,2.3.2 jew 2.3.3 miżjud bil-piż addizzjonali meħtieġ għat-teknoloġija b'livell baxx tal-karbonju,*** |

| | |
|---|---|
| | ***b'massimu ta' tunnellata waħda. Dak il-piż addizzjonali għandu jiġi ċċertifikat u indikat fid-dokumenti ta' reġistrazzjoni uffiċjali tal-vettura bil-mutur maħruġa mill-Istat Membru fejn il-vettura hija rreġistrata. F'każijiet fejn din l-informazzjoni hija nieqsa, iċ-ċifri msemmija fil-punti 2.1, 2.3.2 jew 2.3.3 għandhom japplikaw.*** |

Or. en

**Emenda 359**
**Philippe De Backer**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 –punt ca (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Anness I – punt 2.5 (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) Għandu jiżdied il-punt li ġej:*** |
| | ***'2.5. Vetturi li jaħdmu bi fjuwils alternattivi: il-piż massimu huwa l-piż imsemmi fil-punti 2.3  u 2.4 tal-Anness I, miżjud bil-piż addizzjonali meħtieġ għall-modulu ta' propulsjoni addizzjonali, b'massimu ta' tunnellata waħda.  Dak il-piż addizzjonali għandu jiġi indikat fid-dokumenti ta' reġistrazzjoni uffiċjali tal-vettura bil-mutur maħruġa mill-Istat Membru fejn il-vettura hija rreġistrata. F'każijiet fejn din l-informazzjoni hija nieqsa, iċ-ċifri msemmija fil-punti 2.3 u 2.4 għandhom japplikaw."*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tintroduċi approċċ aktar newtrali mil-lat teknoloġiku. Il-vetturi bil-mutur kollha li jaħdmu bi fjuwils alternattivi, inklużi x-xarabanks kollha, għandhom jiġu inklużi. Kollha għandhom jitħallew iżidu l-piż b'massimu ta' tunnellata waħda. Din it-tunnellata addizzjonali m'għandhiex tkun limitata għall-vetturi b'żewġ fusijiet biss, billi dan jista' jimplika l-limitazzjoni tal-introduzzjoni ta' innovazzjonijiet effiċjenti fl-użu tal-fjuwils għall-ambjent urban jew suburban. Il-leġiżlazzjoni m'għandhiex tirrestrinġi l-introduzzjoni ta' innovazzjonijiet għal ċerti tipi ta' vetturi.*

**Emenda 360**
**Mathieu Grosch, Dieter-Lebrecht Koch**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 – punt ca (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Anness I – punt 2.3.4 (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) Għandu jiżdied il-punt li ġej:*** |
| | ***2.3.4 Vetturi li jaħdmu bi fjuwils alternattivi: il-piż massimu huwa dak imsemmi fil-punt 2.3.1, 2.3.2 jew 2.3.3 miżjud bil-piż addizzjonali meħtieġ għall-modulu ta' propulsjoni alternattiva, b'massimu ta' 1.5 tunnellati.. Dak il-piż addizzjonali għandu jiġi indikat fid-dokumenti ta' reġistrazzjoni uffiċjali tal-vettura bil-mutur maħruġa mill-Istat Membru fejn il-vettura hija rreġistrata. F'każijiet fejn din l-informazzjoni hija nieqsa, iċ-ċifri msemmija fil-punti 2.3.1., 2.3.2 jew 2.3.3 għandhom japplikaw.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-għażla għal teknoloġija alternattiva tal-magni għall-vetturi li jaħdmu bi fjuwils alternattivi għandha tkun newtrali. Biż-żieda tal-piż massimu għal dawn it-teknoloġiji għal 1.5 tunnellati, tippermetti r-rispett tal-possibbiltà tal-għażla.*

**Emenda 361**
**Markus Ferber**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Anness I - punt 1.1 - inċiż 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16a) il-punt 1.1 inċiż 3 "vettura artikulata" għandu jiġi sostitwit minn dan li ġej:*** |
| | ***- vettura artikulata 17.85 m*** |

Or. de

**Emenda 362**
**Jim Higgins, Jacqueline Foster, Phil Prendergast**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Anness I – punt 1.3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(16a) Il-punt 1.3 jinbidel b'"L-għoli massimu ta' kwalunkwe vettura għandu jiġi deċiż mill-Istati Membri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jinvolvu ruħhom fi ftehimiet bilaterali li jippermettu li vetturi ta' għoli li dwaru jkun intlaħaq qbil jiċċirkulaw fit-territorji ta' xulxin, sakemm ikun permess mill-infrastruttura"*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri li l-infrastruttura tagħhom hija mibnija biex tippermetti l-użu ta' vetturi ta' ċertu għoli m'għandhomx ma jitħallewx ikunu involuti f'kummerċ transfruntier effiċjenti mil-leġiżlazzjoni Ewropea.*

**Emenda 363**
**Gesine Meissner**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Anness I – punt 1.1 – inċiż 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(16a) Il-punt 1.1, l-inċiż 3 qed jiġi sostitwit b'dan li ġej:*** |
| | ***vettura artikolata: 17.85 m*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-estensjoni tat-tul massimu tal-vettura artikolata b'1.35 m tippermetti aktar kombinazzjonijiet li jistgħu jgħinu fil-promozzjoni tat-trasport intermodali. Mhux biss ikun jista' jiġi mgħobbi kontejner ta' 45 pied, iżda wkoll kontejner ta' 48 pied jew żewġ kaxex skambjabbli tal-kategorija C 745. Vettura artikolata ta' tul ta' 17.85 m xorta waħda tkun iqsar billi t-tul massimu awtorizzat għall-ferroviji tat-triq huwa ta' 18.75 m.*

**Emenda 364**
**Markus Ferber**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1b (ġdid)**
Direttiva 96/53/KE
Anness I – punt 1.6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(16b) il-punt 1.6 għandu jiġi sostitwit minn dan li ġej:*** |
| | ***- id-distanza massima bejn il-fus tal-pern ewlieni tal-ħames rota u t-tarf nett tas-semitrejler 13.35 m*** |

Or. de

**Emenda 365**
**Carlo Fidanza**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***L-Artikolu 1(7) m'għandux japplika qabel l-1 ta' Jannar 2025.*** |

Or. en